

Brussell, 17 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12491/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0269(NLE)

ECOFIN 1126
UEM 424
FIN 1026
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS tad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan tal-irkupru u r-reżiljenza għal Portugall

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni emendatorja tal-Kunsill.

SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. IL-KOMPONENT 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi li s-sistema tas-saħħa Portugiża bħalissa qed tiffaċċja fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa attwali u li qed jevolvu u l-kostijiet assoċjati. L-ewwel nett, ix-xejriet demografiċi avversi tal-Portugall — ikkaratterizzati minn tixjiħ aċċellerat u ħtiġijiet sussegwenti ta' kura fit-tul — jikkoinċidu ma' xejriet ta' mard li qed jinbidlu, piż dejjem akbar ta' mard kroniku u deġenerattiv, kif ukoll il-multimorbidità gradwalment isiru aktar prominenti. It-tieni, għad hemm mortalità konsiderevoli li tista' tiġi evitata fil-Portugall u għadd relattivament baxx ta' snin ta' ħajja b'saħħitha fl-età ta' 65 sena. It-tielet, hemm lok disponibbli biex issir enfasi akbar fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, flimkien mal-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-lakuni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa. Ir-raba', il-pagamenti mill-but għall-kura tas-saħħa huma fost l-ogħla fl-UE u l-piż finanzjarju rrapportat tal-kura medika huwa relattivament għoli. Fl-aħħar nett, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall ilu jiffaċċja sitwazzjoni finanzjarja diffiċli għal għadd ta' snin. B'mod partikolari, il-Portugall għandu rekord ta' salvataġġ rikorrenti ta' sptarijiet pubbliċi mill-gvern, li ma rnexxilux jevita ċiklu sistematiku ta' dejn tal-isptarijiet, b'effetti indiretti fuq ir-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista.

L-oġettiv ewlieni tal-komponent huwa li jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall, bil-ħsieb li jirrispondi għall-bidliet demografiċi u epidemjoloġiċi fil-pajjiż, għall-innovazzjoni terapewtika u teknoloġika, u għax-xejra ta' żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa u l-ispejjeż assoċjati. Għal dan l-għan, il-komponent għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol ewlieni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fi ħdan l-arkitettura ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, itejjeb is-servizzi tal-kura tas-saħħa fit-tul u mentali, u jżid l-effiċjenza billi jlesti r-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi u jmexxi 'l quddiem id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tal-kontroll ġenerali tan-nefqa, il-kosteffiċjenza u l-ibbaġitjar adegwat, b'enfasi fuq tnaqqis fit-tul tal-arretrati fl-isptarijiet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma RE-r01: Riforma tal-kura tas-saħħa primarja

L-oġġettiv ġenerali tar-riforma huwa li jissaħħa ir-rwol ewlieni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fir-rispons għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni fi ħdan l-arkitettura ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Għal dak l-għan, ir-riforma għandha l-għan li tindirizza sitt prijoritajiet: I) l-approfondiment tal-kapaċità għall-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija, jiġifieri tal-aktar patoloġiji frekwenti; II) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tal-kura primarja permezz tal-ħolqien ta' ċentri tas-saħħa aktar proattivi b'portafoll tas-servizzi estiż u oqsma ta' intervent, kif ukoll aktar integrati ma' livelli oħra ta' kura, u bl-aġġustament tal-proċessi għall-karatteristiċi individwali ta' kull utent u l-perkors tal-ħajja relatat, it-tnaqqis tal-varjabbiltà għolja tal-prattiki kliniċi (inkluż f'termini ta' preskrizzjoni ta' medikazzjoni outpatient), it-titjib tar-riferiment kliniku bejn livelli differenti ta' kura tas-saħħa, u t-tiftix ta' kisbiet fl-effiċjenza billi tiġi limitata d-duplikazzjoni tas-servizzi jew il-forniment ta' kura ineffettiva, inadegwata jew ta' valur baxx; III) il-korrezzjoni tal-asimmetriji reġjonali u lokali f'termini ta' faċilitajiet u tagħmir disponibbli fis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja; IV) l-appoġġ għar-risponsi bbażati fil-komunità u l-ħolqien ta' programmi ta' appoġġ għall-utenti u l-familji tagħhom, bl-involviment aħjar taċ-ċittadini u l-komunitajiet, inkluż permezz tat-tlestija tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet tas-saħħa mill-gvernijiet ċentrali għal daww lokali; V) it-tisħiħ tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, it-tisħiħ tal-ħidma multidixxiplinari f'tim u l-espanzjoni tal-għadd ta' professjonisti, inkluż ta' speċjalisti; u, vi) it-tweqqif tat-tranżizzjoni diġitali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa u l-isfruttament tal-potenzjal tiegħu li jimmodernizza u jssimplifika l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Meta tagħmel dan, din ir-riforma għandha ttipprovdi kundizzjonijiet qafas imsaħħa għall-investiment relatat fis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' diversi miżuri leġislattivi u regolatorji, bl-għan li: I) it-tweqqif tar-responsabbiltajiet u l-ambitu tal-intervent tal-gruppi taċ-ċentri tas-saħħa, kif ukoll it-tipoloġija tal-unitajiet funzjonali li jiffurmawhom; ir-reviżjoni tar-reġim legali għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-unitajiet funzjonali, kif ukoll l-iskema ta' inċentivi li għandhom jingħataw lill-elementi li jikkostitwixxuhom; III) l-iżvilupp ta' strument ta' stratifikazzjoni tar-riskju biex jappoġġa l-governanza klinika fl-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentri tas-saħħa; u, iv) it-tlestija tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa mill-amministrazzjoni ċentrali għall-muniċipalitajiet.

L-istadju importanti u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma RE-r02: Riforma tas-saħħa mentali

L-għan ġenerali ta' din ir-riforma huwa li tittejjeb is-saħħa mentali fil-Portugall. Għal dak l-għan, ir-riforma hija strutturata fuq tliet assi ta' intervent: I) id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-pazjenti li jgħixu fi sptarijiet psikjatriċi jew f'istituzzjonijiet tas-settur soċjali; II) it-tlestija tal-kopertura nazzjonali tas-servizzi tas-saħħa mentali lokali, fl-oqsma tal-kura inpatient, outpatient u komunitarja; III) l-espansjoni tan-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata, b'enfasi fuq is-saħħa mentali; IV) ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi psikjatriċi forensiċi; u, v) l-implimentazzjoni tal-pjanijiet reġjonali tas-saħħa għad-dimenzja.

B'mod konkret, ir-riforma għandha tikkonsisti fir-rieżami tal-Liġi attwali dwar is-Saħħa Mentali — li għandha tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-politika tas-saħħa mentali fil-Portugall u tirregola l-internament obbligatorju ta' persuni b'disturbi psikoloġiċi — u tad-Digriet Liġi dwar is-Saħħa Mentali — li għandu jiddefinixxi l-prinċipji gwida għall-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni tas-servizzi tas-saħħa mentali. Fost l-oħrajn, il-bidliet li ġejjin għandhom jiġu introdotti f'dawn id-dispożizzjonijiet legali: I) l-inkorporazzjoni fil-leġiszlazzjoni tal-prinċipji tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà; u, ii) iż-żieda tal-awtonomija u l-ġestjoni tajba tas-servizzi tas-saħħa mentali lokali, permezz tal-ħolqien ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata. Meta tagħmel dan, din ir-riforma għandha ttipprovdi kundizzjonijiet ta' qafas imsaħħa għall-investment relatat fis-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali.

L-istadji importanti relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Marzu 2023.

Ir-riforma RE-r03: Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi

L-għan ġenerali tar-riforma huwa li tiżdied l-effiċjenza fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Għal dak l-għan, hija għandha l-għan li: I) ir-riforma tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni interna tal-isptarijiet pubbliċi; II) il-konfigurazzjoni mill-ġdid tan-netwerk tal-isptarijiet skont l-ippjanar tal-kapaċità f'termini tad-domanda għas-servizzi u l-provvista tar-riżorsi umani u l-infrastruttura; III) it-titjib tal-artikolazzjoni mal-elementi l-oħra tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, jiġifieri mas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja u mentali, kif ukoll man-networks tal-kura kontinwa palljattivi u integrati; IV) l-involvement ta' professjonisti tas-saħħa u strutturi intermedji fil-ġestjoni ta' sptarijiet pubbliċi; u v) l-iffukar tar-reazzjonijiet fuq il-ħtiġijiet reali tas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini.

Metriċi oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-manigġers tal-isptarijiet għandhom jiġu inklużi fil-kuntratti ta' ġestjoni, li jivvalutaw kemm il-kwalità tas-servizz kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-isptarijiet pubbliċi. Dan għandu jikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet tal-politika tas-saħħa tal-gvern u għal ġestjoni aktar prevedibbli tar-riżorsi tal-isptarijiet, b'awtonomija kkombinata ma' monitoraġġ u responsabbiltà msaħħa. L-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' ġestjoni mġedda għandha tkun gradwali u prijoritizzata skont il-livell ta' effiċjenza, dimensjoni u distribuzzjoni ġeografika tal-isptarijiet pubbliċi. Barra minn hekk, ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Ministeri tas-Saħħa u tal-Finanzi għandu jissaħħaħ sabiex jiġi żgurat approċċ integrat u koerenti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-isptarijiet u l-korrezzjoni, fi żmien xieraq, tad-devjazzjonijiet mill-baġits approvati.

Barra minn hekk, ix-xiri ċentralizzat għandu jissaħħaħ bil-ħsieb li jinkiseb aktar iffrankar fl-effiċjenza, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet minn evalwazzjoni indipendenti reċenti. B'mod partikolari, ix-xiri ċentralizzat għandu jitwessa' għal tagħmir u apparat mediku. Barra minn hekk, il-ġestjoni interna tal-isptarijiet pubbliċi hija ppjanata li tittejjeb, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata u l-implimentazzjoni ta' reġimi ta' remunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni applikabbli għal unitajiet assoċjati ma' tali Ċentri. Relatat, għandu jidħol fis-seħħ reġim ta' dedikazzjoni sħiħa għas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa għall-professjonisti tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet

L-objettiv ta' dan l-att huwa li jiġu estenzi s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja u jissaħħa ir-rwol ewlieni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fir-rispons għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni fi ħdan l-arkitettura ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. L-investiment jibni fuq ir-riforma tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.

L-investiment għandu jinkludi l-inizjattivi li ġejjin:

- L-ewwel nett, diversi sottoinvestimenti għandhom itejbu l-aċċess, il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tlestija tal-kopertura nazzjonali tal-programmi ta' skrinjar u jsaħħu l-kapaċità għal dijanjożi bikrija. Dawn għandhom jinkludu: I) l-estensjoni tas-servizz tal-iskrinjar tal-kanċer għal 341 unità tal-kura tas-saħħa, inkluż għall-kanċer kolorettali u ċervikali; l-estensjoni tas-servizz ta' skrinjar għall-irtirar dijabetiku għal 300 unità tal-kura tas-saħħa; III) il-provvista ta' 300 unità tal-kura tas-saħħa bil-kapaċità li jkejlu l-proteina C-reattiva; IV) it-tagħmir ta' 300 unità tal-kura tas-saħħa bi spiometru għad-dijanjożi bikrija, għas-servizzi ta' monitoraġġ u trattament tal-ażma, mard pulmonari ostruttiv kroniku u t-tipjip; V) il-forniment ta' 900 unità tal-kura tas-saħħa b'tagħmir Holter u servizzi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tad-demmi ambulatorja; VI) l-estensjoni tas-servizz ta' konsultazzjonijiet dijabetiċi bis-saqajn għal 50 unità tal-kura tas-saħħa; VII) id-definizzjoni ta' protokoll ta' riferiment fl-oqsma tal-kura l-aktar imfittxija, jiġifieri l-oftalmoloġija, l-otorinolaringologija, l-ortopedija u l-uroloġija; u, viii) it-tlestija tas-sistema ta' informazzjoni integrata li għandha tiffaċilita r-riferiment tal-pazjenti bejn il-livelli tal-kura tas-saħħa.
- It-tieni, sottoinvestimenti oħra għandhom jimmiraw lejn l-espansjoni tal-oqsma ta' intervent tal-gruppi taċ-ċentri tas-saħħa, u b'hekk tiżdied il-kapaċità ta' rispons ta' dan il-livell ta' kura tas-saħħa u tissaħħa l-offerta ta' speċjalitajiet mediċi billi tissaħħa il-ħidma speċjalizzata u f'tim fl-unitajiet tas-saħħa. Fid-dettall, dawn għandhom jinkludu: I) l-installazzjoni ta' uffiċċji tad-dentistija f' 130 unità tal-kura tas-saħħa; II) il-ħolqien ta' 50 ċentru dijanjostiku integrat (inkluż, mill-inqas l-analiżijiet tar-raġġi X jew kliniċi) fl-unitajiet tal-kura tas-saħħa; III) il-ħolqien ta' 18 servizz ta' riabilitazzjoni fl-unitajiet tal-kura tas-saħħa (spazji fiżiċi adegwati u riabilitazzjoni, timijiet multidixxiplinari u interdixxiplinari); IV) il-forniment ta' 350 unità tal-kura tas-saħħa b'tagħmir (borża ta' emerġenza, defibrillatur u monitor tas-sinjali vitali) għal rispons ta' emerġenza kwalifikat (appoġġ bażiku għall-ħajja); u v) tingħata spinta lill-momentum għall-programm biex jitnaqqas l-użu inadegwat u/jew li jista' jiġi evitat tas-servizzi tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza.
- It-tielet, is-sottoinvestimenti ulterjuri għandhom jipprevedu l-aġġornament tal-faċilitajiet u tat-tagħmir taċ-ċentri tas-saħħa, filwaqt li jżidu l-effiċjenza enerġetika. Fid-dettall, dawn għandhom jinkludu, fost l-oħrajn: I) il-bini ta' 124 ċentru tas-saħħa ġdid; II) ir-rinnovazzjoni jew l-adattament ta' 347 faċilità tas-saħħa; u, iii) it-titjib tat-tagħmir tas-saħħa.

- Ir-raba', is-sottoinvestimenti addizzjonali għandhom jiffukaw fuq it-tisħiħ tar-reazzjonijiet ta' prossimità, b'enfasi fuq il-kura bbażata fid-dar u fil-komunità, l-intervent fil-popolazzjonijiet fl-akbar riskju u l-promozzjoni tad-deistituzzjonalizzazzjoni u l-kura outpatient. Fid-dettall, dawn għandhom jinkludu: I) li ċ-ċentri tas-saħħa jiġu pprovduti b'vetturi elettriċi biex jappoġġjaw l-ġhoti ta' kura fid-dar; l-estensjoni tal-ġhadd ta' unitajiet mobbli b' 34 biex ikopru reġjuni b'densità baxxa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment RE-C01-i02: In-network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Network Nazzjonali tal-Kura Palljattiva

L-oġġettiv tal-investment huwa li jtejjeb in-networks nazzjonali ta' kura palljattiva u integrata kontinwa, kemm fir-rigward tat-trattament in- u out-patient, kif ukoll il-kura fid-djar. L-investment huwa sostnut mir-riforma dwar Strateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità ppreżentata fil-komponent 3 dwar ir-reazzjonijiet soċjali u huwa parti mill-istrateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni tal-Portugall u l-ispinta ġenerali biex jiġu indirizzati x-xejriet demografiċi negattivi li l-pajjiż qed jiffaċċja.

L-investment għandu jikkonsisti fi programm strutturat u introdott gradwalment biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-promoturi mis-settur pubbliku, soċjali jew privat, sabiex: I) jespandi n-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata b' 5 500 sodda (f'unitajiet eżistenti jew ġodda); II) jinħolqu unitajiet ta' matul il-jum biex tiġi promossa l-awtonomija, bl-ġħan li jiġu mmonitorjati 500 pazjent estern; III) jistabbilixxu timijiet domestiċi ta' kura kontinwa integrata, sabiex jirrispondu għal 1 000 pazjent fid-dar (inkluż tagħmir u vetturi elettriċi); IV) testendi r-reazzjonijiet integrati tal-kura tas-saħħa mentali f' 1 000 post, fir-residenzi u fl-unitajiet soċjookkupazzjonali (appoġġ għall-bini ta' risponsi ġodda jew espansjoni ta' risponsi eżistenti); V) joħolqu sa 100 post fit-timijiet ta' appoġġ għas-saħħa mentali fid-dar (appoġġ għall-akkwist tar-riżorsi materjali u l-vetturi elettriċi meħtieġa għall-attività tat-timijiet); VI) jespandi n-National Palliative Care Network permezz ta' kura palljattiva unitajiet inpatient b'kumplessità baxxa biex jirrispondu għal 400 pazjent; u, vii) joħolqu sa 100 post f'timijiet ta' kura palljattiva komunitarja (appoġġ għall-akkwist tar-riżorsi materjali meħtieġa u l-vetturi elettriċi għall-attività tat-timijiet).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment RE —C01-i03: Tlestija tar-riforma tas-saħħa mentali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar id-dimenzja

L-oġġettiv tal-investment huwa li jappoġġja t-tweqqif tar-riforma tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-espansjoni u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa fil-qasam tas-saħħa mentali.

L-investment għandu jikkonsisti f'sottoinvestimenti komplementari f'faċilitajiet, strutturi u riżorsi umani, jiġifieri: I) il-ħolqien ta' servizzi residenzjali fil-komunità li jippermettu d-deistituzzjonalizzazzjoni tal-pazjenti li jgħixu fi sptarijiet psikjatriċi jew fis-settur soċjali, inkluża żieda ta' 500 post għall-kura tas-saħħa mentali fin-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata fil-qasam tal-kura tas-saħħa mentali; II) il-bini ta' erba' unitajiet inpatient fl-isptarijiet ġenerali, l-eliminazzjoni tal-akkomodazzjoni akuta fl-isptarijiet psikjatriċi; III) il-ħolqien ta' 15 Ċentru ta' Responsabbiltà Integrata biex jingħelbu l-ostakli għall-ġhoti ta' kura mhux fl-isptar, bi grad ogħla ta' awtonomija u responsabbiltà; IV) jirrinnowaw 20 faċilità eżistenti ta' servizzi lokali tas-saħħa mentali; V) l-iffurmar ta' 40 tim komunitarju tas-saħħa mentali; VI) it-tfassil mill-ġdid, l-espansjoni u r-

rinnovazzjoni ta' servizzi ta' psikjatrija forensika; u, vii) l-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall- "bini tal-mogħdijiet tal-pazjenti" fil-kuntest tad-dimensji.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jistgħux jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali huwa inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment RE-C01-i04: Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni ta' żoni tal-isptarijiet u tagħmir għall-isptarijiet

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jiġi rinnovat u mibni bini li jipprovdi varjetà ta' servizzi tal-kura tas-saħħa fil-pajjiż u li l-isptarijiet jiġu mgħammra, u b'hekk jissaħħa in-network tal-isptarijiet u l-provvista tal-kura fl-isptarijiet. Dan għandu l-għan li jiżgura aċċess aħjar għall-kura tas-saħħa għall-popolazzjoni u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi u għall-koeżjoni soċjali.

L-investiment għandu jikkonsisti minn:

- il-kostruzzjoni ta' mill-inqas 14 binja għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'mill-inqas 7 unità tas-saħħa lokali (Unidades Locais de Saúde, ULS), bħal ċentri kirurġiċi, ċentri tal-isptarijiet ta' matul il-jum, ċentri tal-emodyalisis u ċentri ta' sterilizzazzjoni;
- ir-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 38 binja għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'mill-inqas 7 unità tas-saħħa lokali, bħal ċentri ta' emerġenza, ċentri ta' emodyalisis, ċentri ta' sterilizzazzjoni u unitajiet kirurġiċi;
- ix-xiri ta' tagħmir li għandu jiġi installat fl-isptar il-ġdid f'Sintra u fi sptarijiet oħra. It-tagħmir li għandu jiġi installat fl-isptar il-ġdid f'Sintra u fi sptarijiet oħra għandu jinkludi: I) tagħmir kliniku, mediku u ta' teknoloġija għolja; II) tagħmir ġenerali, inkluża għamara speċjalizzata; u, iii) tagħmir tal-kompjuter.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C01-i05-RAM: It-tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jimplimenta l-Pjan Strateġiku għas-Sistema tas-Saħħa Reġjonali tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira u l-Istrateġija Reġjonali għall-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali.

L-investiment għandu jikkonsisti f'żewġ sottoinvestimenti. L-ewwel nett, dan għandu jinkludi sottoinvestiment biex jespandi, jiżviluppa u jtejjeb in-network reġjonali ta' kura kontinwa integrata, inkluż billi jiġi rinnovat u estiż l-għadd ta' postijiet fit-tipoloġiji kollha ta' tagħhom f'konformità mal-prinċipju tad-deistituzzjonalizzazzjoni, f'kooperazzjoni mas-setturi privati u soċjali, u f'żoni kkaratterizzati minn tixji demografiku aktar akut u/jew kapaċità inqas installata. It-tieni, tinkludi wkoll sottoinvestiment biex tissaħħa il-kapaċità ta' rispons fil-qasam tas-saħħa mentali u d-dimenzji assoċjati mat-tixji, inkluż it-titjib tal-infrastruttura u t-tagħmir f'faċilitajiet għall-kura primarja u differenzjata fl-isptar, il-provvista ta' postijiet ġodda fl-Isptar Komunitarju, is-servizzi ta' matul il-jum, it-twaqqif ta' timijiet komunitarji tas-saħħa mentali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C01-i06: Tranżizzjoni Diġitali tas-Saħħa

Dan l-oġġettiv tal-investiment huwa li jindirizza l-ostakli li jfixklu t-tranżizzjoni diġitali fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, inkluż in-nuqqas ta' hardware u software xierqa għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, li jsahħa l-istandardizzazzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, u li jtejjeb l-esperjenza tal-utent u l-aċċess għad-data.

L-investiment għandu jikkonsisti f'erba' sottoinvestimenti. L-ewwel nett, in-network tad-data dwar is-saħħa għandu jittejjeb, bil-ħsieb li jittejbu l-kwalità tas-servizz u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kompjuter disponibbli fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, jiġi ffaċilitat l-użu tad-data f'sistemi ta'

appoġġ għad-deċiżjonijiet, tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni differenti u l-konformità mal-prinċipji xierqa tas-sigurtà.

It-tieni, il-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-unitajiet tas-saħħa għandha tiġi ssimplifikata, standardizzata u diġitalizzata permezz ta' għodod elettroniċi, bħal pjattaforma ċċentrata fuq iċ-ċittadin u għodod tat-telesaħħa biex jżied l-aċċess għall-kura tas-saħħa. It-tielet, għodod aġġornati u interoperabbli disponibbli għall-professjonisti tas-saħħa (eż. pjattaformi tat-telemonitoraġġ u tat-telerabilitazzjoni, u sistemi li jtejbju l-portabbiltà tad-data bejn il-kura primarja, l-isptar u l-faċilitajiet integrati tal-kura kontinwa) u taħriġ rilevanti dwar il-ħiliet diġitali. Ir-raba', id-diġitalizzazzjoni tar-rekords kliniċi għandha tiġi promossa, bil-ħsieb li jitwettqu attivitajiet għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investment RE-C01-i07-RAM: Id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jrawwem id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira, permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jappoġġaw il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, u jagħtu s-setgħa lill-professjonisti tas-saħħa u liċ-ċittadini.

L-investment għandu jikkonsisti f'diversi proġetti, inklużi: I) l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji diġitali biex jappoġġaw il-monitoraġġ tal-pazjenti, l-intensifikazzjoni tal-ħatriet tat-telesaħħa u t-telemonitoraġġ tas-sitwazzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini; II) iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-saħħa u t-titjib tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni; III) it-titjib tal-aċċess taċ-ċittadini għall-informazzjoni u s-servizzi tas-saħħa permezz ta' mezzi diġitali; u, iv) it-taħriġ taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati biex jużaw ir-riżorsi tas-saħħa diġitali fil-qasam tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment RE-C01-i08-RAA: Sptar Diġitali fl-Azores

L-oġġettiv tal-investment huwa li jżid il-provvista tal-kura tas-saħħa u jiżgura aċċess aħjar għall-kura tas-saħħa fl-Azores, permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa reġjonali tiegħu.

L-investment jikkonsisti fil-ħolqien ta' rekord elettroniku tas-saħħa għaċ-ċittadini, iż-żieda fl-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni biex l-informazzjoni klinika tkun tista' tiġi kondiviża fost il-professjonisti tas-saħħa, it-titjib tat-telemediċina, u t-twassil ta' tagħmir.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Investment RE-C01-i09: Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva

L-oġġettiv tal-investment huwa li jippromwovi l-benesseri fiżiku u emozzjonali fil-Portugall billi jżid il-livelli baxxi ta' Prattika tal-attività fiżika fil-pajjiż u jikkontribwixxi għal prevenzjoni u ġestjoni aħjar tal-mard li ma jitteħidx.

L-investment għandu jikkonsisti minn: I) kampanja nazzjonali u pjattaforma teknoloġika biex tippromwovi l-attività fiżika, iżżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-benefiċċji ta' attività fiżika regolari f'kull età, tippreskrivi eżerċizzji skont il-kapaċità tagħhom, u tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa; l-estensjoni tal-isport fl-iskejjel għall-komunità permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà attiva, minn etajiet iżgħar u tul il-ħajja, u l-isport fil-kuntast tal-familja; u iii) l-inkoraġġiment tal-prattika tal-attività fiżika fuq il-post tax-xogħol, il-promozzjoni tal-

implimentazzjoni ta' miżuri u programmi, kif ukoll il-provvista ta' spazji u tagħmir għall-prattika tal-attività fiżika.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Investiment RE-C01-i10: Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jtejjeb il-park teknoloġiku tas-servizz tas-saħħa nazzjonali (NHS) li jikkontribwixxi għat-titjib tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Dan l-investment għandu jiżgura x-xiri ta' tagħmir mediku tqil għall-entitajiet tal-isptarijiet (isptarijiet, ċentri tal-isptarijiet, u istitut wieħed), inkluż ix-xiri ta' tagħmir mediku tqil li għandu jiġi installat fl-isptarijiet fir-Reġjun ta' Lisbona u Vale do Tejo, abbażi ta' rapport approvat mill-Ministeru tas-Saħħa li jidentifika l-ħtiġijiet tat-tagħmir ta' dawn l-entitajiet tal-isptarijiet, fil-kategoriji li ġejjin: sistemi anġjografiċi, skanners tat-tomografija komputati b'emissjoni ta' foton wieħed, skanners tat-tomografija b'emissjoni ta' positron, sistemi ta' immaġni b'reżonanza manjetika, skanners tat-tomografija komputati, aċċeleraturi lineari, u robots kirurġiċi.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C01-i11-RAA: Modernizzazzjoni u rikwalifikazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali

Dan l-investment għandu l-għan li jsaħħaħ u jimmodernizza s-Servizz Reġjonali tas-Saħħa tal-Azores, li jkopri n-network tal-kura kontinwa u palljativa. L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jippermetti provvista tal-kura tas-saħħa aktar moderna, effiċjenti u umana.

L-investment għandu jinkludi:

- i) Il-kostruzzjoni ta' żewġ ċentri tas-saħħa ġodda u r-rinnovazzjoni ta' ċentru tas-saħħa wieħed;
- ii) L-akkwist ta' 94 vettura elettrika għall-provvista ta' kura fid-dar;
- iii) Akkwist ta' 656 unità ta' tagħmir għal servizzi ta' kura tal-healthcare;
- iv) Il-modernizzazzjoni tal-linja tas-saħħa tat-telefown tal-Azores;
- v) L-akkwist ta' 21 ambulanzi ta' emerġenza;
- vi) Il-ħolqien ta' tmien postijiet ġodda f'servizz ta' kura kontinwa, kura palljativa jew osservazzjoni.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La Tagħmel l-Ebda Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), il-vetturi, il-makkinarju u t-tagħmir li għandhom jinxtraw għandhom ikunu b'emissjonijiet żero. Fejn ma teżisti l-ebda alternattiva b'emissjonijiet żero, il-vetturi, il-makkinarju u t-tagħmir li għandhom jinxtraw għandhom jirrappreżentaw l-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.1	RE-C01-r01	M	Dħul fis-seħħ ta' atti legali fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja	Dħul fis-seħħ tal-atti legali riveduti				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Reviżjoni tal-atti legali fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja, jiġifieri: i) il-leġiżlazzjoni li tinfexx l-unitajiet funzjonali taċ-ċentri tal-kura tas-saħħa primarja (inkluż, id-Digriet-Liġi Nru 73/2017 għall-unitajiet tas-saħħa tal-familja tal-Mudell B, l-Ordni tal-Gvern Nru 1368/2007, ir-regoli u l-mudell tar-remunerazzjoni tal-unitajiet tas-saħħa tal-familja tal-Mudell B u l-att legali assoċjat, u l-atti legali li jirfdu l-funzjonament ta' tipi oħra ta' unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja); u, ii) il-leġiżlazzjoni li tinfexx il-gruppi ta' ċentri tas-saħħa (inklużi, l-atti legali li fuqhom huma bbażati l-gruppi ta' ċentri tas-saħħa, jiġifieri d-Digriet Liġi Nru 28/2008).
1.2	RE-C01-r01	T	L-għoti ta' aċċess għall-istratifikazzjoni tar-riskju biex jappoġġa l-governanza klinika fl-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa		Għadd	0	1 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-għadd ta' unitajiet funzjonali taċ-ċentri tas-saħħa li jiksibu aċċess għall-informazzjoni mill-istrument ta' stratifikazzjoni tar-riskju li jkopri l-utenti rreġistrati. L-istrument ta' stratifikazzjoni tar-riskju għandu jippermetti intervent proattiv f'popolazzjonijiet b'riskju kliniku u vulnerabbiltà soċjali ogħla, filwaqt li jiżgura skrinjar ibbażat fuq il-popolazzjoni u programmi ta' dijanjożi bikrija madwar il-pajjiż, kif ukoll trattament f'waqt u segwitu adegwat tal-utenti li jbatu mill-aktar mard frekwenti (kardjovaskulari, dijabete, kanċer, respiratorji, mentali u osteoartikulari).
1.3	RE-C01-r01	T	Tlestija tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa fil-muniċipalitajiet		Għadd	0	201	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-għadd ta' muniċipalitajiet ġodda fejn il-proċess ta' deċentralizzazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa tlesta, skont id-Digriet-Liġi Nru 23/2019, tat-30 ta' Jannar, permezz tal-iffirmar ta' avviż ta' trasferiment mill-Ministeru tas-Saħħa, l-amministrazzjonijiet reġjonali tas-saħħa u l-muniċipalitajiet. It-trasferiment tar-responsabbiltajiet għandu jkopri: i) il-parteciżipazzjoni tal-muniċipalitajiet fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar, tal-ġestjoni u tal-investiment tal-unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja u tad-diviżjonijiet ta' intervent fl-imġiba u fid-dipendenzi ta' dipendenza, b'mod partikolari fil-kostruzzjoni, fit-tagħmir

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										u fil-manutenzjoni tagħhom; II) il-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-konservazzjoni ta' tagħmir ieħor relatat mal-kura tas-saħħa primarja; III) il-ġestjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fil-kategorija ta' assistent operazzjonali tal-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa u diviżjonijiet ta' intervent f'imġiba u dipendenzi ta' dipendenza li jintegraw is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa; IV) il-ġestjoni tas-servizzi ta' appoġġ loġistiku tal-gruppi taċ-ċentri tas-saħħa.
1.4	RE-C01-r02	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi l-ġdid dwar is-Saħħa Mentali, li għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-organizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali	Dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi l-ġdid dwar is-Saħħa Mentali				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	Id-digriet Amministrattiv il-ġdid għandu jirrifletti l-proposti għal emendi magħmula mill-Grupp ta' Hídma stabbilit bl-Ordni tal-Gvern Nru 6324/2020, tal-15 ta' Ġunju, kif emendata bl-Ordni tal-Gvern Nru 11485/2020, tal-20 ta' Novembru, bil-ħsieb li jiġu definiti l-prinċipji għall-organizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali.
1.5	RE-C01-r02	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali, li għandha tistabbilixxi l-prinċipji relatati mad-drittijiet tal-persuni b'mard mentali u tirregola l-isptar jew it-trattament obbligatorju	Dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Il-liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali għandha tirrifletti l-proposti għal emendi magħmula mill-Grupp ta' Hídma mwaqqaf bl-Ordni tal-Gvern Nru 6324/2020, tal-15 ta' Ġunju, kif emendata bl-Ordni tal-Gvern Nru 11485/2020, tal-20 ta' Novembru, bl-għan li tistabbilixxi l-prinċipji relatati mad-drittijiet tal-persuni b'mard mentali u tirregola l-ammissjoni obbligatorja fl-isptar jew it-trattament.
1.6	RE-C01-r03	M	Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni	Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Dħul fis-seħħ, permezz ta' approvazzjoni konġunta mill-Ministeri tas-Saħħa u l-Finanzi, tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni. Il-mudell il-ġdid għandu jiġi rispettat mill-kuntratti ta' ġestjoni futuri kollha li għandhom jiġu ffirmati mill-manijers pubbliċi kollha ta' intrapriżi tal-istat fis-sistema tas-saħħa, sabiex tissaħħal ir-responsabbiltà u jiġu mħeġġa Prattiki ta' ġestjoni bbażati fuq il-prestazzjoni.
1.7	RE-C01-r03	M	Dħul fis-seħħ tal-Pjan ta' Ġestjoni Kontabilistiku l-ġdid tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa	Dħul fis-seħħ tal-Pjan ta' Kontabilità tal-Ġestjoni l-ġdid				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 L-istabbiliment ta' Pjan ta' Kontabbiltà tal-Ġestjoni għas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, sabiex tingābar, fil-livell nazzjonali, informazzjoni dwar l-ispejjeż, id-dħul, u r-riżultati tas-servizzi tal-isptarijiet, biex b'hekk tittejjeb l-allokazzjoni tar-riżorsi fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, il-valutazzjoni komparattiva u l-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib fl-effiċjenza operattiva tal-entitajiet tas-saħħa. Il-pjan ta' Kontabbiltà tal-Ġestjoni l-ġdid għandu jittqassam permezz ta' ċirkolari normattiva mill-amministrazzjoni ċentrali tas-sistema tas-saħħa.
1.8	RE-C01-r03	T	L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa		Għadd	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa sabiex: I) ittejjeb l-aċċess għal, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa; it-tisħiħ tal-governanza klinika, l-awtonomija u r-responsabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; III) jinkoraġġixxu lill-professjonisti tas-saħħa jkomplu jaħdmu fl-isptarijiet pubbliċi; IV) jaqsmu r-riskji u l-benefiċċji bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-isptarijiet; V) japprezza l-missjoni ta' kull servizz tal-kura tas-saħħa u sptar fil-kuntest reġjonali u nazzjonali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.
1.9	RE-C01-r03	T	L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa		Għadd	10	25	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa sabiex: I) ittejjeb l-aċċess għal, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa; it-tisħiħ tal-governanza klinika, l-awtonomija u r-responsabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; III) jinkoraġġixxu lill-professjonisti tas-saħħa jkomplu jaħdmu fl-isptarijiet pubbliċi; IV) jaqsmu r-riskji u l-benefiċċji bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-isptarijiet; V) japprezza l-missjoni ta' kull servizz tal-kura tas-saħħa u sptar fil-kuntest reġjonali u nazzjonali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.
1.10	RE-C01-r03	T	Żieda fl-għadd ta' pazjenti li joħorġu mill-isptar fid-dar		Għadd	0	5 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Żieda fl-għadd annwali ta' pazjenti li joħorġu mill-isptar fid-dar bejn l-2020 u l-2024.
1.11	RE-C01-r03	M	Dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini	Dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Id-dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini, biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni indipendenti tal-akkwist ċentralizzat tal-mediċini fil-Portugall, imwettqa mill-Istitut Nazzjonali Awstrijak tas-Saħħa Pubblika taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.12	RE-C01-r03	M	Dħul fis-seħħ tar-reġim il-ġdid ta' ħidma ta' dedikazzjoni sħiħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa	Dħul fis-seħħ tar-reġim il-ġdid ta' ħidma ta' dedikazzjoni sħiħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Reġim ġdid ta' xogħol ta' dedikazzjoni sħiħa għall-professjonisti tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, li jinkorpora mekkaniżmi xierqa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tabelli ta' remunerazzjoni.
1.13	RE-C01-i01	M	Dħul fis-seħħ tat-termini għar-referenzjar ta' episodji ta' emerġenza skrinjati bl-abjad, blu jew aħdar fis-servizzi ta' emerġenza tal-isptar għal tipi oħra ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi servizzi tal-kura tas-saħħa primarja	Dħul fis-seħħ tat-termini għar-referenzjar ta' episodji ta' emerġenza				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Id-dħul fis-seħħ tal-proċeduri u r-regoli amministrattivi tal-proċess ta' riferiment għall-utenti b'episodji ta' emerġenza skrinjati bl-abjad, blu jew aħdar fis-servizzi ta' emerġenza tal-isptar għal tipi oħra ta' kura tas-saħħa, servizzi, jiġifieri għas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, bi skedar dirett tal-appuntamenti.
1.15	RE-C01-i01	T	Bini ta' unitajiet tas-saħħa ġodda		Għadd	0	124	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għadd ta' unitajiet tas-saħħa ġodda mibnija. Il-bini l-ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rewiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.
1.16	RE-C01-i01	M	Tlesti l-kopertura nazzjonali tal-programmi ta' skrinjar u dijanjożi bikrija fil-kura tas-saħħa primarja	Tlestija tal-kopertura tal-programmi ta' skrinjar u dijanjożi bikrija fil-kura tas-saħħa primarja				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	It-tweġġ ta' dan l-istadju importanti jinkludi: I) jipprovdi servizz ta' skrinjar tal-kanċer kolorettali u ċervikali f' 341 unità tal-kura tas-saħħa; II) l-introduzzjoni ta' servizz ta' skrinjar għall-irtirar dijabetiku f' 300 unità tal-kura tas-saħħa; III) l-iffaċilitar tal-eżamijiet Holter u s-servizz ta' monitoraġġ ambulatorju tal-pressjoni tad-demm f' 900 unità funzjonali; IV) it-tagħmir ta' 300 unità tal-kura tas-saħħa bi spirometru għad-dijanjożi bikrija, għas-servizzi ta' monitoraġġ u trattament tal-ażma, mard pulmonari ostruttiv kroniku u t-tipjip; u, v) il-provvista ta' 300 unità tal-kura tas-saħħa bil-kapaċità li jkejlu l-proteina C-reattiva.
1.17	RE-C01-i01	M	Iżżid il-kapaċità ta' rispons taċ-ċentri tas-saħħa primarja u tespandi l-oqsma ta' intervent tagħhom	Rapport dwar iż-żieda fil-kapaċità ta' rispons taċ-ċentri primarji tas-saħħa u l-espansjoni tal-oqsma ta'				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tweġġ ta' dan l-istadju importanti jinkludi: I) l-estensjoni tal-konsultazzjonijiet dijabetiċi bis-saqajn għal 50 unità tal-kura tas-saħħa; II) l-installazzjoni ta' uffiċċji tad-dentistrija f' 130 unità tal-kura tas-saħħa; III) il-ħolqien ta' 50 ċentru dijanjożiku integrat (b'mezzi komplementari b'kumplessità baxxa ta' dijanjożi u terapija, raġġi X u analiżi klinika) fl-unitajiet tal-kura tas-saħħa; IV) il-ħolqien ta' servizzi ta' moviment u riabilitazzjoni f' 18 unità tal-kura

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				intervent tagħhom						tas-saħħa; V) il-forniment ta' tagħmir (borża ta' emerġenza, defibrillatur u monitor tas-sinjali vitali) għal rispons kwalifikat f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza (appoġġ bażiku għall-ħajja) lil 350 unità tal-kura tas-saħħa; VI) protokoll ta' riferiment fl-oqsma tal-kura l-aktar imfittxija, jiġifieri l-oftalmoloġija, l-otorinolaringologija, l-ortopedija u l-uroloġija.
1.18	RE-C01-i01	M	Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet u tat-tagħmir tas-saħħa biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kundizzjonijiet tas-sikurezza fiċ-ċentri tas-saħħa primarji	Rapport dwar ir-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet u t-tagħmir tas-saħħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tweġġ ta' dan l-istadju importanti jinkludi: I) ir-rinnovazzjoni jew l-adattament ta' 347 faċilità tas-saħħa; u, ii) l-immodernizzar tat-tagħmir tas-saħħa.
1.19	RE-C01-i01	M	Tisħiħ ta' kura bbażata fil-komunità, interventi fid-djar u fil-komunità	Rapport dwar it-tisħiħ ta' kura bbażata fil-komunità, interventi fid-djar u fil-komunità				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tweġġ ta' dan l-istadju importanti jinkludi: I) il-provvista ta' mill-inqas 770 vettura elettrika biex jiġi appoġġat il-forniment ta' kura fid-djar miċ-ċentri tas-saħħa; u ii) l-espansjoni tal-għadd ta' unitajiet mobbli ġodda b'mill-inqas 34 addizzjonali biex ikopru reġjuni b'densità baxxa. Reġjuni b'densità baxxa jinkludu dawk elenkati fid-Deliberación 55/2015 da CIC Portugal 2020 (id-Deċiżjoni tas-CIC Portugal 2020) tal-01 ta' Lulju 2015, riveduta mid-Deliberación 20/2018 da CIC Portugal 2020 tat-12 ta' Settembru 2018
1.20	RE-C01-i02	M	Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju mill-Awtoritajiet Reġjonali tas-Saħħa	Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju mill-Awtoritajiet Reġjonali tas-Saħħa, li għandu jiddefinixxi l-mudell ta' governanza tal-programm u r-rekwiżiti rispettivi tal-applikanti.
1.21	RE-C01-i02	T	It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-netwerks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljativa fil-kura inpatient u outpatient		Għadd	0	7 400	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-netwerks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljativa fil-kura inpatient u outpatient permezz tal-ħolqien tal-postijiet ġodda li ġejjin: I) 5 500 sodda inpatient ġodda fin-network nazzjonali ta' servizzi integrati ta' kura kontinwa, fi ħdan in-network ġenerali; II) 500 post ġdid f'unitajiet ta' ġurnata għall-promozzjoni tal-awtonomija fi ħdan in-network nazzjonali ta' servizzi

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										integrati ta' kura kontinwa; III) 1 000 post ġdid fis-servizzi integrati tal-kura tas-saħħa mentali kontinwa; u, iv) 400 postijiet inpatient ġodda b'kumplessità baxxa fin-netwerk nazzjonali tas-servizzi tal-kura palljativa. Dan il-bini l-ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.
1.22	RE-C01-i02	T	It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-networks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljativa fil-kura fid-djar		Għadd	0	1 200	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-networks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljativa fil-kura fid-djar permezz ta': I) ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma SI RNCCI ta' 1 000 post ġdid f'timijiet integrati ta' kura fid-dar kontinwa; II) reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma SI RNCCI ta' 100 post ġdid f'timijiet ta' appoġġ fid-djar tas-saħħa mentali u, iii) kuntratti u deċiżjonijiet tal-unitajiet tas-saħħa lokali li joħlqu t-timijiet meħtieġa biex jipprovdut 100 post ġdid f'appoġġ għall-kura palljativa tal-komunità.
1.23	RE-C01-i03	T	Rinnovazzjoni ta' unitajiet u tagħmir tal-psikjatrija forensika		Għadd	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Il-bini ta' unità għda tal-psikjatrija forensika (Sobral Cid) u r-rinnovazzjoni ta' żewġ unitajiet oħra (iċ-Ċentru tal-Isptar Psikjatriku ta' Lisbona u l-Isptar ta' Magalhães Lemos)
1.24	RE-C01-i03	M	L-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall- "bini tal-mogħdijiet tal-pazjenti" fil-kuntest tad-dimensji	Rapport dwar l-użu ta' azzjonijiet ġodda ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ u l-iżvilupp tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar id-dimensji, bil-ħsieb li jiġu appoġġati r-riformi fis-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, immirati lejn il-persunal tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa jew ta' entitajiet oħra li jaħdmu mal-pubbliku ġenerali fil-qasam tal-politiki soċjali u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll l-utenti tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.
1.25	RE-C01-i03	M	Tlestija tat-tisħiħ tan-network tal-kura tas-saħħa mentali	Rapport dwar it-tlestija tal-inizjattivi kollha deskritti biex jissaħħa in-network tal-kura tas-saħħa mentali				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	It-tlestija tal-interventi kollha definiti biex jissaħħa in-network tal-kura tas-saħħa mentali, inklużi: I) it-twaqqif ta' erba' unitajiet ġodda għall-ammissjoni fl-isptar fl-isptarijiet ġenerali; II) il-ħolqien ta' 15 Ċentru ta' Responsabbiltà Integrata fis-servizzi tas-saħħa mentali; III) ir-rinnovazzjoni ta' 20 mis-servizzi lokali eżistenti tas-saħħa mentali; IV) il-ħolqien ta' 500 post għall-ħtiġijiet ta' persuni istituzzjonalizzati b'mard mentali kroniku; V) it-titjib ta' tliet faċilitajiet u tagħmir tal-psikjatrija forensika; VI) il-bini

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ta' tliet unitajiet ta' tranżizzjoni residenzjali forensika; u vi) il-formazzjoni ta' 40 tim komunitarju tas-saħħa mentali. Dan jinkludi l-użu ta' appoġġ b'għotja ta' EUR 58 507 675 f'rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
1.40	RE-C01-i04	M	L-iffirmar tal-kuntratt ta' ġestjoni għall-kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona	L-iffirmar tal-kuntratt ta' ġestjoni għall-kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona ffirmat mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-SPV				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	L-iffirmar tal-kuntratt ta' ġestjoni mill-ARSLVT u l-Vettura bi Skop Speċjali (SPV) għall-kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona. Il-kuntratt għandu jirrifletti l-kundizzjonijiet relatati mal-ambitu tas-servizzi (id-disinn, il-bini, il-finanzi, il-manutenzjoni tal-infrastruttura, il-provvista u l-manutenzjoni tat-tagħmir ġenerali tal-bini) u t-tul ta' żmien. Il-kuntratt għandu jinkludi wkoll klawżola li tispjega li bini għdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.
1.26	RE-C01-i04	M	Kostruzzjoni u rinnovazzjoni ta' bini u tagħmir tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-isptarijiet	Kostruzzjoni u rinnovazzjoni ta' bini u tagħmir tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-isptarijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	1) ix-xiri ta' tagħmir tal-isptarijiet għall-isptar il-ġdid f'Sintra u fi sptarijiet oħra, li jinvolvi total ta' EUR 119 283 988 f'għotjiet ta' appoġġ, jiġifieri tagħmir kliniku/mediku u ta' teknoloġija avvanzata; tagħmir ġenerali, li jinkludi għamara adattata għall-kompiti li għandhom jitwettqu fi spazji differenti u li tkun faċli biex titnaddaf u tkun iddisinjata ergonomikament; u, tagħmir tal-kompjuter. 2) il-kostruzzjoni ta' mill-inqas 14 binja għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'mill-inqas 7 unità tas-saħħa lokali u r-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 38 binja għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'mill-inqas 7 unità tas-saħħa lokali kif indikat fid-deskrizzjoni tal-miżura. Dan il-bini l-ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.
1.27	RE-C01-i05-RAM	T	Żieda fl-għadd ta' postijiet disponibbli fis-sistema tal-Isptar Komunitarju tas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira		Għadd	0	1 500	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira billi jgħadd ta' postijiet disponibbli fis-sistema tal-Isptar tal-Komunità, biex b'hekk ikun possibbli l-forniment, fid-dar, ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, f'artikolazzjoni mill-qrib mal-kura tas-saħħa primarja u servizzi oħra.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.28	RE-C01-i05-RAM	T	Il-ħolqien ta' timijiet komunitarji tas-saħħa mentali fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira		Għadd	0	7	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Il-ħolqien ta' timijiet komunitarji tas-saħħa mentali permezz ta' deċiżjonijiet tas-Servizzi Reġjonali tas-Saħħa.
1.29	RE-C01-i05-RAM	M	Użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, profil funzjonali u sistema ta' riferiment tal-utenti għall-mudell reġjonali ta' Madeira ta' servizzi integrati ta' kura kontinwa	Rapport dwar l-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, il-profil funzjonali u s-sistema ta' riferiment tal-utenti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 L-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, il-profil funzjonali u s-sistema ta' riferiment tal-utenti, bil-ħsieb li jissaħħa il-mudell reġjonali ta' Madeira ta' servizzi integrati ta' kura kontinwa, kif ukoll il-koordinazzjoni u l-ġestjoni teknika tagħha.
1.30	RE-C01-i05-RAM	T	Żieda fl-għadd ta' postijiet fis-servizzi tal-kura kontinwa integrati fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira		Għadd	0	1 080	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' postijiet ġodda u rinnovati maħluqa f'servizzi integrati ta' kura kontinwa fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira, imkejla f'termini ta' sodod ġodda u rinnovati, fil-kamp ta' applikazzjoni ġenerali (inkluż f'unità ta' konvalessenza, ta' terminu medju u ta' riabilitazzjoni, u unità ta' manutenzjoni fit-tul u ta' manutenzjoni), fis-saħħa mentali u fis-servizzi pedjatriċi. Dan jinkludi l-użu ta' għotja ta' appoġġ i) biex tinbena infrastruttura tas-saħħa ġdida, li għandu jkollha domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija; u ii) l-implimentazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika.
1.31	RE-C01-i05-RAM	T	Rinnovazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira		Għadd	0	16	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa primarja rinnovati fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira.
1.32	RE-C01-i06	T	Titjib tan-networks lokali tat-teknoloġija tal-informazzjoni		%	0	90	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Il-perċentwal ta' networks lokali aġġornati tat-teknoloġija tal-informazzjoni fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, organizzati u implimentati mill-entità tas-servizzi kondiviżi tal-Ministeru tas-Saħħa, li b'hekk se tkun tista' topera fil-mudell il-ġdid tal-komunikazzjonijiet unifikati (Protokoll tal-Vuċi fuq l-Internet).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.33	RE-C01-i06	T	Implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet għat-telemonitoraġġ		%	0	15	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Il-perċentwal ta' utenti b'aċċess għal funzjonalitajiet ġodda tat-telemonitoraġġ u tat-telemonitoraġġ, li jippermettu l-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mill-bogħod, u b'hekk jiżiedu l-livelli ta' aċċess għall-kura tas-saħħa u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tal-ġbir u t-trattament ta' informazzjoni mill-bogħod.
1.34	RE-C01-i06	T	Implimentazzjoni ta' moduli amministrattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, moduli kliniċi bażiċi u moduli kliniċi ta' emerġenza		%	0	15	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Perċentwal ta' professjonisti tas-saħħa b'aċċess għal moduli integrati tat-teknoloġija tal-informazzjoni, moduli kliniċi bażiċi u moduli kliniċi ta' emerġenza għal: I) ir-reġistrazzjoni u l-konsultazzjoni ta' informazzjoni klinika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kura tas-saħħa primarja, tal-isptar, u kontinwa, sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll tiġi pprovduta sikurezza akbar għall-utenti u għall-professjonisti tas-saħħa; u, ii) is-servizzi ta' emerġenza, tar-reġistru tal-infermerija u tat-telemonitoraġġ tal-kura tas-saħħa.
1.35	RE-C01-i07-RAM	T	Tagħmir tal-kompjuter ġdid għas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira		Għadd	0	3 600	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-għadd ta' tagħmir tal-kompjuter ġdid għas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira biex jimmonitorja u jiżgura prossimità akbar għall-utenti tas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira, jipprovvovi tnaqqis fir-riskju ta' żbalji, kif ukoll irawwem l-effiċjenza u l-aċċess rapidu għad-data tal-utenti.
1.36	RE-C01-i08-RAA	T	Aċċess akbar għall-portal tal-utenti tas-servizz tas-saħħa reġjonali tal-Azores		Għadd	0	25 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	L-għadd ta' utenti individwali annwali addizzjonali li jaċċessaw il-portal tal-utenti tas-servizz tas-saħħa reġjonali tal-Azores, bis-saħħa tat-twessigħ tas-servizzi tas-saħħa diġitali u tal-informazzjoni medika disponibbli fih.
1.37	RE-C01-i08-RAA	M	It-telemediċina fis-servizz tas-saħħa reġjonali tal-Azores	Approvazzjoni taċ-ċirkulari tal-pjan u normattiva għat-telemediċina fis-sistema tas-saħħa tal-Azores				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	(I) Approvazzjoni mid-Direttur Reġjonali għas-Saħħa ta' ċirkolari normattiva dwar il-funzjonament tat-telemediċina; (II) id-dħul fis-seħħ ta' pian għat-telemediċina; (III) twassil ta' tagħmir għat-telemediċina.
1.38	RE-C01-i09	T	Tlestija tal-implimentazzjoni fl-iskejjel tal-programmi "Komunità Sportiva		Għadd	0	1 980	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Numru ta' kits ta' roti li jinkludu roti ta' daqsijiet differenti mwassla fi skejjel tat-tieni ċiklu bl-għan li jgħallmu l-ċikliżmu lill-istudenti, kif ukoll kits ta' roti għall-adulti mwassla lill-skejjel pubbliċi fil-qafas tal-programm "Sports tal-Komunità tal-Iskejjel"

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			għall-Iskejjel" u "Sports fl-Iskejjel fuq Wheels"							
1.39	RE-C01-i09	M	Tnedija tal-kampanja nazzjonali għas-Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva u l-pjattaforma teknoloġika assoċjata	Kanali ta' komunikazzjoni u pjattaforma ġodda operattivi għall-kampanja nazzjonali għas-Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 It-tnedija ta' kampanja nazzjonali għas-Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva u pjattaforma teknoloġika assoċjata, sabiex jiżied l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-benefiċċji ta' attivitajiet fiżika regolari, f'kull età u skont il-kapaċità tagħhom, bl-għan li tithegġegħ l-adozzjoni ta' stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa.
1.41	RE-C01-i10	M	Approvazzjoni tar-Rapport li jidentifika l-ħtiġijiet tal-NHS għal tagħmir mediku tqil	Approvazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Approvazzjoni tar-rapport mill-Ministeru tas-Saħħa li jidentifika l-ħtiġijiet tal-Isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa għal tagħmir mediku tqil. Dan ir-rapport għandu jidentifika kemm il-ħtieġa li jinxtara dan it-tip ta' tagħmir għall-ewwel darba kif ukoll il-ħtieġa li jinbidel it-tagħmir mediku tqil eżistenti.
1.42	RE-C01-i10	T	Xiri ta' Tagħmir Mediku Tqil		Għadd	0	19	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	L-għadd ta' tagħmir mediku tqil mixtri għal entitajiet tal-isptarijiet (sptarijiet, ċentri tal-isptarijiet, u istitut wieħed) skont il-ħtiġijiet identifikati fir-rapport, kif indikat fl-Istadju Importanti 1.41.
1.43	RE-C01-i10	T	Xiri ta' Tagħmir Mediku Tqil		Għadd	19	124	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' tagħmir mediku tqil mixtri għal (i) sptarijiet tal-NHS skont il-ħtiġijiet identifikati mir-rapport, kif indikat fl-Istadju Importanti 1.41 u (ii) li għandu jiġi installat fi sptarijiet madwar il-kontinent.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.44	RE-C01-i11-RAA	T	Modernizzazzjoni tas-Servizz Reġjonali tas-Saħħa fl-Azores					IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	i) Il-kostruzzjoni ta' żewġ ċentri tas-saħħa ġodda u r-rinnovazzjoni ta' ċentru tas-saħħa wieħed; ii) L-akkwist ta' 94 vettura elettrika għall-provvista ta' kura fid-dar; iii) L-akkwist ta' 656 unità ta' tagħmir; iv) Il-modernizzazzjoni tal-linja tas-saħħa tal-Azores; v) L-akkwist ta' 21 ambulanzi ta' emerġenza; vi) Il-ħolqien ta' tmien postijiet ġodda f'servizz ta' kura kontinwa, kura palljativa jew osservazzjoni. Dan il-bini l-ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero

A.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment RE-C01-i12: Kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona

L-objettiv tal-investment huwa li jikkontribwixxi għall-bini tal-Isptar tal-Lvant ta' Lisbona. Dan għandu l-għan li jiżgura aċċess aħjar għall-kura tas-saħħa għal parti sinifikanti tal-popolazzjoni.

L-investment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' parti mill-Isptar ta' Liżbona tal-Lvant:

- i) L-infrastruttura tas-sistema tal-Isolazzjoni tal-Bażi Sismika tal-bini fil-plott A;
- ii) Il-bini fil-plott B, li huwa ddedikat għal, fost l-oħrajn, oqsma amministrattivi, is-Saħħa Mentali, il-Mediċina Fiżika u ta' Riabilitazzjoni; u għal
- III) Nibnu fir-roqgħa C, li hija ddedikata għal, fost l-oħrajn, ir-Riċerka u l-Edukazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1.45	RE-C01-i12	M	Kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona	Kostruzzjoni ta' parti mill-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Il-kostruzzjoni ta' parti mill-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona, jiġifieri: i) L-infrastruttura tas-sistema tal-Isolazzjoni tal-Bażi Sismika tal-bini fil-plott A; ii) Il-bini fil-plott B; iii) Bini fil-plott C. Il-bini fil-plottijiet B u C għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiziti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.

B. IL-KOMPONENT 2: L-akkomodazzjoni

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati man-nuqqas strutturali ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni permanenti u temporanji għall-gruppi aktar vulnerabbli, kemm fil-Portugall kontinentali kif ukoll fir-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll indirettament għat-tisħiħ tas-sistema tal-protezzjoni soċjali. L-akkomodazzjoni pubblika tammonta biss għal 2 % tal-istokk totali fil-Portugall u titqies bħala insuffiċjenti biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar fil-bżonn u f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

L-għanijiet ewlenin tal-komponent huma: I) li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli (inkluż l-indirizzar ta' ħtiġijiet relatati oħra, bħan-nuqqas ta' infrastruttura u tagħmir bażiċi, postijiet ta' residenza mhux tajbin għas-saħħa u mhux siguri, il-prekarjetà jew in-nuqqas ta' rabtiet kuntrattwali, l-iffullar jew l-inadegwatezza tal-akkomodazzjoni għall-ħtiġijiet speċjali tar-residenti b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa); (II) li jinholq rispons pubbliku nazzjonali għal ħtiġijiet urġenti u temporanji ta' akkomodazzjoni li jirriżultaw minn avvenimenti mhux mistennija jew imprevedibbli bħal diżastri naturali, nirien, pandemiji, movimenti tal-migrazzjoni, applikazzjonijiet għall-ażil, jew sitwazzjonijiet ta' riskju imminenti bħall-vjolenza domestika, it-traffikar tal-bnedmin, ir-riskju ta' żgumbramenti u oħrajn; u iii) li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni għall-istudenti bi prezzijiet affordabbli. L-investimenti fil-komponent jinvolvu l-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda u r-riabilitazzjoni ta' dawk eżistenti.

Dan il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġa lill-Portugall fil-qafas tas-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, b'mod partikolari: Ittejjeb l-effettività u l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); Jiggarantixxu protezzjoni soċjali u appoġġ għall-introjt suffiċjenti u effettivi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020); u żżid l-għadd ta' gradwati fl-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari fix-xjenza u t-teknoloġija tal-informazzjoni (permezz tal-investimenti fl-akkomodazzjoni tal-istudenti) (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż relatata mat-tranżizzjoni klimatika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' diversi prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), bħal: "Aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew assistenza għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għandu jiġi pprovdut għal dawk fil-bżonn" (EPSR 19.a); "Persuni vulnerabbli għandhom id-dritt għal assistenza u protezzjoni xierqa kontra l-iżgumbrament furzat" (EPSR 19.b); "Għandhom jiġu pprovduti kenn u servizzi adegwati lill-persuni mingħajr dar sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom" (EPSR 19.c); "Protezzjoni soċjali" (EPSR 12); "Inklużjoni ta' persuni b'diżabilità" (EPSR 17); "Aċċess għal servizzi essenzjali" (EPSR 20); "L-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja: "Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja: Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jikseb ħiliet li jippermettulu jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol" (EPSR 1). Id-dimensjonijiet ambjentali għandhom jiġu inkorporati wkoll, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' kostruzzjoni ġdida bi standards għoljin ta' effiċjenza enerġetika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma RE-r04: Pjan Nazzjonali Urġenti u Temporanju għall-Akkomodazzjoni

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jinholq network pubbliku nazzjonali biex iwieġeb għall-ħtiġijiet urġenti u temporanji tal-akkomodazzjoni bħala parti mit-tiġdid tal-politiki tal-akkomodazzjoni fil-Portugall, bil-ħsieb li l-gruppi fil-mira identifikati jiġu protetti u jingħataw is-setgħa, u biex titrawwem l-inklużjoni soċjali u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-ħolqien ta' rispons strutturat u trasversali għal persuni li jeħtieġu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza jew temporanja u tiżviluppa l-qafas legali u regolatorju meħtieġ biex jiġi stabbilit il-mudell ta' governanza tal-Investment RE-C02-i02 (Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja) u tistabbilixxi metodoloġiji għas-sinjalar u r-riferiment għall-akkomodazzjoni u l-appoġġ soċjali għall-persuni appoġġati.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Investiment RE-C02-i01: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni

L-oġġettiv tal-investment huwa li tiġi ssalvagwardjata akkomodazzjoni deċenti u adegwata għall-familji bl-akbar ħtiġijiet u għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.

L-investment għandu jikkonsisti fil-forniment ta' akkomodazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali jew l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għar-rinnovazzjoni jew il-kostruzzjoni lill-gruppi fil-mira identifikati li ma għandhomx il-kapaċità finanzjarja li jiggarentixxu l-adegwatezza tal-akkomodazzjoni tagħhom stess, għal mill-inqas 20 209 unità domestika sal-2026. L-investimenti għandhom jikkonsistu fil-kostruzzjoni ta' bini ġdid jew ir-rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet eżistenti, kif ukoll l-akkwist ta' bini jew il-kiri ta' bini għas-sullokazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C02-i02: Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni temporanja jew ta' emerġenza lill-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni fil-Portugall kontinentali. Ir-riskji jew l-emerġenzi soċjali li ġejjin jinkwadraw l-interventi ppjanati: avvenimenti imprevedibbli jew eċċezzjonali, il-ħtieġa għal akkomodazzjoni urġenti u l-għoti tas-setgħa lil persuni temporanjament imċaħħda mill-akkomodazzjoni, inklużi vittmi ta' vjolenza domestika, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, persuni taħt protezzjoni internazzjonali, persuni mingħajr dar; ħtiġijiet straordinarji u debitament sostanzjati għal akkomodazzjoni urġenti u temporanja għal persuni friskju imminenti u reali li jitħallew mingħajr akkomodazzjoni jew fil-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni; ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni, temporanji u indispensabbli għall-interess pubbliku, tal-uffiċjali u l-aġenti tal-istat.

L-investment għandu jikkonsisti fil-ħolqien ta' 2 000 akkomodazzjoni ta' emerġenza, kif ukoll 840 unità abitazzjonali għall-forzi tas-sigurtà u l-Armata, tliet blokko għall-forzi tas-sigurtà (f'każijiet ġustifikati mill-interess pubbliku) u seba' ċentri għall-akkomodazzjoni temporanja għal raġunijiet umanitarji jew ta' sigurtà.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C02-i03-RAM: Tisħiħ tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jwieġeb għall-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tal-familji li jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli u li ma għandhomx il-kapaċità finanzjarja li jlaħħqu mal-ispiża tal-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

L-investment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew l-akkwist ta' abitazzjonijiet ta' akkomodazzjoni soċjali għal 805 unità domestika (l-investment għandu jinkludi wkoll studji, proġetti, akkwist u kostruzzjoni tal-art), u r-riabilitazzjoni ta' 325 abitazzjoni residenzjali privata jew pubblika (inkluż rendiment imtejjeb fl-użu tal-enerġija). L-investment jipprevedi wkoll l-akkwist ta' servizzi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni u soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku fis-settur tad-djar.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C02-i04-RAA: Iż-żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-istokk tad-djar tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores

L-objettiv tal-investment huwa li jissaħħu l-offerti ta' akkomodazzjoni f'diversi livelli, wara deterjorament notevoli fid-degradazzjoni tal-bini fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores u tnaqqis fil-provvista fis-suq tal-proprjetà immobbli.

L-investment għandu jikkonsisti, f'diversi gżejjer, fil-kostruzzjoni, l-akkwist u r-riabilitazzjoni tal-akkomodazzjoni, inklużi:

- il-kostruzzjoni ta' 65 binja;
- ir-riabilitazzjoni tal-abitazzjonijiet (rinnovazzjoni profonda għal 75 abitazzjoni, rinnovazzjoni medja ta' 270 abitazzjoni u intervent żgħir f' 135 abitazzjoni) għal total ta' 480 abitazzjoni.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jistgħux jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali huwa inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment RE-C02-i07-RAA: Infrastruttura għal irqajja' ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali

L-objettiv tal-investment huwa li joħloq jew itejjeb l-infrastruttura għal irqajja' tal-art fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores u li jallokahom lil kandidati magħżula. L-għan huwa li l-kandidati magħżula jkunu jistgħu jibnu d-djar tagħhom stess fuq dawn l-irqajja' art bi spejjeż ikkontrollati. Dan il-programm huwa stabbilit fid-Digriet Leġiżlattiv Reġjonali Nru 21/2005/A tat-3 ta' Awwissu 2005. L-investment għandu jalloka 145 roqgħa art.

Meta jintgħażlu l-kandidati biex jibnu djarhom stess fuq dawn il-lottijiet, iż-żgħażaġh (taħt il-35-il sena jekk ikunu waħedhom jew li jkollhom l-età totali ta' inqas minn 70 sena jekk ikunu miżżewġin jew jgħixu f'koppja) għandhom jingħataw prijorità.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C02-i08-RAA: Tisħiħ tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali

L-objettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores. L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' 77 abitazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

B.2. Stadji importanti, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx

lura.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
2.1	RE-C02-i01	T	Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — Arranġamenti Kollaborattivi jew ta' Finanzjament iffirmati		Għadd	0	75	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-3	2022	L-iffirmar ta' arranġamenti kollaborattivi jew ta' finanzjament. L-istrategġiji tal-akkomodazzjoni lokali huma ppreżentati mill-muniċipalitajiet. Dawn l-istrategġiji jidentifikaw 1) il-ħtiġijiet kollha eliġibbli taħt dan il-programm (kif speċifikat fid-Digriet Amministrattiv Nru 37/2018 tal-4 ta' Ġunju), u 2) l-entitajiet li jippromwovu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni. Wara li l-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) ikun invalida l-konformità tal-istrategġiji tal-akkomodazzjoni lokali mal-programm, il-ftehimiet ta' kollaborazzjoni mal-muniċipalitajiet jew il-ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji l-oħra li jfasslu l-investimenti konkreti li għandhom jiġu promossi jiġu ffirmati u tiġi speċifikata l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħhom.
2.2	RE-C02-i01	T	Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — abitazzjonijiet mixtrija, mibnija (effiċjenza enerġetika għolja) jew riabilitati pprovduti lill-unitajiet domestiċi		Għadd	0	1 500	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-3	2023	L-għadd ta' abitazzjonijiet ikkonsenjati lill-unitajiet domestiċi eliġibbli tal-programm. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (ħlief għal sa 1 502 abitazzjoni għall-miżura kollha).
2.3	RE-C02-i01	T	Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — abitazzjonijiet mixtrija, mibnija (effiċjenza		Għadd	1 500	20 209	IT-TIE NI TRI ME	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet ikkonsenjati lill-unitajiet domestiċi eliġibbli tal-programm. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (ħlief għal sa 1 502 abitazzjoni għall-miżura kollha). Għar-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			enerġetika għolja) jew riabilitati pprovduti lill-unitajiet domestiċi					STR U TA T-2		riabilitazzjoni, l-unità ta' referenza għal kull abitazzjoni hija ta' 73 metru kwadru, għal kostruzzjonijiet ġodda ta' 95 metru kwadru għall-20 209 abitazzjoni.
2.4	RE-C02-i02	T	Għotja nazżjonali ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' emerġenza — Firma tal-ftehimiet ta' finanzjament għal akkomodazzjoni ta' emerġenza u ta' tranżizzjoni		Għadd	0	500	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-3	2022	L-għadd ta' akkomodazzjonijiet li għalihom jiġu ffirmati ftehimiet ta' finanzjament. L-entitajiet jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament fis-sejħa għall-offerti miftuħa mill-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) li, wara li tivvaluta u titlob opinjoni mill-ISS (Istitut tas-Sigurtà Soċjali) dwar il-validità u l-fattibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi, tikkuntratta l-finanzjament u tistabbilixxi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tiegħu. Akkomodazzjoni tfisser parti minn bini jew il-bini kollu b'aċċess indipendenti li jikkonsisti f'kompartiment wieħed jew aktar ta' akkomodazzjoni u spazji privati addizzjonali jew unitajiet residenzjali għal aktar minn unità domestika waħda.
2.5	RE-C02-i02	T	Għotja nazżjonali ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' emerġenza — Firma tal-ftehimiet ta' finanzjament għall-akkomodazzjonijiet ta' emerġenza u ta' tranżizzjoni		Għadd	500	1 000	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-3	2024	L-għadd ta' akkomodazzjonijiet li għalihom jiġu ffirmati ftehimiet ta' finanzjament. L-entitajiet jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament fis-sejħa għall-offerti miftuħa mill-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) li, wara li tivvaluta u titlob opinjoni mill-ISS (Istitut tas-Sigurtà Soċjali) dwar il-validità u l-fattibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi, tikkuntratta l-finanzjament u tistabbilixxi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tiegħu. Akkomodazzjoni tfisser parti minn bini jew il-bini kollu b'aċċess indipendenti li jikkonsisti f'kompartiment wieħed jew aktar ta' akkomodazzjoni u spazji privati addizzjonali jew unitajiet residenzjali għal aktar minn unità domestika waħda.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
2.6	RE-C02-i02	T	Għotja nazzjonali ta' emerġenza u ta' akkomodazzjoni temporanja — Akkomodazzjonijiet max-xogħlijiet mibdija jew mixtrija		N umber	0	41	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-3	2023	L-għadd ta' proġetti li għalihom bdew xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni jew li għalihom inxtara l-bini.
2.7	RE-C02-i02	T	Għotja nazzjonali ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u temporanja — Akkomodazzjonijiet ikkompletati		Għadd	0	2 000	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-2	2026	Kunsinna ta' akkomodazzjoni mibnija, rinnovata jew mixtrija lill-korpi ta' sponsorizzazzjoni. Akkomodazzjoni tfisser parti minn bini jew il-bini kollu b'aċċess indipendenti li jikkonsisti f'kompartment wieħed jew aktar ta' akkomodazzjoni u spazji privati addizzjonali jew unitajiet residenzjali għal aktar minn unità domestika waħda. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero (ħlief għal proġetti li jirrappreżentaw sa 291 akkomodazzjoni). L-unità ta' referenza hija ta' 73 metru kwadru, bħala medja, għat-2 000 akkomodazzjoni.
2.8	RE-C02-i02	T	Akkomodazzjoni kkonsenjati lill-forzi tas-sigurtà u akkomodazzjoni temporanja kkonsenjati għal raġunijiet umanitarji jew ta' sigurtà		Għadd	0	840	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-2	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet (413 ikkonsenjati lill-forzi tas-sigurtà, u 427 ikkonsenjati lill-Armata) għal fteigijiet ta' akkomodazzjoni temporanja, inklużi tliet blokko għall-forzi tas-sigurtà (f'każijiet imqanqla mill-interess pubbliku). L-investment jinkludi wkoll seba' ċentri għal akkomodazzjoni temporanja għal raġunijiet umanitarji jew ta' sigurtà. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero.
2.11	RE-C02-i03-RAM	T	Akkomodazzjoni appoġġata fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira		Għadd	0	805	IT-TIE NI TRI ME STR U	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet allokati lil unitajiet domestiċi eliġibbli wara l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali jew ix-xiri ta' akkomodazzjoni residenzjali għal akkomodazzjoni soċjali. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero. L-unità ta' referenza għal kull abitazzjoni hija medja ta' 90 metru kwadru għat-805 abitazzjoni.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TA T-2		Barra minn hekk, l-investment jinkludi wkoll l-akkwist ta' servizzi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni u soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku fis-settur tad-djar.
2.12	RE-C02-i03-RAM	T	L-għadd ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid privat u abitazzjonijiet pubbliċi residenzjali rinnovati, inkluż b'effiċjenza enerġetika mtejbja		Għadd	0	325	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-2	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet privati okkupati mis-sidien u abitazzjonijiet pubbliċi residenzjali rinnovati għall-gruppi fil-mira li ma għandhomx riżorsi finanzjarji biex iwettqu xogħlijiet ta' riabilitazzjoni.
2.13	RE-C02-i04-RAA	T	Bini mibni fl-istokk tad-djar pubbliċi fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores		Għadd	0	24	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2021	L-għadd ta' binjiet mibnija, b'xogħlijiet iffinalizzati sabiex jiżied l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. L-abitazzjonijiet għandhom daqs medju ta' madwar 120 metru kwadru.
2.14	RE-C02-i04-RAA	T	Interventi fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — rinnovazzjoni		Għadd	0	40	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2021	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 L-investment jinkludi r-rinnovazzjoni jew il-finalizzazzjoni ta' bini u appartamenti, imkejla bl-għadd ta' interventi. L-interventi jinkludu: — il-konverżjoni ta' bini pubbliki mhux residenzjali f'akkomodazzjoni, — Appoġġ finanzjarju għall-konverżjoni mill-ġdid ta' bini soċjali degradat (Bairros Sociais) — ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika biex tikkonforma mal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-akkomodazzjoni, prinċipalment ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. L-abitazzjoni kkonċernata għandha daqs medju ta' madwar 100 metru kwadru.
2.16	RE-C02-i04-RAA	T	Interventi fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — rinnovazzjoni		Għadd	40	101	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2023	L-investment jinkludi r-rinnovazzjoni jew il-finalizzazzjoni ta' bini pubbliku u appartamenti b'xogħlijiet iffinalizzati. L-interventi jistgħu jinkludu: — il-konverżjoni ta' bini pubbliku mhux residenzjali f'akkomodazzjoni, — Appoġġ finanzjarju għall-konverżjoni mill-ġdid ta' bini soċjali degradat — Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786 L-abitazzjoni kkonċernata għandha daqs medju ta' madwar 100 metru kwadru.
2.17	RE-C02-i04-RAA	T	Bini mibni fl-istokk tad-djar pubbliċi tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — kostruzzjoni ta' bini		Għadd	24	65	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2025	L-għadd ta' binjiet mibnija għall-akkomodazzjoni soċjali, inkluża l-urbanizzazzjoni tal-art fejn meħtieġ iffinalizzata sabiex jiġdied l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. L-abitazzjonijiet għandhom daqs medju ta' madwar 120 metru kwadru.
2.18	RE-C02-i04-RAA	T	Interventi fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — rinnovazzjoni		Għadd	101	480	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2025	L-investment jinkludi r-rinnovazzjoni jew il-finalizzazzjoni ta' bini u appartamenti. L-interventi jistgħu jinkludu: — il-konverżjoni ta' bini pubbliku mhux residenzjali f'akkomodazzjoni, — l-operazzjonalizzazzjoni ta' pjan għall-promozzjoni tal-kiri taż-żgħażaġh (eż. il-konverżjoni tal-akkomodazzjoni lokali — Alojamento Local- f'kiri fit-tul, ir-riabilitazzjoni ta' ċentri urbani). — Appoġġ finanzjarju għall-konverżjoni mill-ġdid ta' bini soċjali degradat — ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786 L-abitazzjonijiet ikkonċernati għandhom daqs medju ta' madwar 100 metru kwadru.
2.19	RE-C02-r04	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv li japprova l-qafas legali għall-Pjan Nazzjonali Urġenti u Temporanju għall-Akkomodazzjoni	Dħul fis-seħħ tad-digriet liġi				IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-2	2021	Id-digriet Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-istruttura tal-Pjan u l-istokk tad-djar b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji eliġibbli, is-soluzzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-mudell ta' finanzjament. Flimkien mal-qafas legali, il-Pjan Nazzjonali għall-Akkomodazzjoni għandu jiġi ppreżentat u approvat mill-Gvern, li għandu jinkorpora l-ippjanar strateġiku tas-soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni li għandhom jiġu promossi u l-appoġġ meħtieġ għal dan l-għan, skont il-ħtiġijiet u l-ispeċifikitajiet lokali u l-koeżjoni soċjoterritorjali.
2.30	RE-C02-i07-RAA	T	Infrastruttura ta' rqajja' ta' art		Għadd	0	145	IT-TIE NI TRI ME STR U TA T-2	2026	L-għadd ta' rqajja' ta' art b'infrastrutturi maħluqa jew imtejba u allokati lill-kandidati magħżula skont il-programm stabbilit fid-Digriet Leġislattiv Reġjonali Nru 21/2005/A tat-3 ta' Awwissu 2005. Iż-żgħażaġh għandhom jingħataw prijorità, kif speċifikat fid-deskrizzjoni tal-investment.
2.31	RE-C02-i08-RAA	T	Tisħiħ tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — abitazzjonijiet mibnija		Għadd	0	77	IT-TIE NI TRI ME STR U TAL -4	2025	L-għadd ta' abitazzjonijiet mibnija ffinalizzati. Bini ġdida għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Id-daqs medju tal-abitazzjonijiet huwa ta' madwar 101 metru kwadru.

B.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment RE-C02-i05: Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli

L-objettiv tal-investment huwa li jirrispondi għad-dinamika attwali tal-prezzijiet tad-djar vis-à-vis il-livelli tal-introjt tal-unitajiet domestiċi Portugiżi, speċjalment f'ambjenti urbani kbar, billi jipprovdi stokk pubbliku ta' djar li jistgħu jinkrew bi prezzijiet affordabbli għal gruppi fil-mira speċifiċi.

L-investment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' bini ġdid jew fir-rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet pubbliċi, inkluża r-rinnovazzjoni ta' bini akkwistat, biex jiġu pprovduti 3 akkomodazzjoni 500 u kiri sussegwenti bi prezzijiet affordabbli għall-gruppi fil-mira identifikati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C02-i06: Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li tiżdied il-provvista nazzjonali ta' akkomodazzjoni għall-istudenti affordabbli peress li din tibqa' waħda mill-akbar ostakli fl-aċċess għall-edukazzjoni terziarja. Il-provvista eżistenti qed tappoġġa biss sehem żgħir (madwar 10 %) tal-istudenti li jeħtieġu akkomodazzjoni, fl-isfond ta' żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, speċjalment fl-akbar ċentri urbani, fejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma kkonċentrati.

L-investment għandu jikkonsisti fil-provvista ta' 18 000 sodda ġdida u rinnovata permezz tal-kostruzzjoni u l-akkwist ta' bini, u r-riabilitazzjoni ta' bini eżistenti u l-modernizzazzjoni u l-espansjoni ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni għall-istudenti eżistenti għall-użu prioritarju mill-istudenti. Barra minn hekk, u ladarba jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-istudenti biss, is-sodod jistgħu jsiru disponibbli wkoll għar-riċerkaturi, l-għalliema u l-persunal mhux tat-tagħlim ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, b'mod partikolari fil-mobbiltà nazzjonali jew internazzjonali, inkluż taħt ERASMUS +, networks ta' "Universitajiet Ewropej" u skont ftehimiet internazzjonali oħra ta' mobbiltà mal-Istat Portugiż.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment RE-C02-i09: Miżura fuq skala akbar: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni (self)

L-objettiv tal-investment huwa li jżid l-investment RE-C02-i01: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni, taħt il-komponent 2. Il-parti miżjuda tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' abitazzjonijiet ipprovduti lill-unitajiet domestiċi għal total ta' 26 000.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
2.20	RE-C02-i05	T	Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli — Akkomodazzjonijiet b'xogħol mibdi (mibni b'effiċjenza enerġetika għolja jew riabilitat bi prestazzjoni enerġetika mtejba)		Għadd	0	520	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2022	L-għadd ta' abitazzjonijiet li għalihom ix-xogħol jibda wara l-proċedura tal-offerti u l-iffirmar ta' kuntratt. Fejn ikun jinvolvi kostruzzjoni ġdida, bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.
2.24	RE-C02-i05	T	Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli — Akkomodazzjonijiet assenjati (mibnija b'effiċjenza enerġetika għolja jew riabilitati bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija)		Għadd		3 500	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet ikkonsenjati lill-unitajiet domestiċi eliġibbli permezz tal-iskambju tal-akkomodazzjoni bi spiża affordabbli (DL 82/2020 tat-2 ta' Ottubru) jew permezz ta' programm municipli. L-akkomodazzjoni affordabbli hija definita bħala dik magħmula disponibbli f'konformità mal-Programm tal-Lokazzjoni ta' Aċċess, stabbilit bid-Digriet Amministrattiv Nru 68/2019 tat-22 ta' Mejju, tal-iskema tal-kiri appoġġata, stabbilita mil-Liġi Nru 81/2014 tad-19 ta' Diċembru, kif emendata, tal-iskema kundizzjonali tal-kera, stabbilita bil-Liġi Nru 80/2014 tad-19 ta' Diċembru, tas-sistema ta' spejjeż ikkontrollati, irregolata mill-Ordni Ministerjali ta' Implimentazzjoni Nru 65/2019 tad-19 ta' Frar, jew ta' programmi municipli speċjali. Fejn ikun jinvolvi kostruzzjoni ġdida, bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.
2.25	RE-C02-i06	T	Akkomodazzjoni għall-istudenti bi spejjeż affordabbli — għadd ta' postijiet ta' akkomodazzjoni għall-istudenti b'offerti mnedija		Għadd	0	7 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2022	L-għadd ta' postijiet ta' akkomodazzjoni ġodda u rinnowati għal studenti primarjament ta' edukazzjoni għolja li għalihom tnedew offerti pubbliċi. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
2.28	RE-C02-i06	T	Akkomodazzjoni għall-istudenti bi spejjeż affordabbli		Għadd	7 000	18 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	L-għadd ta' postijiet ġodda u rinnovati disponibbli primarjament għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja; Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786
2.32	RE-C02-i09	T	Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni (self) — akkomodazzjonijiet mixtrija, mibnija (effiċjenza enerġetika għolja) jew riabilitati (bi prestazzjoni enerġetika mtejbja) ipprovduti lill-unitajiet domestiċi		Għadd	20 209	26 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	L-għadd ta' abitazzjonijiet ikkonsenjati lill-unitajiet domestiċi eliġibbli tal-programm. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero. Għar-riabilitazzjoni, l-unità ta' referenza għal kull abitazzjoni hija ta' 73 metru kwadru, għal kostruzzjonijiet ġodda ta' 95 metru kwadru għall-5 791 abitazzjoni.

C. IL-KOMPONENT 3: Risposti Soċjali

Il-Portugall ilu jiffaċċja sfidi demografiċi u soċjoekonomiċi importanti għal ħafna snin li ġew amplifikati mill-pandemija tal-COVID-19. Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li ġejjin: it-tixjiħ demografiku, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra b'dipendenza u sitwazzjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali fost il-komunitajiet u l-gruppi żvantaġġati.

F'dan il-kuntest, dan il-komponent jindirizza l-isfidi strutturali relatati mal-politika soċjali u n-nuqqasijiet fil-kopertura tas-servizzi soċjali għall-popolazzjonijiet/reġjuni fil-bżonn, kemm fil-Portugall kontinentali kif ukoll fir-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira.

L-għanijiet ewlenin tal-komponent huma: I) it-titjib tal-faċilitajiet tal-kura soċjali u l-iżgurar ta' kopertura territorjali aħjar; II) it-tisħiħ u l-espansjoni tan-netwerk ta' risponsi soċjali b'soluzzjonijiet innovattivi u proġetti pilota u interventi; III) l-iżvilupp ta' risponsi ġodda ta' appoġġ ibbażati fil-komunità, li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' għajxien indipendenti, il-prevenzjoni tad-dipendenza u l-iżvilupp ta' reazzjonijiet għan-nonistituzzjonalizzazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; IV) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għal għajxien inklużiv u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-ekonomija għall-persuni b'diżabbiltà; u v) il-promozzjoni tal-qerda tal-faqar billi tiġi żviluppata strateġija nazzjonali komprensiva li tiffoka fuq il-komunitajiet l-aktar vulnerabbli u żvantaġġati.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020). Barra minn hekk, tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-titjib tal-effettività u l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali u dwar it-titjib tal-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019), il-garanzija ta' protezzjoni soċjali u appoġġ għall-introjt suffiċjenti u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020) u t-titjib tal-effettività tas-sistema ta' protezzjoni soċjali Portugiża, b'mod partikolari billi tissimplifika l-qafas tagħha (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2022 u 2023). Il-komponent jappoġġa wkoll indirettament l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

³⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kif ukoll it-tlestija u d-dħul fis-seħħ ta' 6 soluzzjoni tal-IA għall-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika;

- Iżżid l-għadd ta' korsijiet offruti permezz tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Korsijiet Online tal-Massa (NAU);
- L-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Data dwar ix-Xjenza Miftuħa u r-Riċerka (PNCADAI).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment RE-C05-i09 — - Espansjoni: Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju — Konklużjoni tal-kuntratti

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.01, taħt il-komponent 5. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi kkompletati mill-Aġendi tal-Mobilizzazzjoni/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investment RE-C05-i10 — - Espansjoni: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negożju — Konklużjoni tal-kuntratti

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.02 taħt il-komponent 5. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi minn aġendi Ekoloġiċi addizzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investment RE-C05-i13 — Unitajiet ta' riċerka xjentifika

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa l-aġġornament u r-ristrutturar tal-unitajiet tar-riċerka xjentifika, inkluża t-trasformazzjoni diġitali tagħhom.

L-investment għandu l-għan li jappoġġa oġġetti bħal tagħmir xjentifiku kbir, settijiet ta' strumenti xjentifiċi, arkivji u data xjentifiċi, riżorsi oħra bbażati fuq l-għarfien, sistemi tal-informatika u tal-ipprogrammar, networks ta' komunikazzjoni li jippromwovu aċċess diġitali miftuħ, u/jew infrastrutturi oħra strumentali biex jistimulaw l-eċċellenza fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment RE-C05-i14 — Innovazzjoni tan-negożju

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku fi skema ta' sussidju sabiex jiġi inkentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal ditti li jiżviluppaw proġetti innovattivi. L-iskema għandha topera billi ttipprovdi sussidji direttament lis-settur privat. Abbażi tal-investment tal-RRF, l-iskema għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 315 146 000 ta' sussidji.

L-iskema għandha tiġi ġestita *mill-Banco Português de Fomento* bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. L-iskema għandha tinkludi l-linja tal-prodott li ġejja:

- L-appoġġ għal proġetti ta' investiment kummerċjali f'attivitajiet innovattivi u b'ħiliet speċjalizzati jew fi proċessi ta' riċerka u żvilupp, it-trawwim tar-rabta bejn in-negozji u x-xjenza, b'enfasi partikolari fuq l-innovazzjoni relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fl-Iskema, il-Portugall u *l-Banco Português de Fomento* għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

- 1) Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Iskema: Id-Deċiżjoni finali tal-ġoti tal-Iskema għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern.
- 2) Rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' sussidju assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a) Id-deskrizzjoni tas-sussidji pprovduti u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
 - b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c) Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' sussidju għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream³⁹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴⁰, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi⁴¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁴².
 - d) Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.

³⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁴⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁴¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- 3) L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-reqwiziti li jintuża kwalunkwe rikavat mhux użat tal-iskema, inkluż lil hinn mill-2026, għall-istess finijiet ta' politika.
- 4) Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
- a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar is-sussidji mobilizzati.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-reqwiziti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jingħata sussidju għal operazzjoni.
 - d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar *tal-Banco Português de Fomento*. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-reqwiziti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li r-reqwiziti li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost jiġi rispettat. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u l-Ftehimiet ta' Sussidju applikabbli qed jiġu rrispettati.
- 5) Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi u diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 12 606 000 tal-investiment tal-RRF fl-Iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF u mill-inqas EUR 31 515 000 għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF.⁴³

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

⁴³ Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Għall-fini tal-kontribuzzjoni għall-klima, il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.1	RE-C05-r09	M	Aġġornament tal-linji gwida għall-istrateġija għall-innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall 2030	Pubblikazzjoni ta' linji gwida aġġornati għall-istrateġija għall-innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall 2030				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2021	Aġġornament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-linji gwida għal strateġija ta' innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall, 2018–2030, b'kont meħud tal-Istrateġija tal-Portugall 2030 adottata reċentement u l-isfidi l-ġodda tal-irkupru ekonomiku.
5.2	RE-C05-r11	T	Estensjoni tan-Netwerk ta' Laboratorji Kollaborattivi Rikonoxxuti		Għadd	26	35	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2021	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Rikonoxximent u għoti ta' kwalifiki għal Laboratorji Kollaborattivi ġodda — Estensjoni tan-netwerk tal-Laboratorji Kollaborattivi permezz tar-rikonoxximent u l-għoti tat-titolu lil entitajiet ġodda, li jirriżultaw mill-proċess ta' applikazzjoni u evalwazzjoni mwettaq minn bord indipendenti ta' evalwazzjoni ta' esperti ta' mertu internazzjonali rikonoxxut maħtur mill-Bord ta' Tmexxija tal-FCT, I.P (Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija)
5.3	RE-C05-r11	M	Dħul fis-seħħ tar-reġim legali l-ġdid għaċ-ċentri tat-teknoloġija u l-innovazzjoni	Dħul fis-seħħ tar-reġim legali l-ġdid għaċ-ċentri tat-teknoloġija u l-innovazzjoni				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2021	Il-leġiżlazzjoni għandha tirrevedi u tistandardizza l-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-entitajiet li jiffurmaw parti mis-Sistema Xjentifika u Teknoloġika, filwaqt li tiddefinixxi l-mudell ta' finanzjament u evalwazzjoni tagħha.
5.4	RE-C05-r12	M	Approvazzjoni tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura	Approvazzjoni tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2020	Pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri ppubblikata 15/10/2020
5.5	RE-C05-i01.01	T	Konklużjoni ta' Kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma		Għadd	0	6	IT-TIENI TRIM ESTR	2022	Il-konklużjoni ta' sitt kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju;

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			strateġiċi rilevanti (Aġendi ta' Innovazzjoni).					U TAL-4		Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju/l-investment; L-ammont ta' finanzjament; L-oġġettivi li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; Il-forma ta' monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 60 prodott, proċess jew servizz. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
5.6	RE-C05-i01.01	T	Tlestija ta' prodotti, proċessi jew servizzi f'oqsma strateġiċi rilevanti		Għadd	0	366	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	It-tlestija ta' 366 prodott, proċess jew servizz f'oqsma strateġiċi rilevanti, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) konklużi ma' konsorzji. Mill-inqas 138 mill-PPS għandhom jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) konklużi ma' konsorzji, li jallinjaw mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.7	RE-C05-i01.02	T	Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.		Għadd	0	4	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2022	Il-konklużjoni ta' erba' kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju; Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju/l-investment; L-ammont ta' finanzjament; L-oġġettivi li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; Il-forma ta' monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 40 prodott, proċess jew servizz u għandhom jirriflettu l-allinjament mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn il-kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
5.9	RE-C05-i02	T	Kuntratti ma' entitajiet ta' interfaċċa, inklużi l-Laboratorji Kollaborattivi — Colabs, konklużi		Għadd	0	20	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2022	Wara sejħa għall-offerti, l-għażla tal-entitajiet li għandhom jiġu appoġġati. Din is-sejħa hija ristretta għall-proponenti rikonoxxuti bħala entitajiet ta' "Interfaċċa" jew bħala Laboratorji Kollaborattivi. Il-kuntratti għandhom jirriflettu l-allinjament mal-oqsma ta' intervent 021 (Trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn in-negozji, iċ-ċentri ta' riċerka u s-settur tal-edukazzjoni) u/jew 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
5.10	RE-C05-i02	T	Il-kumpaniji li jibbenefikaw mis-servizzi pprovduti mill-entitajiet tal-interfaċċa, inklużi l-Laboratorji Kollaborattivi — il-Kolabini		Għadd	0	500	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Ir-rapporti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu ppreżentati kull sena mill-entitajiet tal-interfaċċa għandhom jagħmluha possibbli li jitkejjel il-progress kwantitattiv meta mqabbel mal-oġettivi speċifiċi meħuda meta ġie allokat il-finanzjament bażiku, b'mod partikolari l-għadd ta' impriżi li jibbenefikaw mis-servizzi pprovduti.
5.11	RE-C05-i03	M	Proċedura tal-offerti għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni	Pubblikazzjoni ta' avviż għall-ftuħ ta' proċedura tal-offerti għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għal programmi/proġetti ta' riċerka u innovazzjoni li għandhom jiġu ffinanzjati taħt inizzjattivi tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura 2030. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti jiffukaw jew: — dwar l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, iż-żieda fis-sekwestru tal-karbonju, jew it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima li jirriflettu r-rekwiżiti tal-qasam ta' intervent 022 kif indikat fl-Anness VI tar-Regolament RRF — jew fuq proġetti tar-R & D tad-diġitalizzazzjoni bħall-portal agrikolu uniku, il-bidla diġitali u l-proġetti tar-R & I relatati mal-ktajjen tal-valur, li jirriflettu r-rekwiżiti tal-qasam ta' intervent 009.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.12	RE-C05-i03	T	Tlestija ta' proġetti ta' innovazzjoni u riċerka li jiffukaw fuq l-aspetti ekoloġiċi tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura 2030		Għadd	0	100	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2025	Total ta' 100 proġett R & I ffinanzjati u kkompletati. Appoġġ għal proġetti u programmi ta' riċerka u innovazzjoni li jikkontribwixxu għal mill-inqas waħda mill-15 inizjattiva tal-Aġenda ta' Innovazzjoni u li jiffukaw fuq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.
5.13	RE-C05-i03	T	Tlestija ta' 5 proġett ta' strutturar li jiffukaw fuq l-aspetti diġitali tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura 2030		Għadd	0	5	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2025	Total ta' 5 proġett ta' strutturar tal-innovazzjoni ffinanzjati u kkompletati. Appoġġ għal proġetti ta' innovazzjoni li jikkontribwixxu għal mill-inqas waħda mill-15 inizjattiva tal-Aġenda ta' Innovazzjoni u li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni.
5.14	RE-C05-i03	T	Tiġdid/titjib taċ-ċentri ta' innovazzjoni agrikola		Għadd	0	24	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	Il-ħolqien ta' Network Nazzjonali tal-Innovazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Iżvilupp Rurali, permezz tat-titjib ta' 24 Ċentru ta' Innovazzjoni. Dan l-investment għandu jinkludi prinċipalment ir-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi u x-xiri ta' tagħmir xjentifiku tal-laboratorju.
5.15	RE-C05-i04-RAA	M	Adozzjoni ta' Regolament għall-Istrument ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negożji fl-Azores	Adozzjoni mill-Gvern Reġjonali tal-Azores ta' regolament li jistabbilixxi l-miżura ta' kapitalizzazzjoni u li jawtorizza l-adozzjoni minn <i>Banco Portugues de Fomento</i> ta' politika ta' investment				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2021	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 L-adozzjoni mill-Gvern Reġjonali tal-Azores ta' regolament li jistabbilixxi l-miżura ta' kapitalizzazzjoni u li jagħti mandat għall-adozzjoni minn <i>Banco Portugues de Fomento</i> ta' politika ta' investment li tiddefinixxi, inter alia, il-kriterji għall-eliġibbiltà u l-għażla ta' kumpanniji benefiċjarji għal kull tip ta' strument finanzjarju. Ir-Regolament għandu jirrikjedi li l-politika ta' investment ikun fiha kriterji tal-għażla/tal-eliġibbiltà għall-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) tal-kumpaniji appoġġati, li jirrikjedu: — l-użu tal-verifika tas-sostenibbiltà, — lista ta' esklużjoni li tinkludi l-elementi ta' hawn taħt: — Investimenti relatati mal-fjuwils fossili (inkluż l-użu downstream), ħlief għas-sħana/għall-enerġija bbażata fuq il-gass naturali konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-gwida dwar id-DNSH

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										— Attivitajiet taħt l-ETS b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO2 proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. — Investimenti f'faċilitajiet għar-rimi ta' skart f'mizbljet, f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku (MBT), u inċineraturi għat-trattament tal-iskart. Il-lista ta' esklużjoni ma tapplikax għal impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; għal impjanti eżistenti, fejn l-investment ikun għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali investimenti ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjant. — Attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara fit-tul lill-ambjent (eż. skart nukleari). — R & I ddedikat għall-assi u l-attivitajiet imsemmija hawn fuq. — kontrolli tal-konformità legali obbligatorji permezz tal-BPF u/jew l-intermedjarji finanzjarji magħżula tiegħu għal tranżazzjonijiet eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà — il-benefiċjarji tal-appoġġ għall-ekwità li jiksbu mill-inqas 50 % tad-dħul tagħhom minn attivitajiet elenkati fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika.
5.16	RE-C05-i04-RAA	M	Adozzjoni tal-politika ta' investment għall-Istrument ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negozji fl-Azores	L-adozzjoni minn BPF tal-politika ta' investment li tkopri l-istrumenti finanzjarji kollha previsti fil-miżura.				IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-3	2021	L-adozzjoni minn BPF tal-politika ta' investment li tkopri l-istrumenti finanzjarji kollha previsti fil-miżura. Il-politika ta' investment għandha tiġi żviluppata u adottata minn BPF bħala l-korp manijerjali tal-veikolu li jkollu l-parteċipazzjonijiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji implimentati biex jappoġġaw lill-kumpaniji magħżula bħala benefiċjarji. Il-politika ta' investment għandha tirrifletti l-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà u l-impenji/miri applikabbli stabbiliti fir-Regolament

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										għall-Istrument ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negozji fl-Azores
5.17	RE-C05-i04-RAA	T	Trasferiment għal ammont totali ta' EUR 95 000 000 lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji tar-reġjun f'appoġġ ta' ekwità u kważi ekwità, f'konformità mal-politika ta' investiment tal-istrument.		EUR	0	95 000 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Trasferiment għal ammont totali ta' EUR 95 000 000 lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji tar-reġjun f'appoġġ ta' ekwità u kważi ekwità, f'konformità mal-politika ta' investiment adottata għall-Istrument ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negozji fl-Azores. <i>Banco Portugues de Fomento</i> għandu jkun responsabbli għar-rapportar dwar l-operazzjonijiet imwettqa. F'dan ir-rapport, minbarra l-movimenti finanzjarji, għandha tiġi ppubblikata lista tal-kumpaniji beneficijarji, in-NIT u CAE tagħhom, id-data tal-kuntratt, il-finanzjament mogħti, it-tip ta' strument finanzjarju użat u, fejn rilevanti, l-entità finanzjarja involuta.
5.53	RE-C05-i15-RAA	M	Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
5.54	RE-C05-i15-RAA	T	Ftehimiet legali ffirmati ma' fond ta' ekwità u l-ministeru kkompletaw l-investiment	Ftehimiet legali ffirmati ma' fond ta' ekwità u ċertifikat ta' trasferiment għall-faċilità	Perċentwali (%)	0 %	100 %	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Banco Portugues de Fomento għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' finanzjament legali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 100 % tal-investiment tal-RRF (EUR 30 000 000, filwaqt li jtiqiesu t-tariffi tal-ġestjoni) fil-Faċilità: fond ta' ekwità li jipprovdi appoġġ ta' ekwità lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji fl-Azores. Il-Portugall għandu jittrasferixxi EUR 30 000 000 lill-Banco Portugues de Fomento għall-Faċilità.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.18	RE-C05-i05-RAA	M	Pubblikazzjoni tal-Programm ta' Innovazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Agrikoltura tal-Azores	Pubblikazzjoni tal-Programm ta' Innovazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Agrikoltura tal-Azores				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Il-pubblikazzjoni ta' Programm ta' Innovazzjoni u Diġitalizzazzjoni għall-Agrikoltura fl-Azores, inkluż pjan għall-iżvilupp ta' network ta' monitoraġġ u avviżi agrikoli fil-livell tal-gżejjer, kif ukoll pjan għat-tranżizzjoni lejn ir-realtà diġitali u l-biedja ta' preċiżjoni.
5.19	RE-C05-i05-RAA	T	Strutturi ġodda (biex jissostitwixxu strutturi obsoleti) jew kwalifikati mill-ġdid responsabbli għall-qatla tal-annimali, u ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ħalib u s-sikurezza tal-ikel		Għadd	0	2	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-finalizzazzjoni ta' xogħlijiet fuq strutturi ġodda (biex jissostitwixxu strutturi obsoleti) jew rikwalifikati responsabbli għat-tbiċċir tal-annimali, iċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ħalib u/jew is-sikurezza tal-ikel, biex jirrispondu għall-evoluzzjoni u d-domandi dejjem akbar tas-swieq, filwaqt li jinkorporaw investimenti fl-innovazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-organizzazzjoni, fit-tranżizzjoni ekoloġika, fit-tranżizzjoni diġitali u fit-trattament xieraq tal-annimali.
5.20	RE-C05-i05-RAA	T	Proġetti appoġġati taħt skemi ta' appoġġ għar-ristrutturar ta' intrapriżi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni		Għadd	0	11	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Proġetti approvati u kkuntrattati taħt skemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fi prodotti u proċessi ta' produzzjoni u organizzazzjoni, tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali, immirati lejn ir-ristrutturar tal-intrapriżi fis-settur agrikolu tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni.
5.21	RE-C05-i05-RAA	T	Proġetti appoġġati taħt skemi ta' appoġġ għar-ristrutturar tal-azjendi agrikoli		Għadd	0	213	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Proġetti approvati u kkuntrattati taħt skemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fi prodotti u proċessi ta' produzzjoni u organizzazzjoni, tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali, immirati lejn ir-ristrutturar tal-azjendi agrikoli.
5.22	RE-C05-i05-RAA	T	Appoġġ tekniku speċjalizzat mogħti lill-azjendi agrikoli taħt il-Programm ta' Responsabbilizzazzjoni tal-Bdiewa		Għadd	0	2 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-għadd ta' appoġġ tekniku speċjalizzat mogħti lill-azjendi agrikoli bħala parti mill-azzjonijiet li għandhom jitwettqu taħt il-Programm ta' Responsabbilizzazzjoni tal-Bdiewa.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.33	RE-C05-i07-RAM	M	Iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni (protokoll) bejn Banco Português de Fomento, Instituto de Desenvolvimento Empresarial u intermedjarji finanzjarji magħżula	L-iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni (protokoll) bejn Banco Português de Fomento, Instituto de Desenvolvimento Empresarial u intermedjarji finanzjarji magħżula, li jkopri l-istrumenti finanzjarji kollha previsti fil-miżura				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2024	L-iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni (protokoll) bejn Banco Português de Fomento, Instituto de Desenvolvimento Empresarial u intermedjarji finanzjarji magħżula li jkopri l-istrumenti finanzjarji kollha previsti fil-miżura. Il-ftehim ta' implimentazzjoni u d-dokumenti legali sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandhom jeħtieġu l-applikazzjoni tal-lista ta' esklużjoni (kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-miżura) u kontroll tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u dik nazzjonali.
5.34	RE-C05-i07-RAM	T	Garanziji ta' self li jappoġġaw proġetti ta' intrapriżi reġjonali.	—	EUR	0	15 900 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' garanzija fuq EUR 15 900 000 ta' self, flimkien ma' appoġġ għall-ispejjeż tal-imgħax fuq self u/jew għal tariffi ta' garanzija, skont is-Sistema Nazzjonali ta' Garanzija Reċiproka, li jappoġġaw mill-inqas 10 proġett reġjonali.
5.35	RE-C05-i08	T	Tlestija tal- "kampus Science XXI" u "Science Desk" u l-forniment ta' servizzi permezz tal-Programm Nazzjonali ta' Data dwar ix-Xjenza Miftuħa u r-Riċerka Miftuħa (PNCADAI)		Għadd	0	9	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	It-tlestija taż-żewġ servizzi diġitali u fiżiċi tax-xjenza u t-teknoloġija: "Campus Science XXI" u "Science Desk". Il-forniment ta' seba' servizzi elettroniċi online fil-qafas tal-Programm Nazzjonali dwar ix-Xjenza Miftuħa u d-Data tar-Riċerka Miftuħa (PNCADAI). Il-programm għandu jinkludi infrastruttura ta' ċentru tad-data, kif ukoll servizz ta' ġestjoni tad-data.
5.36	RE-C05-i08	T	Tlestija ta' proġetti taħt il-programm R &DfI-amministrazzjoni pubblika, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali għall-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika u korsijiet		Għadd	0	150	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	It-tlestija ta' 94 proġett iffinanzjati bħala parti mill-programm R &DfI-amministrazzjoni pubblika (inkluż fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali (IA), iċ-ċibersigurtà u x-xjenza tad-data). It-tlestija u d-dħul fis-seħħ ta' 6 soluzzjoni tal-IA għall-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika. 50 kors ġdid offruti permezz tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Korsijiet Online tal-Massa (NAU), li

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			ġodda dwar il-Pjattaforma Nazzjonali għall-Korsijiet Online tal-Massa (NAU)							jibbenefikaw mill-infrastruttura teknoloġika żviluppata reċentement.
5.37	RE-C05-i08	M	Att notarili dwar il-kostituzzjoni ta' Ċentru Nazzjonali għall-Computing Avvanzat (CNCA) u l-istatuti tiegħu	Att notarili dwar il-kostituzzjoni ta' Ċentru Nazzjonali għall-Computing Avvanzat u l-istatuti tiegħu				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2024	L-eżekuzzjoni ta' att notarili rigward il-kostituzzjoni ta' Ċentru Nazzjonali għall-Computing Avvanzat (CNCA) u l-istatuti tiegħu. Is-CNCA għandha torganizza mill-ġdid u tiċentralizza n-networks u ċ-ċentri tal-computing Portugiżi eżistenti.
5.38	RE-C05-i08	M	It-tlestija tal-infrastruttura ta' appoġġ u ta' ċentru tad-data għaċ-Ċentru Nazzjonali Avvanzat tal-Kompjuter, l-aġġornament tas-supercomputer Mare Nostrum 5, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ġodda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-iżvilupp ta' mudell lingwistiku kbir (LLM) bil-lingwa Portugiża tal-Portugall.	It-tlestija tal-infrastruttura ta' appoġġ u ta' ċentru tad-data għaċ-Ċentru Nazzjonali Avvanzat tal-Kompjuter, l-aġġornament ta' Mare Nostrum 5 u l-iżvilupp ta' mudell lingwistiku kbir (LLM) bil-lingwa Portugiża tal-Portugall.				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	It-tlestija tal-infrastruttura ta' appoġġ u ta' ċentru tad-data għaċ-Ċentru Nazzjonali Avvanzat tal-Kompjuter, inkluż l-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' żewġ superkompjuters (Deucalion u Mare Nostrum 5), l-aġġornament ta' Mare Nostrum 5 u l-iżvilupp ta' għodod ġodda tal-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp ta' mudell lingwistiku kbir (LLM) bil-lingwa Portugiża tal-Portugall.
5.39	RE-C05-i09	T	Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti (Aġendi ta' Innovazzjoni).		Għadd	6	12	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2023	Il-konklużjoni ta' sitt kuntratti addizzjonali (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: • L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju; • Il-pjan tan-negozju/l-investment; • L-ammont ta' finanzjament; • L-għanijiet li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; • Il-forma tal-monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 168 prodott, proċess jew servizz. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kuntratti għandhom ikunu addizzjonali għall-kuntratti implimentati f'RE-C05-i01.01.
5.41	RE-C05-i10	T	Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti għall-ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.		Għadd	4	10	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2023	Il-konklużjoni ta' sitt kuntratti addizzjonali (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: • L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju; • Il-pjan tan-negozju/l-investment; • L-ammont ta' finanzjament; • L-għanijiet li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; • Il-forma tal-monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 98 prodott, proċess jew servizz u għandhom jallinjaw mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn il-kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kuntratti għandhom ikunu addizzjonali għall-kuntratti implimentati f'RE-C05-i01.02.
5.50	RE-C05-i13	T	Akkwist ta' tagħmir jew tlestija ta' proġetti għar-rinnovazzjoni u/jew l-immodernizzar ta' unitajiet ta' riċerka		EUR	0	110 000 000	IT-TIENI TRIM ESTR U	2026	L-akkwist ta' tagħmir jew it-tlestija ta' proġetti għar-rinnovazzjoni u/jew il-modernizzazzjoni ta' unitajiet ta' riċerka, bħal tagħmir xjentifiku kbir, settijiet ta' strumenti xjentifiċi, arkivi u data xjentifiċi, riżorsi oħra bbażati fuq l-għarfien, sistemi tal-informatika u

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TAT-2		tal-ipprogrammar, networks ta' komunikazzjoni li jippromwovu aċċess diġitali miftuħ, u/jew infrastrutturi oħra strumentali biex jistimulaw l-eċċellenza fl-attivitàjiet ta' riċerka u innovazzjoni, għal ammont totali ta' EUR 110 000 000.
5.51	RE-C05-i14	M	Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2025	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni.
5.52	RE-C05-i14	T	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali u l-ministeru lesta l-investiment	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali u ċertifikat ta' trasferiment għall-faċilità	EUR	0	315 146 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	Banco Português de Fomento għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' sussidju legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fl-Iskema (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 4 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi u mill-inqas 10 % għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi diġitali, bl-użu tal-metodoloġija fl-Annessi VI u VII tar-Regolament RRF. Il-Portugall għandu jittrasferixxi EUR 315 146 000 lil-Banco Português de Fomento għall-faċilità.

E.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Ir-riforma RE-r10: Il-ħolqien u l-iżvilupp tal-Banco Português de Fomento.

L-oġġettivi tal-miżura huma li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament ta' ditti Portugiżi billi tnaqqas il-kumplessità ta' prodotti finanzjarji korporattivi appoġġati pubblikament u billi tippermetti proġetti ta' interess strateġiku nazzjonali. Għal dan l-għan, *il-Banco Português de Fomento* ġie stabbilit fis-7 ta' Settembru 2020 u beda jopera f'Novembru 2020 bħala l-Bank Promozzjonali Nazzjonali tal-Istat. Minbarra l-missjoni ewlenija u dejjiema tiegħu, il-bank huwa entità ewlenija fil-proċess li terġa' tibda l-attività ekonomika wara l-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari billi jippermetti lid-ditti Portugiżi jibbenefikaw mill-azzjonijiet strateġiċi nazzjonali u Ewropej għall-irkupru.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment legali *tal-Banco Português de Fomento*.

L-implimentazzjoni tar-riforma tlestiet sal-31 ta' Diċembru 2020.

Ir-riforma RE-r13: L-iżvilupp tas-suq kapitali u l-promozzjoni tal-kapitalizzazzjoni ta' kumpaniji mhux finanzjarji

L-oġġettivi tal-miżura huma li tagħti spinta lis-suq kapitali Portugiż u li tippromwovi l-kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji, b'enfasi partikolari fuq il-kumpaniji ta' investiment tat-titoli għall-iżvilupp tal-ekonomija (SIMFEs), l-impriżi ta' investiment kollettiv u r-reviżjoni tal-kodiċi tat-titoli. Din ir-riforma għandha tikkonsisti fir-reviżjoni tal-qafas legali eżistenti u l-adozzjoni ta' liġijiet ġodda li għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent tan-negozju aktar favorevoli u jipprovdu inċentivi reali għall-investiment, il-kapitalizzazzjoni tan-negozju u l-konsolidazzjoni settorjali. L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti fil-miżuri li ġejjin:

- l-iżvilupp tas-suq kapitali;
- it-tisħiħ tal-kumpaniji tal-investiment tat-titoli għall-iżvilupp tal-ekonomija (SIMFEs);
- is-simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva;
- rieżami tal-qafas legali għall-impriżi ta' investiment kollettiv; u għal
- inċentivi ta' kapitalizzazzjoni (tnaqqis għal qligħ miżmum u investit mill-ġdid).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment RE-C05-i06: Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tindirizza l-isfida strutturali tas-sottokapitalizzazzjoni tad-ditti, kif ukoll li tissimplifika l-aċċess tad-ditti għall-finanzjament biex jappoġġaw l-investiment privat.

L-investiment għandu:

- 1) Tjipprovdi *lill-Banco Português de Fomento*, li għandu l-għan li jsir sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ta' InvestEU, b'bafer kapitali ta' EUR 250 000 000.
- 2) Toħloq veikolu bi skop speċjali, li sussegwentement jinvesti EUR 850 000 000 f'ditti vijabbli stabbiliti u/jew li joperaw fil-Portugall fil-forma ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Portugall impenja ruħu li d-dokument tal-politika ta' investiment relatat mal-istrument ta' EUR 850 000 000, li għandu jiġi adottat *mill-Banco Português de Fomento* bħala l-korp maniġerjali tal-veikolu bi skop speċjali, għandu jagħti dettalji dwar il-kriterji tal-għażla/tal-eliġibbiltà għall-kumpaniji appoġġati, filwaqt li jiżgura r-rispett tar-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluża l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01) tal-assi/attivitàjiet appoġġati u/jew tal-kumpaniji u

l-ispeċifikazzjoni tal-miri tal-investiment u r-redditi mmirati. Għall-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) tal-kumpaniji appoġġati, il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi:

- l-użu tal-verifika tas-sostenibbiltà,
- lista ta' esklużjoni li tinkludi l-elementi ta' hawn taħt:
 - Attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁴⁴;
 - Attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴⁵;
 - Attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁴⁶ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁴⁷;
 - Attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara fit-tul lill-ambjent bħall-iskart nukleari; u għal
 - Ir-R & Iddedikat għall-assi u l-attivitajiet imsemmija hawn fuq.
- kontrolli tal-konformità legali obbligatorji permezz tal-*Banco Português de Fomento* u/jew l-intermedjarji finanzjarji magħżula tiegħu għal tranżazzjonijiet eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà; u għal
- il-benefiċjarji tal-appoġġ għall-ekwità li jiksibu mill-inqas 50 % tad-dħul tagħhom minn attivitajiet elenkati fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C05-i16: Il-kompożizzjoni tal-Istati Membri ta' InvestEU

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fil-kompartiment tal-Istat Membru InvestEU sabiex jinċentiva l-investiment privat u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, il-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-individwi. Il-kontribuzzjoni għall-Kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU għandha tintuża għall-appoġġ finanzjarju għall-kompetittività tal-SMEs, u possibbilment ukoll biex tappoġġa (i) investimenti privati minn kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u individwi u (ii) il-kompetittività tad-ditti b'mod partikolari (iżda mhux esklużivament)

⁴⁴ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁴⁵ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁴⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

permezz ta' investimenti fl-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u/jew l-ekoloġizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom. Dan il-prodott finanzjarju għandu jopera billi jipprovdi finanzjament tad-dejn direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat.

Għandu jidħol fis-seħħ Ftehim ta' Garanzija bejn il-Kummissjoni u s-Sieħeb ta' Implimentazzjoni, magħżul skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017.

Il-Portugall għandu jiffirma ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni Ewropea li għandu jinkludi:

- L-imsieħeb Implimentattiv propost.
- Ir-rekwiżit ta' konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2023/C111). Jekk ikun meħtieġ, il-Ftehim ta' Garanzija għandu jeskludi mill-eliġibbiltà l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁴⁸; (II) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴⁹; (III) attivitajiet u assi relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi⁵⁰ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁵¹.
- Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ li għandha tintuża biex tirrapporta dwar il-fondi li qed jiġu mobilizzati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C05-i11 — Espansjoni: Mobilizzazzjoni u Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju (Self)

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.01 taħt il-komponent 5. Il-parti miżjuda tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi mill-Mobilizzazzjoni u l-Aġendi Ekoloġiċi/l-Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju.

⁴⁸ Ħlief għal (a) proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁴⁹ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Mill-inqas 366 mill-prodotti, il-proċessi jew is-servizzi implimentati taħt dan l-investment għandhom jallinjaw mal-qasam ta' intervent 021 tal-anness tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Mill-inqas 147 mill-PPS għandhom jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) konklużi ma' konsorzji, li jallinjaw mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RP-C05-i12 — Espansjoni: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju (Self) — Konklużjoni tal-kuntratti

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.02, taħt il-komponent 5. Iż-żieda tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi mill-Aġendi Ekoloġiċi.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

E.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.23	RE-C05-r10	M	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-attivitajiet u l-istatuti tal-Banco Português de Fomento (BPF)	Dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi Nru 63/2020, li jistabbilixxi l-attivitajiet u l-istatuti tal-BPF				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2020	Il-pubblikazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika Portugiża u d-dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi Nru 63/2020, li jirregola l-attività u l-operat tal-BPF u japprova l-istatuti tiegħu.
5.24	RE-C05-r13	M	Dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-qafas legali għall-impriżi ta' investiment kollettiv	Dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-qafas legali għall-impriżi ta' investiment kollettiv				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ tal-Att, wara l-Adozzjoni tal-Liġi mill-Assemblea tar-Repubblika. Hija għandha tirrevedi l-qafas legali għall-impriżi ta' investiment kollettiv bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva.
5.25	RE-C05-r13	M	Dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-Att dwar il-Kodiċi tat-Titoli	Dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-Att dwar il-Kodiċi tat-Titoli				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ tal-Att, wara l-adozzjoni tal-Liġi mill-Assemblea tar-Repubblika. Ir-reviżjoni tal-Kodiċi tat-Titoli għandha l-għan ta' simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva sabiex tallinja l-qafas nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-oġettiv li tiżdied il-kompetittività tas-suq kapitali Portugiż.
5.26	RE-C05-r13	M	Żvilupp tas-suq kapitali — dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni għall-iżvilupp tas-suq kapitali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-iżvilupp tas-suq kapitali. Il-leġiżlazzjoni għandha tiffoka fuq il-ħolqien ta' inċentivi għal, fost l-oħrajn, i) l-aċċess għall-ekwità permezz tas-suq kapitali, ii) il-ħolqien ta' ambjent li jwassal għat-tkabbir tan-negozju, iii) il-finanzjament tad-dejn fis-suq, iv) il-parteċipazzjoni tal-investituri.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.27	RE-C05-i06	M	Dħul fis-seħħ ta' digriet leġislativ li jirregola l-miżura ta' kapitalizzazzjoni ta' BPF	Dħul fis-seħħ ta' digriet leġislativ li jirregola l-miżura ta' kapitalizzazzjoni ta' BPF				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ ta' digriet leġislativ li jirregola l-miżura ta' kapitalizzazzjoni, li jstabbilixxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita politika ta' investment li tiddefinixxi, inter alia, il-kriterji għall-eliġibbiltà u l-għażla tal-impriżi benefiċjarji
5.28	RE-C05-i06	M	Żvilupp tal-politika ta' investment (kapitalizzazzjoni) u adozzjoni mill-manijer tal-vettura	Politika ta' investment (kapitalizzazzjoni), żviluppata minn BPF u adottata mill-istrument stabbilit għall-ġestjoni tal-parteċipazzjoni jiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji implimentati				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	L-iżvilupp tal-politika ta' investment (kapitalizzazzjoni) u l-adozzjoni mill-manijer tal-vettura. Il-politika ta' investment għandha tiġi żviluppata u adottata mill-BPF bħala l-korp manijerjali tal-veikolu stabbilit għall-ġestjoni tal-parteċipazzjonijiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji implimentati biex jappoġġaw lill-kumpaniji magħżula bħala benefiċjarji u għandha tagħti dettalji dwar il-kriterji tal-għażla/tal-eliġibbiltà għall-kumpaniji appoġġati, filwaqt li tiżgura r-rispett tar-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali tal-RRF, inkluża l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01) tal-assi/attivitajiet appoġġati u/jew tal-kumpaniji u tispeċifika l-miri ta' investment u r-redditi mmirati. Għall-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) tal-kumpaniji appoġġati, il-politika ta' investment għandha tirrikjedi: — l-użu tal-verifika tas-sostenibbiltà — lista ta' esklużjoni li tinkludi l-elementi ta' hawn taħt: Investimenti relatati mal-fjuwils fossili (inkluż l-użu downstream), ħlief għas-sħana/l-enerġija bbażati fuq il-gass naturali konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-gwida dwar id-DNSH Attivitajiet taħt l-ETS b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO2 projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla hlaf. Investimenti f'faċilitajiet għar-rimi tal-iskart fil-miżbljet, f'impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku (MBT), u inċineraturi għat-trattament tal-iskart. Il-lista ta' esklużjoni ma tapplikax għal impjanti ddedikati esklużivament għat-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; għal impjanti eżistenti, fejn l-investment ikun għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali investimenti ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjant. Attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara fit-tul lill-ambjent (eż. skart nukleari). Ir-R & Iddedikat għall-assi u l-attivitajiet imsemmija hawn fuq. — kontrolli tal-konformità legali obligatorji permezz tal-BPF u/jew l-intermedjarji finanzjarji magħżula tiegħu għal tranżazzjonijiet eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà — benefiċjarji ta' appoġġ għall-ekwiżità li jiksbu mill-inqas 50 % tad-dħul tagħhom mill-attivitajiet elenkati fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika
5.43	RE-C05-i06	T	Bi strument ta' kapitalizzazzjoni ta' total ta' EUR 650 000 000 lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti u/jew li joperaw fil-Portugall, f'appoġġ ta' ekwiżità u kważi ekwiżità, f'konformità mal-politika ta' investment tiegħu		EUR	0	650 000 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Twassil ta' total ta' EUR 650 000 000 lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti u/jew li joperaw fil-Portugall f'appoġġ ta' ekwiżità u kważi ekwiżità, f'konformità mal-politika ta' investment definita preċedenti żviluppata mill-BPF, inklużi l-ammonti żborżati lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji bħala investimenti diretti u dawk allokat li lill-intermedjarji finanzjarji bħala investimenti indiretti.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.29	RE-C05-i06	T	Bi strument ta' kapitalizzazzjoni ta' total ta' EUR 850 000 000 lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti u/jew li joperaw fil-Portugall f'appoġġ ta' ekwità u kważi ekwità, f'konformità mal-politika ta' investment tiegħu		EUR	650 000 000	850 000 000	IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-2	2026	Twassil ta' total ta' EUR 850 000 000 (inklużi l-EUR 650 000 000 tal-mira 5.43) lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti u/jew li joperaw fil-Portugall f'appoġġ ta' ekwità u kważi ekwità, f'konformità mal-politika ta' investment definita aktar kmieni żviluppata mill-BPF u adottata mill-veikolu stabbilit għall-ġestjoni tal-parteċipazzjonijiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji implimentati.
5.48	RE-C05-i16	M	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern tal-Portugall u l-Kummissjoni Ewropea	L-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kontribuzzjoni				IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-2	2025	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern tal-Portugall u l-Kummissjoni Ewropea għal ammont ta' mill-inqas EUR 450 000 000.
5.49	RE-C05-i16	T	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment approvati mill-Kumitat tal-Investment tal-InvestEU.		Perċentwali (%)	0	100 %	IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-2	2026	L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali tar-riżorsi tal-RRF allokati għall-istrument għandhom ikunu ġew approvati mill-Kumitat tal-Investment tal-InvestEU.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.30	RE-C05-i06	M	Notifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar is-suċċess tal-valutazzjoni tal-pilastri għall-BPF	Notifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar is-suċċess tal-valutazzjoni tal-pilastri għall-BPF				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	Notifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar is-suċċess tal-valutazzjoni tal-pilastri għall-BPF
5.31	RE-C05-i06	M	Trasferiment ta' kapital ta' EUR 250 000 000 mill-Gvern Portugiż lil BPF u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment għal BPF	Iż-żieda fil-kapital u l-iżvilupp tal-politika ta' investiment għall-BPF biex jimplimenta InvestEU, li jistabbilixxi sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-RRF jiġu ssodisfati				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	Trasferiment ta' kapital ta' EUR 250 000 000 mill-Gvern Portugiż lil BPF u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment għall-BPF biex jimplimenta InvestEU, li jistabbilixxi sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà f'konformità mal-oġġettivi tal-RRF, inkluż il-prinċipju DNSH, fil-kuntest tal-iffirmar ta' "ftehim ta' garanzija InvestEU".
5.32	RE-C05-i06	T	100 % tal-garanziji magħmula disponibbli miż-żieda fil-kapital ġew approvati mill-kumitat tal-investiment InvestEU.		%	0	100	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	100 % tal-garanziji magħmula disponibbli miż-żieda fil-kapital ġew approvati mill-kumitat tal-investiment InvestEU.
5.44	RE-C05-i11	T	Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti		Għadd	12	28	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Konklużjoni ta' 16 kuntratti addizzjonali (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: • L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju; • Il-pjan tan-negozju/l-investiment; • L-ammont ta' finanzjament;

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			(Aġendi ta' Innovazzjoni).							• L-għanijiet li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; • Il-forma tal-monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 446 prodott, proċess jew servizz (PPS). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kuntratti għandhom ikunu addizzjonali għall-kuntratti implimentati f'RE-C05-i01.01 u RE-C05-i09. Mill-inqas 366 mill-PPS għandhom jiġu allinjati mal-qasam ta' intervent 021 (Trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn in-negozji, iċ-ċentri ta' riċerka u s-settur tal-edukazzjoni).
5.45	RE-C05-i11	T	Tlestija ta' 593 prodott, proċess jew servizz.		Għadd	366	959	IT-TIENI TRIM U TAT-2	2026	It-tlestija ta' 593 prodott, proċess jew servizz (PPS) f'oqsma strateġiċi rilevanti, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) konklużi ma' konsorzji. Il-PPS meqjusa li tilħaq il-mira għandha tkun addizzjonali għall-PPS implimentata f'RE-C05-i01, u għandha tkun ġiet żviluppata jew (i) permezz ta' aġendi tal-innovazzjoni kkuntrattati skont il-mira 5.44; jew (ii) permezz ta' aġendi oħra ta' innovazzjoni jew ekoloġiċi magħżula taħt l-istess offerta ta' kompetizzjoni. Il-PPS ikkunsidrat għal din il-mira ma għandux ikun eliġibbli biex jikkontribwixxi għall-ilħuq ta' miri oħra. Mill-inqas 366 tal-PPS għandhom jiġu allinjati mal-qasam ta' intervent 021. Mill-inqas 147 mill-PPS għandhom jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) konklużi ma' konsorzji, li jallinjaw mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
5.46	RE-C05-i12	T	Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti għall-ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.		Għadd	10	20	IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-3	2023	Il-konklużjoni ta' għaxar kuntratti addizzjonali (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: • L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju; • Il-pjan tan-negozju/l-investment; • L-ammont ta' finanzjament; • L-għanijiet li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom; • Il-forma tal-monitoraġġ. Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 147 prodott, proċess jew servizz u għandhom jallinjaw mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn il-kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kuntratti għandhom ikunu addizzjonali għall-kuntratti implimentati f'RE-C05-i01.02 u RE-C05-i10.

F. IL-KOMPONENT 6: Kwalifiki u Ħiliet

Fil-Portugall, 44.5 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-25 u l-64 sena kellhom livelli baxxi ta' kisba ta' edukazzjoni fl-2020, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 25.0 %. Barra minn hekk, il-frazzjoni tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali bażiċi jew li qatt ma użat l-internet hija għolja ħafna. Bl-istess mod, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fil-pagi u fl-opportunitajiet tal-karriera għadhom għoljin skont l-istandards tal-UE.

Dan il-komponent jindirizza diversi sfidi relatati mal-livelli relattivament baxxi ta' kisba tal-edukazzjoni u l-kwalifiki, il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, it-tneħħija tal-ostakli amministrattivi fil-qasam tal-professjonijiet regolati ħafna, it-tnejja għall-isfidi marbuta mal-futur tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs.

L-objettivi tal-komponent huma wesgħin, li jinkludu t-taħriġ tal-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet, xi ostakli fl-ambjent tan-negozju, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs. Fir-rigward tal-potenzjal tal-produzzjoni, dan il-komponent jiffoka fuq miżuri li jgħollu l-livelli baxxi ta' kwalifiki u jtejb u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), irawmu t-trasferiment tal-għarfien bejn l-universitajiet/l-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u d-ditti, u jnaqqsu r-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna, filwaqt li jtejb u l-kompetittività fil-forniment ta' servizzi tan-negozju. Il-komponent jippreżenta wkoll miżuri biex jiġu indirizzati diversi prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), bħar-relazzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet ta' aċċess tal-ħaddiema b'kuntratti tax-xogħol atipiċi, l-appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-inklużjoni ta' persuni qiegħda b'impjiegi permanenti ta' kwalità, u l-iżvilupp tan-norma Portugiża għal sistema ta' ġestjoni ta' paga ugwali.

Dan il-komponent huwa allinjat ma' inizjattivi ta' politika ewlenin tal-UE, bħall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti" (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2016/C 484/01), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "VET għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/C 417/01), u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, u l-inizjattivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020); li tadotta miżuri biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); li jtejjeb il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni, b'mod partikolari l-litteriżmu diġitali tagħhom, inkluż billi jagħmel it-tagħlim għall-adulti aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); iżżid l-għadd ta' gradwati tal-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari fix-xjenza u t-teknoloġija tal-informazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); li jiġi appoġġat l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020); biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020); li jiffoka fuq il-politika ekonomika relatata mal-investment dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019); u biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni

tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma RE-r14: Riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li timmodernizza s-sistemi tal-edukazzjoni u tal-VET sabiex ittejjeb il-livelli baxxi ta' kisba ta' edukazzjoni u kwalifiki u l-inċidenza għolja ta' ħaddiema li m'għandhomx ħliet bażiċi u diġitali, tadatta l-offerta tal-ħliet għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, u twessa' l-opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'azzjonijiet biex:

- issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ġenerali tal-politiki tal-edukazzjoni u tal-VET;
- timmodernizza l-offerta tal-VET irregolata mill-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki (CNQ) abbażi tas-sistema ta' antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kwalifiki, id-dijanjożi prospettiva biex tappoġġa l-aġġornament tas-CNQ u s-simplifikazzjoni tal-Kunsilli Settorjali għall-Kwalifika;
- tqis il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħolqien ta' ħliet/professjonijiet ġodda;
- ittejjeb il-prospetti tal-popolazzjoni b'livell baxx ta' ħliet billi tfassal offerta ta' taħriġ iffukata fuq il-litteriżmu għall-adulti (li għandha tiġi implimentata fi ħdan C06-i03: Inċentiv għall-Adulti);
- irawmu l-iżvilupp lokali u l-koeżjoni territorjali u jnaqqsu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi billi jqassmu mill-ġdid in-network tal-VET.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-riforma RE-r15: Riforma tal-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja u l-amministrazzjoni pubblika u l-intrapriżi

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tinċentiva arranġamenti kollaborattivi pubbliċi-privati fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u t-tranżizzjoni doppja, inkluż l-iżvilupp ta' korsijiet postgradwatorji ta' ambitu professjonali (lawrji ta' Masters professjonali) esklużivi għal studenti b'esperjenza professjonali preċedenti u l-offerta ta' korsijiet terzjarji ta' durata qasira fil-politekniki (magħrufa bħala korsijiet tekniċi vokazzjonali oġhla).

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- att leġislativ li joħloq kompetizzjonijiet speċjali għall-ammissjoni għall-edukazzjoni għolja għad-detenturi ta' edukazzjoni sekondarja doppja u korsijiet artistiċi speċjalizzati;
- ir-rieżami tal-qafas legali u istituzzjonali li jirregola l-kooperazzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja mal-amministrazzjoni pubblika u n-negozji, inklużi passi biex:
 - o irawmu kollaborazzjoni interistituzzjonali bejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEIs) u l-intrapriżi, kif ukoll jattiraw studenti adulti u jwessgħu l-kopertura għal żoni interni;
 - o sħubijiet kollaborattivi li jinkoraġġixxu offerta wiesgħa ta' korsijiet ta' edukazzjoni għolja, inklużi korsijiet qosra ta' taħriġ, korsijiet ta' qabel il-lawrja, masters u lawrji dottorali;
 - o iżżid l-offerta ta' korsijiet professjonali ta' livell għoli fuq terminu qasir ġestiti minn Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja politekniki, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi u privati;

- tkompli tkabbar il-bażi ta' appoġġ tal-edukazzjoni terzjarja billi tiffaċilita l-aċċess għall-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja ta' studenti sekondarji minn oqsma professjonali u artistiċi;
- issaħħaħ ir-reġistrazzjoni f'korsijiet tal-edukazzjoni għolja f'oqsma diġitali, b'mod partikolari permezz tal-programm Portugal Digital InCoDe2030, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi u privati;
- jistimulaw taħriġ modulari, li jippromwovi l-apprendiment kontinwu u l-kisba ta' ħiliet ġodda b' "mikrokredenzjali/mikrodiplomi", f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi u privati;
- testendi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-laboratorji u ċ-ċentri tal-interfaċċa teknoloġika;
- emenda tal-istatus legali biex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li taħthom speċjalista estern jista' jwettaq dmirijiet ta' taġħlim jew manijerjali f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, sabiex tiġi promossa l-mobbiltà bejn id-dinja akkademika u dik tan-negozju; u għal
- jissaħħaħ il-qafas legali tal-konsorzji b'ġestjoni kondiviża bejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja u l-intrapriżi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Ir-riforma RE-r16: It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna, prinċipalment biex titrawwem il-kompetizzjoni fil-provvista ta' servizzi tan-negozju.

FI-2018, l-OECD, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Portugiża tal-Kompetizzjoni (AdC), wettqet valutazzjoni għal għadd limitat ta' professjonijiet awtoregolati bħal avukati, avukati, inġiniera, periti, awdituri, kontabilisti, ekonomisti, spiżjara u nutrizzjonisti. Mill-evalwazzjoni mwettqa, tfasslet lista ta' rakkomandazzjonijiet. B'din ir-riforma, il-Portugall għandu jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u tal-ADC.

Ir-riforma għandha mill-inqas: I) jisseparaw il-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni u rappreżentanza f'assoċjazzjonijiet professjonali; II) titnaqqas il-lista ta' attivitajiet riżervati (l-aċċess għal attivitajiet riżervati jista' jkun ristrett biss għas-salvagwardja tal-interessi konstituzzjonali, skont il-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità); III) itemmu r-restrizzjonijiet fuq is-sjieda u l-ġestjoni ta' ditti tas-servizzi tan-negozju, dment li l-manijers jirrispettaw ir-reġim legali għall-prevenzjoni ta' "kunflitt ta' interessi"; u, iv) jippermettu ditti multidixxiplinari tas-servizzi tan-negozju.

L-AdC għandu jiġi kkummissjonat ukoll biex jippreżenta rapport dwar l-effettività tal-liġi l-ġdida dwar il-professjonijiet regolati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Ir-riforma RE-r17: Aġenda għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tibni fuq miżuri adottati f'dawn l-aħħar snin (bħal daww li jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-trawwim tan-negozjar kollettiv) biex jiġu protetti d-drittijiet tax-xogħol.

Wara l-preżentazzjoni tal-Ktieb Ekoloġiku dwar il-futur tax-xogħol mill-gvern, din ir-riforma għandha tinkludi att leġiżlattiv li jirregola x-xogħol fuq il-pjattaformi sabiex jiġi indirizzati l-isfidi l-ġodda maħluqa minn relazzjonijiet tax-xogħol atipiċi, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Hija għandha ssaħħaħ il-kwalità tar-relazzjonijiet tax-xogħol u ttejjeb l-aċċess għad-drittijiet u l-protezzjoni soċjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Ir-riforma RE-r18: Il-ġlieda kontra l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-ambjenti tax-xogħol. Ir-riforma tikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' norma li tipprovdni linji gwida lid-ditti biex jivvalutaw il-politiki tagħhom dwar il-pagi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-dħul fis-seħħ ta' att regolatorju li jagħti siġill lil kumpaniji b'differenza żgħira bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment RE-C06-i01: Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jimmodernizza l-edukazzjoni vokazzjonali fil-Portugall. Dan l-investiment għandu jikkonsisti minn:

- l-installazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' 365 Ċentru tat-Teknoloġija Speċjalizzata fl-iskejjel sekondarji li joffru korsijiet professjonali u skejjel vokazzjonali, li minnhom 115 (Ċentri industrijali), 30 (Ċentri tal-Enerġija Rinnovabbli), 195 (Ċentri tax-Xjenza tal-Kompjuter), u 25 (Ċentri Diġitali u Multimedjali). Iċ-ċentri tat-Teknoloġija Speċjalizzati għandhom jiġu ġestiti mill-Prinċipji tal-iskejjel tan-network pubbliku jew minn entitajiet privati. Dan l-investiment jinvolve l-immodernizzar u r-riabilitazzjoni tal-faċilitajiet u l-infrastruttura eżistenti, u l-akkwist ta' riżorsi edukattivi teknoloġiċi (taġmhir).
- it-tkabbir u l-modernizzazzjoni tan-network ta' ċentri ta' taħriġ vokazzjonali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (IEFP), jew in-network tal-iskejjel tal-Awtorità Nazzjonali tat-Turiżmu (Turismo de Portugal) fil-Portugall. Il-pjan għall-immodernizzar tat-taġmhir tan-network ta' ċentri ta' taħriġ vokazzjonali tal-IEFP jinvolve x-xiri tat-tipi ta' taġmhir li ġejjin, jiġifieri: I) diġitali; II) l-ambjent; III) Industrija 4.0; IV) l-ekonomija soċjali; u v) is-setturi tradizzjonali. Huwa mistenni li dan is-sottoinvestiment għandu jippermetti l-aġġornament ta' 111 post ta' ċentru tat-taħriġ.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jistgħux jinħarġu peress li l-oġġett ta' ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali huwa inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment RE-C06-i02: Impenn għal Impjiegi Sostenibbli

L-investiment għandu l-għan li jnaqqas l-impjieg prekarju. Dan jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ taħt l-inizjattiva tal-Impenn għall-Impjiegi Sostenibbli adottata bl-Ordni tal-Gvern Nru 38/2022.

Investiment RE-C06-i03: Inċentiv għall-adulti

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jimplimenta approċċ multiplu biex tiżdied il-kwalifika tal-popolazzjoni adulta ta' 18 sena jew aktar, li jinvolvi: I) li jippromwovu t-tagħlim għall-adulti permezz ta' titjib tal-Pjan Nazzjonali għal-Letteriżmu tal-Adulti biex jitlejbu l-litteriżmu bażiku, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali; li jiżiedu r-rati ta' parteċipazzjoni u tlestija tal-adulti fil-proċessi ta' rikonoxximent, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-kompetenzi (RVCC); u, iii) li jiġu żviluppati offerti ta' edukazzjoni terzjarja għall-adulti, bħal korsijiet ta' tul ta' żmien qasir.

Dan l-investiment għandu jikkonsisti minn:

- fil-qafas tal-programm *Qualifica*, iż-żieda tal-Pjan Nazzjonali għal-Letteriżmu tal-Adulti, billi tmexxi 225 proġett lokali li jwasslu għal-livelli B1/B2/B3, li jinkludu għadd totali ta' parteċipanti ta' madwar 22 500.
- fil-qafas tal-programm *Qualifica*, l-Acelerador kwalifika *a hijamizura* ġdida biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-adulti matul il-proċessi tal-RVCC tagħhom. . L-għadd totali ta' parteċipanti fil-proċessi tal-RVCC huwa stmat għal 100 000 persuna;
- it-trawwim ta' networks kollaborattivi bejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja, id-ditti u partijiet ikkonċernati oħra permezz tal-appoġġ ta' skejjel/programmi/alleanzi postuniversitarji ġodda, f'termini ta' programmi kollaborattivi konġunti li jinvolvu attivitajiet u inizjattivi tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati korsijiet ta' durata qasira tal-edukazzjoni għolja mmirati lejn it-tisħiħ tat-tagħlim tul il-ħajja (taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet). L-investiment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-implimentazzjoni ta' programmi integrati biex jinvolvu total ta' 23 000 student matul il-perjodu 2021–2025. Il-konsorzji għandhom jintgħażlu permezz ta' kompetizzjoni miftuħa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment RE-C06-i04: Impuls taż-żgħażaġh — STEAM

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa:

- li jgħolew ir-rati ta' reġistrazzjoni fil-korsijiet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM); u għal
- li jiġu pprovduti faċilitajiet adegwati fi skejjel mhux terzjarji għall-edukazzjoni xjentifika sabiex jiżdied l-interess f'suġġetti relatati max-xjenza.

Din il-miżura għandha tkun immirata lejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (kemm l-universitajiet kif ukoll il-politekniki). L-allokazzjoni tal-fondi għandha tirriżulta minn kompetizzjoni miftuħa. Dan l-investiment għandu jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' programmi mill-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEIs), fi sħubija ma' impjegaturi pubbliċi u/jew privati u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi skejjel sekondarji. Il-programmi għandhom jinkludu l-immodernizzar u t-tkabbir ta' faċilitajiet biex jakkomodaw iż-żieda fin-numru ta' studenti, inċentivi għall-istudenti, u nefqiet oħra mill-HEIs assoċjati mal-għoti tal-korsijiet.

L-investimenti għandhom itejbu wkoll il-ħiliet fl-oqsma STEAM permezz tat-tkabbir tan-network tal-klabbs "Ciência Viva" fl-iskejjel. Huwa mistenni li jappoġġa mill-inqas 650 proġett.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment RE-C06-i05-RAA: Kwalifika għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA)

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jindirizza l-problema serja ta' livelli baxxi ta' kwalifiki fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores meta mqabbel kemm mal-Portugall kollu kemm hu kif ukoll mal-Unjoni Ewropea. Il-livelli baxxi ta' kwalifiki jirrappreżentaw ostaklu kbir għall-ħolqien u d-diversifikazzjoni ta' negozji ġodda u għall-iżvilupp sostenibbli, li huma assoċjati ma' produttività u pagi baxxi, u nuqqas ta' reżiljenza matul il-kriżi ekonomika.

L-investment għandu jikkonsisti minn:

- żieda fl-għadd ta' adulti rreġistrati fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja; u għal
- il-modernizzazzjoni ta' 16 skola professjonali u istitut wieħed ta' taħriġ pubbliku, inkluża r-rinnovazzjoni tal-workshop, tal-laboratorji u tal-kmamar tal-kompjuters.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jistgħux jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali huwa inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment RE-C06-i06: Kapaciċitajiet fix-Xjenza

Dan l-investment għandu l-għan li jrawwem l-iżvilupp tal-ekosistema tal-innovazzjoni u tal-intraprenditorija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) billi jappoġġa r-riċerka fundamentali, jippromwovi t-trasferiment tal-għarfien, l-internazzjonalizzazzjoni, inaqqs il-prekarjetà tar-riċerkaturi, u jsaħħaħ ir-rabta bejn in-negozji u s-soċjetà.

L-investment għandu jikkonsisti mis-submiżuri li ġejjin:

- Programmi ta' Akkwist u Żamma tat-Talenti ERC-Portugall u FCT-Tenure:
 - o FCT-Tenure: dan il-programm għandu jappoġġa r-reklutaġġ ta' 230 riċerkatur tal-PhD għal pożizzjonijiet permanenti magħżula permezz ta' kompetizzjonijiet.
 - o ERC-Portugall: dan il-programm għandu jappoġġa lir-riċerkaturi li l-proġetti tagħhom huma rakkomandati għall-finanzjament fil-livell Ewropew jew nazzjonali. Il-programm għandu jappoġġa wkoll lir-riċerkaturi li l-applikazzjonijiet tal-ERC tagħhom ġew rakkomandati għall-finanzjament jew iċċaqalqu għat-tieni fażi tal-evalwazzjoni iżda eventwalment ma ġewx iffinanzjati.
- Aktar finanzjament għas-Sħubijiet Internazzjonali fix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni:
 - o Il-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni Portugiża fil-Programm Qafas Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni billi jiġi appoġġat il-finanzjament ta' proġetti bil-parteeċipazzjoni nazzjonali magħżula fil-livell Ewropew;
 - o L-iffaċilitar tal-mobbiltà internazzjonali ta' 100 riċerkatur.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

L-objettivi tal-miżura huma li żżid l-attrazzjoni tax-xjenzi agrarji għall-ġenerazzjonijiet futuri, tappoġġa x-xjenzi mediċi fl-adozzjoni tal-avvanzi diġitali u teknoloġiċi, u twessa' l-kapaċità ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali anke għal oqsma mhux STEAM (xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti, matematika); irawmu l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni pedagoġiċi u b'hekk jistimulaw is-suċċess akkademiku. L-investiment għandu jikkonsisti mis-submiżuri li ġejjin:

- L-implimentazzjoni tal-investiment għandha tlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
6.2	RE-C06-i01	T	Ċentri speċjalizzati tat-teknoloġija rinnovati jew mibnija		Għadd	0	365	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' ċentri tat-teknoloġija speċjalizzati rinnovati jew mibnija għal korsijiet professjonali fl-edukazzjoni sekondarja, inkluż ix-xiri ta' tagħmir, infrastruttura teknoloġika u r-rikwalifikazzjoni possibbli ta' spazji u workshops biex jadattaw għal korsijiet ġodda
6.3	RE-C06-i01	T	Postijiet taċ-ċentru tat-taħriġ rinnovati, mibnija jew b'taħmir mixtri		Għadd	0	59	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2023	L-għadd ta' postijiet taċ-ċentru tat-taħriġ vokazzjonali tan-network tas-servizz pubbliku tal-impjieg (IEFP) jew in-network tal-iskejjel tal-Awtorità Nazzjonali tat-Turiżmu (Turismo de Portugal) irrinnovaw, inbnew jew, kif muri minn fatura, b' diversi tipi ta' tagħmir mixtri għal skopijiet ta' taħriġ. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiziti ta' bini b' użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
6.4	RE-C06-i01	T	Postijiet taċ-ċentru tat-taħriġ rinnovati, mibnija jew b'taħmir mixtri		Għadd	59	111	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' postijiet taċ-ċentru tat-taħriġ vokazzjonali tan-network tas-servizz pubbliku tal-impjieg (IEFP) jew in-network tal-iskejjel tal-Awtorità Nazzjonali tat-Turiżmu (Turismo de Portugal) irrinnovaw, inbnew jew, kif muri minn fatura, b' diversi tipi ta' tagħmir mixtri għal skopijiet ta' taħriġ. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiziti ta' bini b' użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786
6.5	RE-C06-i02	M	Appoġġ għal kuntratti permanenti	Termini ta' aċċettazzjoni ffirmati				IT-TIENI TRIM ESTR U	2024	Termini ta' aċċettazzjoni ffirmati mill-impjegaturi skont l-Ordni tal-Gvern Nru 38/2022 biex jiġu appoġġati 30 000 impjeg.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TAL-4		
6.6	RE-C06-i03	T	Parteċipanti f'miżuri li jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet tal-adulti		Għadd	0	145 500	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' parteċipanti adulti (18+) li pparteċipaw f'wieħed mill-korsijiet li ġejjin: I) korsijiet bażiċi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-adulti tal-livelli B1/B2/B3 immexxija minn proġetti lokali li jibbenefikaw miż-żieda tal-Pjan Nazzjonali għal-Letteriżmu tal-Adulti; II) perkorsi ta' taħriġ ta' rikonoxximent, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-kompetenzi għal adulti b'livell baxx ta' kwalifiki (RVCC); u, iii) korsijiet ta' edukazzjoni terzjarja għal żmien qasir organizzati minn konsorzji ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u impjegaturi.
6.7	RE-C06-i04	T	Klabbs ta' <i>Ciência Viva</i>		Għadd	0	650	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2025	L-għadd ta' klabbs ġodda miżjuda man-network tal-klabbs <i>Ciência Viva</i> fl-iskejjel.
6.8	RE-C06-i04	T	Għadd addizzjonali ta' studenti gradwati f'korsijiet tal-edukazzjoni terzjarja fl-oqsma STEAM		Għadd	0	7 500	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2025	Għadd addizzjonali ta' gradwati fl-edukazzjoni għolja fl-oqsma STEAM (jiġifieri x-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika): gradwati tal-edukazzjoni għolja minn programmi ta' edukazzjoni għolja qosra u tal-ewwel ċiklu u korsijiet fuq terminu qasir (sa 2 snin) fis-sena skolastika 2023/2024, meta mqabbla mas-sena skolastika 2019/2020.
6.9	RE-C06-i04	T	Għadd addizzjonali ta' studenti gradwati f'korsijiet tal-edukazzjoni terzjarja fi STEAM		Għadd	7 500	10 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	Għadd addizzjonali ta' gradwati fl-edukazzjoni għolja fl-oqsma STEAM (jiġifieri x-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika): gradwati tal-edukazzjoni għolja minn programmi ta' edukazzjoni għolja qosra u tal-ewwel ċiklu u korsijiet fuq terminu qasir (sa 2 snin) fis-sena skolastika 2023/2024, meta mqabbla mas-sena skolastika 2019/2020.
6.10	RE-C06-i05-RAA	T	Għadd ta' adulti rreġistrati fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja		Għadd	0	953	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' adulti rreġistrati fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja appoġġati minn rimborż ta' miżati għat-tagħlim jew irreġistrati f'wieħed mill-korsijiet tal-edukazzjoni postsekondarja li ġejjin: AgroIndustries, Ortikultura u Tkabbir tal-Frott, jew Żvilupp tal-Applikazzjonijiet tal-Web fl-Università tal-Azores.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
6.11	RE-C06-i05-RAA	T	Skejjel professjonali mtejbja fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores		Għadd	0	17	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' skejjel professjonali u istitut ta' taħriġ pubbliku li bbenefikaw mir-rinnovazzjoni ta' workshops, laboratorji u kmamar tal-kompjuter jew ix-xiri ta' tagħmir ġdid. Meta l-aġġornament tal-infrastruttura jnvolvi r-rinnovazzjoni tal-bini, ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
6.12	RE-C06-r14	M	Ftuħ ta' postijiet battala għat-taħriġ		Għadd	0	20 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	L-għadd ta' postijiet vakanti ġodda miftuħa f'korsijiet professjonali wara l-aġġornament tal-katalogu nazzjonali tal-kwalifiki (CNQ) f'oqsma emerġenti abbażi tad-dijanjożi tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet (SANQ).
6.13	RE-C06-r15	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi li toħloq kompetizzjonijiet speċjali għall-ammissjoni għall-edukazzjoni oġhla	Dħul fis-seħħ tal-liġi li toħloq kompetizzjonijiet et speċjali għall-ammissjoni għall-edukazzjoni oġhla				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2020	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Dħul fis-seħħ tal-liġi li toħloq kompetizzjonijiet speċjali għall-ammissjoni għall-edukazzjoni oġhla għall-istudenti li jkunu temmew l-edukazzjoni sekondarja permezz ta' kanali professjonali u korsijiet artistiki speċjalizzati.
6.14	RE-C06-r15	M	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid li jirregola l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mal-amministrazzjoni pubblika u n-negozji	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid li jirregola l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mal-amministrazzjoni pubblika u n-negozji				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2021	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid li jirregola l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mal-amministrazzjoni pubblika u n-negozji, inklużi: i) il-ħolqien ta' networks kollaborattivi ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fi sħubija ma' min iħaddem, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-edukazzjoni għolja inizjali, proġetti u servizzi ta' innovazzjoni għad-ditti, ii) emenda tal-istatus legali biex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li taħthom speċjalista estern jista' jwettaq dmirijiet ta' taħlim jew maniġerjali f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, sabiex tiġi promossa l-mobbiltà bejn id-dinja akkademika u dik tan-negozju; it-tiġi tal-konsorzji b'għestjoni kondiviża bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-intrapriżi.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
6.15	RE-C06-r16	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-professjonijiet regolati	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-professjonijiet regolati				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li għandha l-għan li, fost l-oħrajn: I) jisseparaw il-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni u rappreżentanza f'assoċjazzjonijiet professjonali; II) titnaqqas il-lista ta' attivitajiet riżervati. L-aċċess għall-attivitajiet jista' jiġi ristrett biss għas-salvagwardja tal-interessi kostituzzjonali, skont il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità; III) itemmu r-restrizzjonijiet fuq is-sjeda u l-ġestjoni ta' ditti tas-servizzi tan-negozju, dment li l-manigġers jirrispettaw ir-reġim legali għall-prevenzjoni ta' "kunflitt ta' interessi"; u, iv) jippermettu servizzi ta' negozju multidixxiplinari.
6.16	RE-C06-r17	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirregola x-xogħol fuq il-pjattaformi	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirregola x-xogħol fuq il-pjattaformi				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tirregola x-xogħol fuq il-pjattaformi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda maħluqa minn relazzjonijiet tax-xogħol atipiċi, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tax-xogħol u l-aċċess għad-drittijiet
6.17	RE-C06-r18	M	Pubblikazzjoni ta' norma għal sistema ta' ġestjoni tal-pagi ugwali.	Pubblikazzjoni tan-norma				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2024	Pubblikazzjoni ta' norma li għandha tipprovdi linji gwida lid-ditti biex jivvalutaw il-politiki tal-pagi tagħhom fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
6.18	RE-C06-r18	M	Rikonoxximent għal kumpaniji b'differenza żgħira bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.	Dħul fis-seħħ ta' att regolatorju li jippermetti lil-kumpaniji jingħataw "Siġill ta' Pagi Ugwali"				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' att regolatorju li jagħti siġill lil kumpaniji b'differenza żgħira bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
6.19	RE-C06-i06	T	Appoġġ għal kuntratti permanenti ma' riċerkaturi tal-PhD taħt l-FCT-Tenure u appoġġ għar-riċerkaturi taħt l-ERC		Għadd ta' kuntratti		255	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	Għandhom jiġu ffirmati 230 kuntratti permanenti ma' riċerkaturi tal-PhD magħżula permezz ta' kompetizzjonijiet. Għandhom jiġu ffirmati 25 kuntratti ma' riċerkaturi li l-proġetti tagħhom huma rakkomandati għall-finanzjament fil-livell Ewropew jew nazzjonali u riċerkaturi li l-applikazzjonijiet tal-ERC tagħhom ġew rakkomandati għall-finanzjament jew li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew rakkomandati għall-finanzjament iżda eventwalment ma ġewx iffinanzjati.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Portugal							
8.6	RE-C08-i02	M	Produzzjoni ta' mmappjar ta' referenza għas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS)	Produzzjoni ta' mmappjar ta' referenza għas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Il-produzzjoni ta' mmappjar ta' referenza għas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS), inkluża (i) il-pubblikazzjoni tal-mapep tal-kopertura u l-użu tal-art (COS) 2023, abbażi ta' informazzjoni vvalidata mill-awtoritajiet responsabbli li għandha turi rappreżentazzjoni ġeografika tal-pajjiż u għandha tipprowdi informazzjoni dwar l-użu tal-art u l-okkupazzjoni, kif ukoll, dwar it-tipi ta' għelejjel u afforestazzjoni, (ii) ir-rappreżentazzjoni diġitali 3-D tal-art permezz tal-kopertura tal-Individwazzjoni u l-Kejl tad-Dawl (LiDAR), (iii) il-mapep tal-veġetazzjoni, (iv) il-mapep tal-bijomassa u tal-volum tal-injam u (v) il-kopertura satellitari.
8.7	RE-C08-i03	M	Pubblikazzjoni tal-kuntratt tan-Network ta' Ristrutturar tal-Ġestjoni tal-Karburanti Primarji (RPFGC)	Pubblikazzjoni tal-kuntratt tan-Network ta' Ristrutturar tal-Ġestjoni tal-Fjuwil Primarju (RPFGC) f'BASE.gov				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 L-għoti mill-awtorità kompetenti tal-kuntratt għall-implimentazzjoni tan-Network Primarju għar-Ristrutturar tal-Maniġment tal-Fjuwil (RPFGC) biex jinħolqu interruzzjonijiet orizzontali fil-pajsaġġ biex jiġu iżolati t-tifqigħat tan-nar.
8.8	RE-C08-i03	T	Żona stabbilita ta' servitù		ettari	0	21 727	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Żona ta' servitù ffurmata fin-network primarju ta' pawżi għall-ġestjoni tal-fjuwil (RPFGC) Din l-art għandha tiġi inkluża fil-pjattaforma BUPi biex tippermetti l-proċedura ta' reġistrazzjoni speċjali sussegwenti.
8.9	RE-C08-i03	T	Implimentazzjoni tan-Network ta' Ristrutturar tal-Maniġment tal-		ettari	0	21 000	IT-TIENI TRIMESTRU	2025	Żona implimentata (f'ettari) tan-network primarju ta' interruzzjonijiet fil-ġestjoni tal-fjuwil (RPFGC) — il-ħolqien ta' diskontinwità orizzontali (meded ta' ġestjoni tal-fjuwil) fil-pajsaġġ biex jiġu iżolati t-tifqigħat tan-nar.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Karburanti Primarji (RPFGC)					U TAL-4		
8.10	RE-C08-i04	T	Kunsinna ta' vetturi, makkinarju u tagħmir		Għadd	0	179	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Il-konsenja ta' vetturi, makkinarju u tagħmir għat-tifi tan-nar u għall-prevenzjoni tan-nirien wara konferma li dawn jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti kuntrattwali oħra, f'konformità mal-proċedura tal-offerti.
8.11	RE-C08-i04	T	Il-konsenja ta' elikopters tat-tifi tan-nar h'ief u medji		Għadd	0	11	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-konsenja ta' żewġ elikopters tal-ħaddiem tat-tifi tan-nar h'ief (HEBL) u disa' elikopters medji tal-ħaddiem tat-tifi tan-nar (HEBM) wara konferma li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti kuntrattwali oħra. Il-mira għandha tinkludi wkoll il-konstruzzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-infrastruttura għall-użu u l-manutenzjoni tal-elikopters.
8.12	RE-C08-i04	T	Installazzjoni ta' radars b'polarizzazzjoni doppja		Għadd	0	2	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	L-installazzjoni ta' żewġ radars tal-polarizzazzjoni doppja bis-sistema tal-informatika u tal-arkivjar meħtieġa, żewġ detetturi tas-sajjetti u żewġ stazzjonijiet meteoroloġiċi tat-temp. Installazzjoni kompluta wara konferma li jikkorrispondu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti kuntrattwali oħra.
8.13	RE-C08-i05	T	Taħriġ, tagħmir u vetturi għal (ANEPC, GNR u brigati tat-tifi tan-nar)		Għadd	0	62	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	L-għoti ta' taħriġ jew it-twassil ta' vetturi jew it-twassil ta' tagħmir għal 62 entitajiet MAL (ANEPC, GNR u brigati tat-tifi tan-nar)
8.14	RE-C08-i05	T	Il-ħolqien ta' strutturi reġjonali u subreġjonali tal-Awtorità Nazzjonali għall-Emerġenzi u l-Protezzjoni Ċivili (ANEPC)		Għadd	0	6	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	Dħul fis-seħħ ta' żewġ Kmandi Reġjonali u erba' Kmandi ta' Protezzjoni Ċivili u ta' Emerġenza Reġjonali (kif definiti fid-Digriet Amministrattiv Nru 45/2019 tal-1 ta' April 2019)
8.21	RE-C08-i05	M	Żvilupp ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni	Żvilupp ta' kampanja ta'				IT-TIENI TRIM	2024	L-iżvilupp ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni taħt il-programmi "Villaġġ Sikur" u "Nies Sikuri" sabiex tiġi evitata mġiba riskjuża fil-popolazzjoni

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			biex tiġi evitata mġiba riskjuża	sensibilizzazzjoni				ESTR U TAL-1		
8.15	RE-C08-i05	M	Pubblikazzjoni tar-rapport inizjali mill-Istitut għall-Konservazzjoni tan-Natura u l-Foresti, I.P	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar il-kuntratti tal-programmi bejn l-Istitut għall-Konservazzjoni tan-Natura u l-Foresti, I.P. u l-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-foresti (OPFs) u ċ-Ċentri ta' Kompetenza				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Ir-rapport jipprovdi dettalji dwar il-kuntratti tal-programm bejn l-Istitut għall-Konservazzjoni tan-Natura u l-Foresti, I.P. u l-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-foresti (OPFs) u ċ-Ċentri ta' Kompetenza, inkluża informazzjoni dwar l-oġettivi u l-miri li għandhom jintlaħqu kull sena. Wara r-rapport inizjali, l-implimentazzjoni u l-progress tal-kuntratti tal-programm għandhom jiġu ppubblikati kull semestru.
8.16	RE-C08-i05	T	Implimentazzjoni ta' programm nazzjonali ta' taħriġ		Għadd	0	150	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	150 tekniċi mill-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi tal-Foresti (OPF), il-gvern lokali u ċentrali u l-entitajiet li jimmaniġġjaw l-AIGP iridu jirċievu taħriġ b'durata minima ta' 600 siegħa. Taħriġ fl-oqsma li ġejjin: il-prevenzjoni tan-nirien rurali, it-tneħħija kkontrollata tan-nirien, is-saħħa tal-pjanti, ir-remunerazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema, il-bijodiversità, il-proġetti tal-forestrija.
8.22	RE-C08-i05	T	L-implimentazzjoni ta' miżuri fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nirien rurali u l-bini tal-kapaċità fl-oqsma tas-settur tal-forestrija		Għadd	0	22 091	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	It-twassil ta' 2 000 nassa intelliġenti għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' sorveljanza intelliġenti ta' vetturi tal-mard rilevanti għas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali Il-konsenja ta' 87 biċċa ta' tagħmir għall-ġestjoni tal-foresti (chippers tal-injam u tratturi tal-forestrija).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										It-twassil ta' 20 000 kit tan-nases għall-monitoraġġ tal-pesti tal-foresti u għall-kontroll tal-pjanti invażivi tal-injam. It-tlestija ta' erba' azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità magħżula permezz ta' sejħiet miftuħa biex tingħata s-setgħa lill-professionisti fis-settur tal-forestrija.
8.17	RE-C08-r19	M	Qafas legali dwar il-pussess obbligatorju ta' art rurali f'żoni tal-forestrija	Id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali dwar il-pussess obbligatorju tal-art rurali fiż-żoni tal-forestrija.				IT-TIENI TRIM ESTRU TAT-3	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali li jimplimenta l-pussess obbligatorju tal-art rurali fiż-żoni tal-forestrija. Il-kera obbligatorja għandha tiġi applikata esklussivament jekk isidien tal-art ma jesprimux l-impenn tagħhom li jwettqu l-azzjonijiet definiti fl-operazzjoni integrata tal-ġestjoni tal-pajsaġġ (OIGP) stabbilita għaż-żona integrata tal-ġestjoni tal-pajsaġġ (AIGP) bix-xewqa li tinsab il-proprietà tagħhom. L-abbozz ta' liġi Nru 68/2020 tal-5 ta' Novembru jawtorizza lill-Gvern jemenda l-Liġi Nru 31/2014 tat-30 ta' Mejju, (jistabbilixxi l-bażijiet ġenerali għall-politika pubblika dwar l-art, l-ippjanar urban u rurali, sabiex japprova r-reġim legali tal-pussess obbligatorju tal-pussess tal-art
8.18	RE-C08-r20	M	Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS)	Dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS)				IT-TIENI TRIM ESTRU TAL-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art (SMOS), li tinkludi l-Kopertura LiDAR, il-mudell tat-terren diġitali, il-mudell tal-għelejjel u tal-veġetazzjoni, il-mapep tal-għelejjel u tal-veġetazzjoni, il-mapep tal-Kopertura tal-Art u l-Kopertura tal-Immaġni bis-Satellita.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
8.19	RE-C08-r21	M	Il-liġi dwar l-istabbiliment ta' sistema integrata ta' ġestjoni għan-nirien rurali (SIGIFR)	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi s-sistema ta' ġestjoni integrata għan-nirien rurali (SIGIFR) u li tistabbilixxi r-regoli operattivi tagħha.				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Is-sistema ta' ġestjoni integrata għan-nirien rurali (SIGIFR) tipprowdi, fil-livell nazzjonali, Makropolitiki u linji gwida strateġiċi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskju ta' nirien rurali u għat-tibdil fl-imġiba tas-sidien, tal-utenti u tal-benefiċjarji diretti u indiretti tat-territorju rurali. Is-sistema tiddefinixxi mudelli ta' koordinazzjoni interministerjali, filwaqt li tiddelimita l-kompetenzi u l-ambitu ta' azzjoni ta' kull entità fi ħdan is-SIGIFR. Huwa jiddefinixxi l-kontenut tad-diversi għodod għall-ippjanar integrat tal-ġestjoni tan-nirien rurali fil-livell nazzjonali, reġjonali, subreġjonali u municipli. Sistema ta' informazzjoni dwar in-nirien rurali hija stabbilita sabieħ tighor u xxerred l-informazzjoni teknika rilevanti kollha mis-SIGIFR u hemm impenn ċar biex jiġi definit mudell ibbażat fuq il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tar-riskju, jew permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jew permezz tal-istabbiliment ta' networks reġjonali tad-difiża, fejn il-ġestjoni tal-fjuwil għandha rwol ewlieni fir-reġim tas-sanzjonar. Fl-aħħar nett, jistabbilixxi mudell ta' governanza, monitoraġġ u evalwazzjoni, li għandu jikkontribwixxi għat-titjib kontinwu tal-politiki u l-programmi pubbliċi.

I. IL-KOMPONENT 9: Il-ġestjoni tal-Ilma

Il-komponent jindirizza l-isfidi li ġejjin: l-indirizzar tal-pressjoni għolja fuq is-sistemi tal-ħżin li jipprovdu l-provvista tal-ilma u t-titjib tal-effiċjenza tal-ilma biex jiġu miġġielda r-restrizzjonijiet imposti mit-tnaqqis annwali mistenni fix-xita, il-frekwenza ogħla ta' nixfiet, l-istaġjonalità u ż-żieda fit-tnixxija tal-ilma.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jimmitiga l-iskarsezza tal-ilma u jiżgura r-reżiljenza tar-reġjuni bl-akbar kwistjoni ta' nixfa u bi ħtieġa kritika ta' intervent effettiv biex tiġi żgurata l-provvista tal-ilma f'Algarve u f'Madeira.

Iż-żieda fir-reżiljenza tal-ilma hija ta' importanza kbira għall-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni, li tirrappreżenta wkoll kundizzjoni obligatorja għat-turiżmu u l-ekosistemi (speċjalment f'Algarve u Madeira), l-agrikoltura (Madeira) u biex jattendu l-pressjonijiet ikkombinati tal-ogħla livelli fil-ħtiġijiet tal-irrigazzjoni u l-konsum mill-bniedem (Madeira).

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni klimatika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment RE-C09-i01: Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve

L-oġġettivi ta' dan l-investment huma r-rispons għall-iskarsezza tal-ilma fl-Algarve, li qed tkompli tmur għall-aġġar fid-dawl tat-tibdil fil-klima.

L-investment għandu jikkonsisti f'miżuri biex tizzied id-disponibbiltà tal-ilma fl-Algarve permezz ta' miżuri min-naħa tad-domanda u tal-provvista, bħal fl-oqsma tat-tnaqqis tat-telf tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma, il-monitoraġġ u l-affidabbiltà tal-provvista tal-ilma permezz ta' investimenti fl-infrastruttura.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) u l-istadji importanti u l-miri li jridu jintlaħqu mill-Portugall. B'mod partikolari, il-proġetti kollha li potenzjalment x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent għandhom ikunu soġġetti għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA), li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent kif ukoll valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, jew fil-qosor, id-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-VIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tad-DNSH għandha tiġi integrata fil-proġett u jkun hemm konformità stretta magħha fl-istadji tal-konstruzzjoni, tal-operat u tad-dekummissjonar tal-infrastruttura.

Fejn jiġi estratt l-ilma, għandu jingħata permess rilevanti mill-awtorità rilevanti, li jispeċifika l-kundizzjonijiet biex jiġi evitat id-deterjorament u biex jiġi żgurat li l-korpi tal-ilma affettwati jibqgħu fi stat ekoloġiku tajjeb, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C09-i03-RAM: Pjan għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u t-tisħiħ tas-sistemi tal-provvista u tal-irrigazzjoni ta' Madeira

L-objettivi tal-miżura huma li tizzied ir-reżiljenza tar-riżorsi tal-ilma fil-gżejjer ta' Madeira u Porto Santo.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-provvista tar-riżorsi tal-ilma billi jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi eżistenti, l-astrazzjoni ta' ilma żejjed mingħajr ebda impatt fuq l-ekosistemi, l-istabbiliment u l-espansjoni ta' riżervi strateġiċi u l-interkonnnessjoni tad-diversi sorsi tal-ilma.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) u l-istadji importanti u l-miri li jridu jintlaħqu mill-Portugall. B'mod partikolari, il-proġetti kollha li potenzjalment x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent għandhom neċessarjament ikunu soġġetti għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) skont id-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 92/43/KEE, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment RE-C09-i05: Il-park Fotovoltajku ta' Alqueva

L-objettivi ta' din il-miżura huma li jitnaqqsu l-kostijiet tal-elettriku u li nimxu lejn id-dekarbonizzazzjoni tad-diġa ta' Alqueva billi tipproduċi aktar enerġija meħtieġa permezz tal-enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum. Dan għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tal-kostijiet operatorji u għat-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika.

L-investiment għandu jinkludi l-installazzjoni ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni għall-enerġija fotovoltajka fuq il-lag tad-diġa ta' Alqueva.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01) u l-istadji importanti u l-miri li jridu jintlaħqu mill-Portugall. B'mod partikolari, il-proġetti kollha li potenzjalment x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent għandhom neċessarjament ikunu soġġetti għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) skont id-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 92/43/KEE, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
9.1	RE-C09-i01	T	Punti addizzjonali ta' monitoraġġ tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art installati (SM3)		Għadd	32	82	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2025	Installazzjoni ta' punti ta' monitoraġġ u supervizzjoni tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art (inklużi pjeżometri u miteri tat-telemetrija). Minbarra 32 eżistenti, għandhom jiġu installati 50 pjeżometri oħra.
9.2	RE-C09-i01	T	Tlestija tal-interventi tan-network biex jitnaqqas it-telf tal-ilma (SM1)		Km	0	125	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	It-tlestija tal-interventi tan-network biex tiġi ottimizata l-pressjoni u jiġi riabilitat in-network bl-azzjonijiet li ġejjin: 1) l-ottimizzazzjoni tal-pressjoni u l-kejl tal-fluss, 2) ir-riabilitazzjoni tan-network f'żoni urbani/storiċi 3) ir-riabilitazzjoni tan-network f'żoni rurali jew rurali medji.
9.3	RE-C09-i01	T	Modernizzazzjoni taż-żona tal-art għal użu idroagrikolu kollettiv u irrigazzjoni individwali (SM2)		Ettari	0	10 300	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	Żona kkonċernata mill-adozzjoni ta' sistemi ta' distribuzzjoni aktar effiċjenti, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' telerilevament u ta' kontroll tal-konsum, u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' detezzjoni ta' tnixxijiet għal faċilitajiet idroagrikoli kollettivi u għall-installazzjoni ta' sistemi ta' tisqija aktar effiċjenti u monitorabbli fit-tisqija individwali
9.4	RE-C09-i01	T	Nru ta' impjanti tat-trattament biex jiġu żgurati l-produzzjoni u r-raffinament tal-ilma mormi ttrattat (SM4)		Għadd	0	4	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	L-għadd ta' impjanti tat-trattament miftuħa biex tiġi żgurata l-produzzjoni tal-ilma mormi ttrattat lest għall-użu mill-ġdid. L-impjanti tat-trattament "miftuħa" għandhom jinkludu impjanti tat-trattament imtejba li jergħu jinfetħu wara l-aġġornament tagħhom.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
9.15	RE-C09-i01	M	Tisħiħ tal-interkonnessjonijiet tal-ilma	Il-bidu tal-operat u t-tlestija tax-xogħlijiet				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	a) Id-dħul fis-seħħ tal-1 fażi tal-konnessjoni bejn is-sistemi ta' provvista għolja ta' Sotavento u Barlavento Algarvio b) Tlestija tax-xogħlijiet għat-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn Chão das Donas u l-impjant tat-trattament tal-ilma ta' Fontainhas.
9.12	RE-C09-i03-RAM	T	Km addizzjonali ta' kondjuwits rinnovati jew riabilitati		km	0	53	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2025	Tul, f'km, ta' kondjuwits tal-ilma mibnija, rinnovati jew riabilitati
9.13	RE-C09-i03-RAM	T	Volum addizzjonali ta' ilma disponibbli fil-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ta' Madeira għall-provvista pubblika u l-irrigazzjoni		HM ³	MHUX APPLIKABBLI.	4	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	Volum addizzjonali ta' ilma disponibbli għall-provvista pubblika u għall-irrigazzjoni; dan għandu jinkiseb permezz tat-tisħiħ, ir-rinnovazzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-bini ta' pipelines, kanali, ġibjuni u borehole ġodda.
9.14	RE-C09-i05	T	Kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali u operattiva għall-enerġija fotovoltajka fuq il-lag tad-diġa ta' Alqueva		F'MW	0	43	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	Kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali u operattiva għall-enerġija fotovoltajka installata bħala impjanti fotovoltajki galleġġanti fuq il-lag tad-diġa ta' Alqueva. Il-kapaċità tal-produzzjoni hija mifhuma bħala l-potenza installata massima.

J. IL-KOMPONENT 10: Il-baħar

Il-komponent jindirizza l-isfida biex titwitta t-triq għal ekonomija tal-baħar aktar kompetittiva, koeżiva, inklużiva u barra minn hekk aktar dekarbonizzata u sostenibbli, qasam li fih il-Portugall għandu potenzjal qawwi. Il-komponent għandu jgħin biex jinħatfu l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali fl-ekonomija tal-baħar. L-oġġettiv ta' dan il-komponent huwa li jappoġġa l-kisba ta' oġġettivi nazzjonali relatati mal-potenzjal produttiv tal-ekonomija tal-baħar. B'mod partikolari, il-komponent ifittex li jiżgura s-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-sistema kummerċjali relatata mal-baħar. Barra minn hekk, il-komponent għandu l-ambizzjoni li jindirizza, tal-anqas parzjalment, il-faqar fil-komunitajiet kostali, filwaqt li jiżgura territorju kompetittiv u koeżiv f'kuntest ta' adattament għat-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali, inkluż b'enfasi fuq il-ħiliet rilevanti għas-setturi tal-baħar. Il-komponent għandu jikkontribwixxi wkoll għall-preservazzjoni tal-valur tas-servizzi tal-ekosistema tal-oċeani.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investimenti fuq il-portijiet u fuq l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Barra minn hekk, il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-titjib tal-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma TC-r23: Ir-riforma tal-Ekosistema tal-Infrastruttura tal-Ekonomija Blu.

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni tan-Network ta' Raggruppamenti tat-Teknoloġija tal-Port (approvata mill-Kunsill tal-Ministri fl-2017), li permezz tagħha l-Portugall għandu l-għan li jsaħħaħ l-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-baħar, billi joħloq opportunitajiet ta' negozju, impjiegi ġodda, jappoġġa l-esportazzjonijiet, jappoġġa t-tkabbir tat-trasport marittimu u jippromwovi l-isfruttament sostenibbli tal-potenzjal tal-baħar. Ir-riforma tespandi n-Network tar-Raggruppamenti tat-Teknoloġija tal-Port għal żoni addizzjonali b'aċċess għall-baħar, u tistabbilixxi oġġettivi ġodda bħat-tisħiħ tal-kapaċità ta' finanzjament tal-ekonomija tal-baħar permezz ta' Fond Blu rivedut, l-appoġġ għall-użu tal-oċean biex tittejjeb ir-reżiljenza għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet relatati mal-ekonomija tal-baħar u t-tranżizzjoni doppja u t-tisħiħ tal-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija tal-baħar.

Ir-riforma tistabbilixxi l-mudell ta' governanza ta' Ċentru Blu ġdid, li jenħtieġ li jkun xprun tat-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-atturi differenti fil-katina tal-valur ta' ekonomija tal-baħar ġdida,

aktar reżiljenti u sostenibbli li l-impatt tagħha huwa maħsub li jkun dejjiemi u sinifikanti fuq il-bidla fundamentali lejn żvilupp ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tas-setturi kkonċernati. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment TC-C10-i01: Ċentru Blu, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jinholq network nazzjonali ta' infrastrutturi għall-ekonomija blu madwar il-pajjiż u li tissaħħaħ l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-ekonomija blu.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-konstruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura ġdida jew eżistenti kif ukoll investiment f'taġġir relatat mal-ekonomija tal-baħar. L-investiment għandu jinkludi l-ħolqien ta' ċentri blu ġodda (żoni ta' żvilupp tan-negozju fil-portijiet) madwar il-pajjiż u l-aġġornament jew ir-riabilitazzjoni ta' ċentri blu eżistenti, kif ukoll investiment fit-taġġir u l-ħiliet permezz ta' kunċett ġdid ta' "Blue Hub School". L-investiment għandu jippermetti l-kapaċità li r-riżultati tar-riċerka jiġu ttrasferiti fi speċjalizzazzjonijiet produttivi fl-ekonomija. Il-proġett Blue Hub School, li primarjament jinkludi investimenti fl-infrastruttura u t-taġġir, għandu jinkludi dimensjoni sinifikanti tal-iżvilupp tal-ħiliet.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C10-i02: Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali u Sikurezza fis-Sajd

L-oġettivi ta' dan l-investiment huma li jappoġġa l-finanzjament ta' proġetti mmirati lejn l-innovazzjoni, il-modernizzazzjoni tal-proċess, it-tnaqqis tal-marka tal-karbonju u l-ekonomija ċirkolari tal-industrija u l-organizzazzjonijiet tal-ħut. L-investiment għandu jikkonsisti f'sejħa għall-offerti għal 82 proġett relatati mal-innovazzjoni, il-modernizzazzjoni tal-proċessi, l-ekonomija ċirkolari u t-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tal-kumpaniji fl-industrija tas-sajd.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal- "Cluster do Mar dos Açores".

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb l-infrastruttura fissa u mobbli tar-riċerka tax-xjenza tal-baħar fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores. Submiżura waħda għandha tikkonsisti fit-twassil ta' bastiment modern bi standards teknoloġiċi għoljin f'termini ta' kapaċitajiet u taġġir u prestazzjoni għolja fl-użu tal-enerġija, inkluża sistema integrata ta' taġġir akustiku elettroniku xjentifiku. It-tieni submiżura għandha tikkonsisti fl-akkwist ta' żewġ moduli, li għandhom jiġu inkorporati fil-bastiment tar-riċerka assoċjat, jiġifieri Modulu tat-Tagħmir tat-Traffiku u modulu ta' Vettura tal-Ilma Operata mill-Bogħod (ROV). L-aħħar submiżura għandha tikkonsisti fil-ħolqien ta' ċentru sperimentali għar-riċerka u l-iżvilupp marbut mal-baħar, kondiviż mal-istituzzjonijiet tas-Sistema Xjentifika u

Teknoloġika tal-Azores (SCTA) u l-kumpaniji, inkluż "inkubatur blu" u ċentru tal-akkwakultura fl-Azores.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C10-i05-RAA: It-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa proġetti mmirati lejn: it-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

L-investiment għandu jikkonsisti minn 15 proġett aġġudikat relatati mal-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta tas-sajd, l-innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura biex tittejjeb il-prestazzjoni enerġetika, il-modernizzazzjoni tal-proċessi, it-tnaqqis tal-produzzjoni tal-iskart fuq il-baħar u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fis-setturi kollha tas-sajd u tal-akkwakultura.

Għall-għażla tal-proġetti, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termeni ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁵³; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁵⁴; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁵⁵ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁵⁶. It-termeni ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment TC-C10-i06-RAM: Teknoloġiji oċeaniċi

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jissodisfa l-ħtiġijiet infrastrutturali tar-riċerka fix-xjenza tal-baħar fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira, u li jippromwovi r-rabtiet bejn ir-riċerka tal-baħar u s-settur ekonomiku.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-bini ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli effiċjenti fl-użu tal-enerġija mmirat lejn ir-riċerka u t-taħriġ f'ilmiġiet baxxi madwar il-gżejjer tal-arċipelagu ta'

⁵³ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁵⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Madeira u fil-baħar miftuħ. Għandu jinkludi wkoll ix-xiri ta' tliet vetturi subakwatiċi awtonomi mingħajr ekwipaġġ għar-riċerka tal-baħar.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-bastiment tar-riċerka u l-vetturi awtonomi mingħajr bdot abbord għandhom jużaw l-aħjar teknoloġija disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
10.1	TC-C10-r23	M	Dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-atti tal-Ministeru tal-Baħar relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità ta' finanzjament għall-Ekonomija tal-Baħar u l-Innovazzjoni permezz tal-Fond Blu	Dħul fis-seħħ tal-atti riveduti tal-Ministeru tal-Baħar relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità ta' finanzjament għall-Ekonomija tal-Baħar u l-Innovazzjoni permezz tal-Fond Blu				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	L-atti li ġejjin għandhom jiġu riveduti: Id-digriet Amministrattiv Nru 16/2016 tad-9 ta' Marzu; L-ordni Nru 343/2016 tat-30 ta' Diċembru; Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 175/2017. Ir-reviżjoni ta' dawn l-atti għandha tikkonsisti f'aġġornament tal-istrateġija tan-Network ta' Raggruppamenti tal-Port Tech li jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-baħar; ir-reviżjoni u l-adattament tal-modalità organika u operattiva tal-Fond Blu biex jiġi adattat għall-ġestjoni tal-investimenti fil-komponent; il-ħolqien tal-mudell ta' governanza taċ-ċentru.
10.2	TC-C10-i01	M	Tlestija modernizzazzjoni tal-Iskola Blue Hub	Tlestija tar-rinnovazzjoni tal-Iskola Blue Hub				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-konklużjoni tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, it-tisħiħ tal-offerta ta' taħriġ u r-rinnovazzjoni b'taġħmir tal-Iskola Blue Hub. Dan għandu jinkludi: — investiment fl-infrastruttura u s-sistemi tal- <i>Escola Superior Náutica Infante D. Henrique</i> (ENIDH), inkluż il-modernizzazzjoni ta' 16 laboratorju u l-akkwist ta' simulaturi — Modernizzazzjoni ta' For-MAR: l-aġġornament ta' 6 ċentru ta' taħriġ, inkluż taġħmir għat-taħriġ

										vokazzjonali, il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjoni, id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' taħriġ u t-tfassil tat-tagħlim elettroniku. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
10.3	TC-C10-i01	T	Tlestija tal-installazzjoni u/jew l-aġġornament taċ-ċentri Blue Hub		Għadd	0	7	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Finalizzazzjoni tax-xogħlijiet (kostruzzjoni, rinnovazzjoni u tagħmir) għal 7 ċentru blu inklużi: 1. Illusueira da Foz Hub: laboratorju kumpless ta' riċerka transdixiplinarju u komplimentari li jservi bħala interfaċċja bejn l-akkademja u l-industrija. 2. Iċ-Ċentru IPMA/Sea Oeiras biex jittejbu l-kapaċitajiet għall-monitoraġġ tal-oċean 3. L-installazzjoni ta' Smart Ocean Peniche Hub 4. It-tisħiħ taċ-ċentru ta' Aveiro. 5. L-installazzjoni tal-hub Ocean.Plus f'Porto, Leixões I 6. Hub ta' Porto/Leixões II: Ċentru għall-Kmand u l-Kontroll ta' Vetturi Mingħajr Ekwipaġġ 7. L-installazzjoni taċ-Ċentru ta' Algarve Għandu jinholq il-mudell tan-negozju għaċ-ċentri blu u għandu jiġi rreklutat tim ta' ġestjoni tan-negozju interim professjonali (li jkopri wkoll l-Iskola Blue Hub). Il-finalizzazzjoni ta' dan ta' hawn fuq għandha ssegwi l-konferma tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet

										tekniċi u l-obbligi kuntrattwali. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
10.4	TC-C10-i02	T	Approvazzjoni tar-rapporti finali għal 82 proġett b'appoġġ għall-innovazzjoni, it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali għall-entitajiet fis-settur tal-ħut		Għadd	0	82	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Approvazzjoni tar-rapporti finali tal-implimentazzjoni ta' 82 proġett b'appoġġ għall-innovazzjoni, it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali għall-entitajiet fis-settur tal-ħut mid-DGRM-IFAP (Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Naturali, is-Sikurezza u s-Servizzi Marittimi).
10.8	TC-C10-i04-RAA	M	Bidu tal-Kuntratt tax-Xogħlijiet Pubbliċi għaċ-ċentru tekniku MARTEC	Bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għaċ-ċentru tekniku MARTEC				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-infrastruttura għat-Technopolo MARTEC (inkluż ix-xiri ta' art u t-twaqqiġ tal-infrastruttura eżistenti) fuq il-gżira ta' Faial bħala parti miċ-ċentru sperimentali u ta' żvilupp marbut mal-Baħar fl-Azores. Għandu jinkludi Inkubatur Blu (b'mill-inqas 6 500 m ²), Ċentru tal-Akkwakultura (mill-inqas 2 000 m ²) u tagħmir għall-Inkubatur Blu u ċ-Ċentru tal-Akkwakultura). Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.
10.9	TC-C10-i04-RAA	M	Kunsinna ta' bastiment tar-riċerka	Kunsinna ta' bastiment ta' riċerka				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Kunsinna ta' bastiment tar-riċerka modern inkluża sistema integrata ta' tagħmir akustiku elettroniku xjentifiku
10.11	TC-C10-i04-RAA	M	Twassil ta' 2 moduli għall-bastiment il-ġdid tar-riċerka	Twassil ta' 2 moduli għall-				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Twassil ta' 2 moduli għar-riċerka l-ġdida dwar il-bastimenti: Modulu 1

				bastiment il-ġdid tar-riċerka						ROV u 1 Modulu tat-tagħmir tat-tarkir
10.10	TC-C10-i04-RAA	M	Bidu tal-operat taċ-ċentru ta' riċerka u żvilupp sperimentali marbut mal-Baħar fl-Azores (ċentru MARTEC)	Dħul f'Operatio				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Il-ħolqien u l-bidu tal-operat ta' ċentru sperimentali ta' riċerka u żvilupp tal-baħar fuq il-gżira ta' bini FaialNew għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero.
10.12	TC-C10-i05-RAA	T	Tlestija ta' proġetti fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura		Għadd	0	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	It-tlestija ta' 15 proġett relatati mal-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta tas-sajd, l-innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura biex tittejjeb il-prestazzjoni enerġetika, il-modernizzazzjoni tal-proċessi, it-tnaqqis tal-produzzjoni tal-iskart fuq il-baħar u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fis-setturi kollha tas-sajd u tal-akkwakultura =. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni (kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-miżura), u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
10.13	TC-C10-i06-RAM	M	Firma tal-kuntratt għal bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli	Firma tal-kuntratt għal bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Firma tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli. Il-kuntratt għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-kundizzjoni tad-DNSH stabbilita fid-deskrizzjoni tal-miżura.
10.14	TC-C10-i06-RAM	M	Twassil ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli effiċjenti fl-użu tal-enerġija	Kunsinna tal-bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	It-twassil ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għandu jkun jista' jopera fl-ilmijiet baxxi tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira madwar il-gżejjer tal-arċipelagu kif ukoll fil-baħar miftuħ.
10.15	TC-C10-i06-RAM	T	It-twassil ta' vettura awtonoma mingħajr ekwipaġġ waħda		Għadd	0	1	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	It-twassil ta' vettura awtonoma mingħajr ekwipaġġ waħda: Vettura awtonoma tal-erja tas-superfiċje (USV)

10.16	TC-C10-i06-RAM	T	Kunsinna ta' żewġ vetturi awtonomi mingħajr ekwipaġġ		Għadd	1	3	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Twassil ta' vettura awtonoma mingħajr ekwipaġġ superkwatika 6 000M u vettura Subakwatika awtonoma mingħajr ekwipaġġ (AUV) 1 000M
-------	----------------	---	--	--	-------	---	---	--------------------------	------	--

J.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment TC-C10-i03: Iċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tad-Difiża tal-Atlantiku u l-pjattaforma navali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi r-riċerka u s-sorveljanza tal-baħar. L-investiment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' sistema bbażata fuq tliet pilastru ewlenin: Pilastru I — Pjattaforma Navali b'diversi għanijiet; Pilastru II — Ċentru tal-Operazzjonijiet; u l-Pilastru III — Akkademja tal-Arsenal tal-Alfeite (Akkademja 4.0). L-akkademja Arsenali għandha l-għan li tiffoka fuq it-taħriġ f'oqsma fixkiela bħar-robotika, it-telekomunikazzjoni, il-bijoteknoloġija, in-nanoteknoloġija, il-konnettività, l-Intelliġenza Artifiċjali, il-Big Data u l-apprendiment Awtomatiku. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C10-i07: Trasport Marittimu Ekoloġiku

L-objettiv tal-miżura huwa li taċċellera t-tranżizzjoni enerġetika tat-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

L-investiment għandu jikkonsisti fi programm ta' appoġġ għall-interventi fl-effiċjenza enerġetika għal għaxar bastimenti tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, li minnhom mill-inqas 70 % tal-bastimenti jaqbuż t-tunnellaġġ gross (TG) ta' 5000. L-interventi għandhom jaqgħu taħt mill-inqas waħda mit-tipoloġiji li ġejjin: (I) miżuri ta' sostituzzjoni tal-fjuwils fossili (ii) miżuri għall-iffrankar tal-enerġija u (iii) miżuri komplementari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

L-applikazzjonijiet għandhom jingħataw punteġġ fuq il-valutazzjoni tal-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂), ikkalkulat abbażi tal-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII), u indikazzjoni għal kull unità tax-xogħol tat-trasport, bħala perċentwal u fuq il-valutazzjoni tal-livelli ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit (SO_x), tal-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u tal-materja partikolata bħala perċentwal. L-indiċi tal-Bastimenti Eżistenti għall-Effiċjenza Enerġetika (EEXI) għandu jintuża wkoll bħala indikatur tal-valutazzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), l-investiment għandu jikkontribwixxi għal tnaqqis ta' mill-inqas 10 % fil-konsum tal-fjuwil tal-bastiment espress fi grammi ta' fjuwil għal kull tunnellata ta' piż mejjet għal kull mil nawtiku. Il-kalkolu tal-konsum għandu jintwera permezz tad-dinamika tal-fluwidi komputazzjonali (CFDs), it-testijiet tat-tankijiet jew kalkoli simili tal-inġinerija). Barra minn hekk, il-bastimenti ma għandhomx ikunu ddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
10.5	TC-C10-i03	M	Iffirmar tal-kuntratt għall- "Pjattaforma Navali Multifunzjonali" u "Ċentru tal-Operazzjonijiet"	Iffirmar tal-kuntratt għall- "Pjattaforma Navali Multifunzjonali" u għaċ- "Ċentru tal-Operazzjonijiet"				IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-3	2023	L-iffirmar tal-kuntratt ta' kostruzzjoni wara t-tnedija tal-offerta/i pubblika/pubbliċi — Pilastri I u II: Pilastri I — Pjattaforma Navali Multifunzjonali, Dan jinkludi l-kostruzzjoni ta' pjattaforma navali multifunzjonali ta' madwar 100 metru b'pożizzjonament awtomatiku f'livell dinamiku, sistema integrata ta' ġestjoni tal-pjattaforma, pont tal-kmand u ċentru tal-operazzjonijiet, sistema ta' pożizzjonament akustiku taħt l-ilma, bajja għall-varar ta' sottomarini u/jew żbark ta' sistemi awtonomi, krejnijiet, pjattaforma għall-ħelikopters, fost l-oħrajn), Jinkludi wkoll il-kapaċità li joperaw vetturi sa fond ta' 6 000 metru, parkeġġ ta' vetturi tal-wiċċ awtonomi u assi navali addizzjonali (inklużi vetturi awtonomi tas-superfiċje oċeanika, vetturi awtonomi taħt l-ilma, vetturi tal-ajru awtonomi, droni). Pilastri II — Ċentru ta' Operazzjonijiet Dan jinkludi r-rinnovazzjoni ta' bini u strutturi eżistenti, faċilitajiet għas-sistemi tal-kompjuter u tal-komunikazzjoni għaċ-ċentru tal-operazzjonijiet u għan-network tal-laboratorju, sistemi tal-informatika u tal-ħżin tal-informazzjoni ta' prestazzjoni għolja, sistemi ta' komunikazzjoni (inklużi sistemi televiżivi ta' Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT) Riċevitur Biss (TVRO) u sistemi ta' interoperabbiltà ma' sistemi Navali oħra, żvilupp ta' softwer u sistemi immersivi.
10.6	TC-C10-i03	M	Finalizzazzjoni tal-Akkademja tal-Arsenal Alfeite	Finalizzazzjoni tal-Akkademja tal-Arsenal Alfeite				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2023	L-infrastruttura tal-Iskola tal-Akkademja tal-Arsenal Alfeite hija aġġornata u l-iskola hija awtorizzata tipprovdi taħriġ. L-investment jinkludi wkoll id-dijanjożi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, l-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ, u l-ġħoti tal-ewwel korsijiet ta' taħriġ.)
10.7	TC-C10-i03	M	Riċeviment u aċċettazzjoni tal- "Pjattaforma Navali Multifunzjonali" u "Ċentru tal-Operazzjonijiet"	Riċeviment u aċċettazzjoni tal- "Pjattaforma Navali Multifunzjonali				IT-TIEN I TRI MES TRU	2026	Riċeviment u aċċettazzjoni tal- "Pjattaforma Navali Multifunzjonali" u "Ċentru tal-Operazzjonijiet"

				" u "Ċentru tal-Operazzjonijiet "				TAT-2		
10.17	TC-C10-i07	M	Tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti	Tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti				IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-3	2023	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni ta' għaxar bastimenti marittimi tal-merkanzija u tat-trasport tal-passiġġieri li mill-inqas 70 % tal-bastimenti tagħhom jaqbu t-tunnellaġġ gross (TG) ta' 5 000. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u jikkontribwixxu għal tnaqqis ta' mill-inqas 10 % fil-konsum tal-fjuwil tal-bastiment espress fi grammi ta' fjuwil għal kull tunnellata ta' piż mejjet għal kull mil nawtiku f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura. Għandha tinkludi wkoll il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE u dik nazzjonali.
10.18	TC-C10-i07	T	Tlestija tal-interventi tal-effiċjenza enerġetika għall-bastimenti	Prova tat-tlestija tal-interventi tal-effiċjenza enerġetika għall-bastimenti	Għadd	0	10	IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2026	It-tlestija tal-interventi tal-effiċjenza enerġetika għal għaxar bastimenti tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri li minnhom mill-inqas 70 % tal-bastimenti jaqbu t-tunnellaġġ gross (TG) ta' 5 000.

K. IL-KOMPONENT 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija

Il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-kontribut tal-industrija u tal-proċessi industrijali biex jintlaħqu l-oġettivi tan-newtralità karbonika, kif identifikati fil-Pjan Direzzjonali dwar in-Newtralità tal-Karbonju 2050 u fil-Pjan Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima 2030. Dan jirrikjedi trasformazzjoni strutturali, ibbażata fuq ir-rikonfigurazzjoni tal-attività industrijali, il-bidliet fil-proċessi tal-produzzjoni u l-mod li bih jintużaw ir-riżorsi.

Il-miżura ta' dan il-komponent għandha l-għan li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, u l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija fil-proċessi industrijali. Il-proġetti li għandhom jiġu appoġġati għandhom ikunu marbuta wkoll ma' teknoloġiji ġodda, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija, filwaqt li jfittxu effiċjenza akbar fid-diversi proċessi ta' produzzjoni u ta' organizzazzjoni.

Il-komponent għandu jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni klimatika tal-industrija Portugiża u jappoġġa l-kompetittività tagħha. Dan jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020) u dwar l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3 2019 u 2020).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment TC-C11-i01: Dekarbonizzazzjoni tal-industrija

Dan l-investment għandu jikkonsisti fil-promozzjoni u l-appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' innovazzjoni fl-industrija f'erba' oqsma:

- proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju: l-għan huwa li tiġi appoġġata l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda jew proċessi ta' produzzjoni mtejbja għad-dekarbonizzazzjoni tagħhom, bħal permezz tal-inkorporazzjoni ta' materja prima ġdida u miżuri tal-ekonomija ċirkolari, miżuri ta' innovazzjoni, is-sostituzzjoni u/jew l-adattament tat-tagħmir, iż-żieda fl-elettrifikazzjoni tal-konsum finali tal-enerġija;
- miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija: il-proġetti appoġġati għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, pereżempju permezz tal-ottimizzazzjoni jew is-sostituzzjoni tal-magni u tat-tagħmir, l-ottimizzazzjoni tal-proċessi, l-adozzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġestjoni tal-konsum;
- l-inkorporazzjoni tal-enerġija u l-ħżin rinnovabbli, bħal permezz tal-installazzjoni ta' sistemi solari, il-ġenerazzjoni tas-sħana rinnovabbli, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, il-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u tal-gassijiet rinnovabbli fejn l-għażliet teknoloġiċi għad-dekarbonizzazzjoni, inkluż permezz tal-elettrifikazzjoni, ikunu aktar limitati;
- l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għad-dekarbonizzazzjoni u inizjattivi għall-bini tal-kapaċità, bħal permezz tal-identifikazzjoni u t-tixrid ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi effettivi, attivitajiet ta' taħriġ, pjattaformi ta' kondiżizzjoni tal-informazzjoni.

L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' proċeduri tal-offerti (2021–2024) kemm lil intrapriżi żgħira u ta' daqs medju kif ukoll lil kumpaniji kbar fl-oqsma tal-industrija u l-produzzjoni tal-enerġija, inklużi korpi ta' ġestjoni taż-żona industrijali, operatori tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija, assoċjazzjonijiet tan-negozju tal-industrija u tal-enerġija u entitajiet oħra. L-investment għandu l-għan li jappoġġa mill-inqas 310 proġett ta' diversi daqsijiet. Is-sejħa għall-offerti għandha

tiffoka fuq is-setturi l-aktar intensivi fil-gassijiet serra iżda għandha tkun miftuħa għas-settur industrijali kollu, u tkopri kemm l-installazzjonijiet tal-ETS kif ukoll dawk mhux tal-ETS.

Il-proġetti magħżula taħt il-qasam ta' intervent ta' 024 ter għandhom jirriżultaw fi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' medja ta' 30 % fl-installazzjonijiet industrijali kkonċernati, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁵⁷; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁵⁸; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁵⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁶⁰; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

⁵⁷ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁵⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
11.1	TC-C11-i01	M	L-ewwel sejħa għall-offerti għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali	L-ewwel sejħa għall-offerti miftuħa				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2021	Il-ftuħ tal-ewwel sejħa għal proposti għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali relatati ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija; l-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija; u l-għoti tas-setgħa lin-negozi. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Din is-sejħa għall-offerti għandha tiżgura tnaqqis medju ta' 30 % fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra għall-installazzjonijiet industrijali appoġġati għal proġetti li jaqblu mal-qasam ta' intervent 024ter. Proġetti bl-ogħla effiċjenza tad-dekarbonizzazzjoni għandhom jiġu appoġġati bi prijetà.
11.2	TC-C11-i01	M	Iffirmar ta' kuntratti li jagħtu appoġġ finanzjarju	Iffirmar ta' kuntratti li jagħtu appoġġ finanzjarju				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2023	Mill-inqas EUR 383 000 000 mogħtija għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali relatati ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija; l-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija; u l-għoti tas-setgħa lin-negozi. L-għoti tal-kuntratti lill-proġetti magħżula skont is-sejħiet kompetittivi għal proposti msemmija fl-istadju importanti hawn fuq għandu jiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

11.3	TC-C11-i01	T	Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali		Għadd	0	310	IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2025	L-għadd ta' proġetti li rċevew appoġġ finanzjarju għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija li huma relatati ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija; u l-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija. Għandu jiġi żgurat tnaqqis ta' medja ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra għal proġetti li jaqblu mal-qasam ta' intervent 024ter għall-installazzjonijiet industrijali appoġġati.
------	------------	---	--	--	-------	---	-----	-----------------------------	------	---

L. IL-KOMPONENT 12: Il-bijoeconomija

Dan il-komponent jindirizza l-isfida tal-iżvilupp ta' bijoeconomija vijabbli, sostenibbli, ċirkolari u kompetittiva. Tranżizzjoni bħal din hija mistennija li tappoġġa l-modernizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-industrija billi toħloq ktajjen tal-valur ġodda u proċessi industrijali aktar ekoloġiċi.

L-oġġettiv ta' dan il-komponent huwa li jippromwovi u jaċċellera l-iżvilupp ta' prodotti b'valur miżjud għoli minn riżorsi bijoloġiċi bħala alternattiva għall-materjali bbażati fuq il-fossili.

Il-miżuri ta' dan il-komponent għandhom l-għan li jappoġġaw bidliet strutturali marbuta ma' din it-tranżizzjoni u għandhom jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u lokali attwali, inkluż it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq ir-riżorsi fossili u l-iżvilupp sostenibbli. Tliet setturi (it-tessuti u l-ħwejjeġ, iż-żraben u r-reżina naturali) għandhom jiġu appoġġati b'mod speċifiku għall-iżvilupp ta' prodotti b'bażi bijoloġika u biex isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi. Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fil-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), fl-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3 2019 u 2020) u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari billi jiżdiedu l-prevenzjoni tal-iskart, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid biex l-iskart jiġi ddevjat minn miżbliet u inċineraturi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2022 u 2023).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma TC-r25: Bijoeconomija sostenibbli

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tippromwovi u tinċentiva l-konservazzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi bijoloġiċi. Ir-riforma tidħol fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijoeconomija Sostenibbli tal-Portugall, li għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika u għandu jaġixxi bħala qafas strateġiku għall-iżvilupp sostenibbli nazzjonali. Bħala parti mill-isforz biex tiġi promossa l-bijoeconomija, il-Portugall għandu jivvaluta wkoll l-inċentivi fiskali li jistgħu jtejbju s-sostituzzjoni ta' riżorsi naturali mhux rinnovabbli b'riżorsi oħra b'bażi bijoloġika.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn Sistema Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Iskart (RGGR) ġdida u l-inklużjoni ta' kriterji għax-xiri ta' prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli fir-rieżami tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku. Din ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-ostakli u r-restrizzjonijiet ewlenin identifikati fil-valorizzazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi għall-iżvilupp ta' bijoindustrija sostenibbli u ċirkolari, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju kaskata.

L-implimentazzjoni tal-Iskema Ġenerali l-ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart għandha tal-anqas tneħħi r-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' prodotti sekondarji jew skart għal prodotti ġodda billi tissimplifika l-proċeduri għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi jew oġġetti bħala prodotti sekondarji, inkluż minn pajjiżi oħra tal-UE. L-iskema Ġenerali l-ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart ġiet adottata f'Diċembru 2020.

L-istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għandha tiġi riveduta biex tinkludi mill-inqas kriterji ekoloġiċi obbligatorji relatati mal-akkwist ta' servizzi u prodotti (b'mod partikolari fil-

qasam tal-kostruzzjoni), li jintegraw prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Investiment TC-C12-i01: Il-bijoekonomija

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-inkorporazzjoni ta' materjali b'bażi bijoloġika fil-proċessi ta' produzzjoni fi tliet setturi: tessuti u ħwejjeġ, żraben u reżina naturali.

L-istrument ewlieni għandu jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju mogħti permezz ta' kuntratti ta' programmi ma' konsorzji, li għandhom jinkludu istituzzjonijiet tar-R & I, negozji u utenti finali, u li għandhom jintgħażlu permezz ta' proċess kompetittiv. L-attivitajiet appoġġati għandhom jinkludu proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni produttiva, proġetti ta' diġitalizzazzjoni u teknoloġiji ta' produzzjoni avvanzati, programmi ddedikati ta' taħriġ u għoti tas-setgħa, produzzjoni ta' reżina naturali domestika, u miżuri ta' sensibilizzazzjoni għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli. Il-proġetti magħżula għandhom jikkontribwixxu mill-inqas għall-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u għall-oġġettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-Portugall. Il-proġetti għandu jkollhom l-oġġettivi li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' proċessi ġodda ta' produzzjoni fil-ħolqien ta' prodotti b'valur miżjud oġġla li jinkorporaw u jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi (bijomassa tal-foresti, residwi agrikoli u agroindustrijali u prodotti sekondarji);
- l-iżvilupp ta' proċessi teknoloġiċi biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tas-setturi tal-ipproċessar tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina; u għal
- jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-iskart f'dawn is-setturi.

Il-proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni għandhom jiġu appoġġati bl-għan li jiġu żviluppati proċessi ta' produzzjoni ġodda fil-ħolqien ta' prodotti b'valur miżjud oġġla li jinkorporaw u jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi (bijomassa tal-foresti, residwi agrikoli u agroindustrijali u prodotti sekondarji), proċessi teknoloġiċi biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tas-setturi tal-ipproċessar tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina, u biex jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-iskart f'dawn is-setturi. Il-proġetti magħżula għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomplementati minn offerti speċifiċi u addizzjonali għal attivitajiet għall-ġestjoni tal-foresti u l-produzzjoni ta' reżina naturali. Dan għandu jinkludi l-appoġġ ta' attivitajiet ta' prevenzjoni tan-nirien minn professjonisti tal-produzzjoni tar-reżina, ix-xiri ta' makkinarju u tagħmir mill-Istitut għall-Konservazzjoni tan-Natura u tal-Foresti (ICNF), u attivitajiet ta' protezzjoni u riabilitazzjoni tal-foresti tal-arżnu marittimi. Billi jippromwovi l-ġestjoni tal-art forestali, dan l-investiment għandu jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-effetti tan-nirien rurali, filwaqt li jgħin biex titnaqqas l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-atmosfera.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), il-vetturi, il-makkinarju u t-tagħmir li għandhom jinxtraw mill-Istitut għall-Konservazzjoni tan-Natura u tal-Foresti (ICNF) għandhom ikunu b'emissjonijiet żero. Fejn ma teżisti l-ebda alternattiva b'emissjonijiet żero, il-vetturi, il-makkinarju u t-tagħmir li għandhom jinxtraw għandhom jirrappreżentaw l-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur. Barra minn hekk, il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

downstream⁶¹; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁶²; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi⁶³ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁶⁴; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-riforma TC-C12-r39: Il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari u ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti

Ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-prevenzjoni tal-iskart, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u d-devjazzjoni tal-iskart u li tippromwovi l-ekonomija ċirkolari.

Ir-riforma għandha:

- It-tħeġġiġ ta' aktar ekodisinn f'oġġetti manifatturati permezz tal-armonizzazzjoni tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni li għandhom jintużaw mill-produtturi. Dawn il-kriterji għandhom isiru obligatorji għall-entitajiet ta' ġestjoni (assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-produtturi ta' prodotti, daww li jippakkjaw u l-fornituri tas-servizz tal-imballaġġ) għall-implimentazzjoni tas-sistemi integrati koperti mir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur. Il-kriterji għandhom jiżguraw li l-mudelli finanzjarji skont l-Artikolu 15(3) u (4) tad-Digriet Amministrattiv Nru 152/D/2017 jirriflettu l-impatt tal-prodott fuq l-ambjent u l-ispiża reali tal-ġestjoni tal-iskart, u jgħallqu inċentivi finanzjarji għal prodotti aktar durabbli, li jistgħu jissewew u riċiklabbli billi jimmodulaw it-tariffi li għandhom jiġihallu mill-produtturi.
- L-introduzzjoni ta' skema ta' inċentivi għall-irkupru (sistema ta' depożitu u rifużjoni) għal fliexken tal-plastik, tal-metalli ferużi u tal-aluminju li ma jistgħux jerġgħu jintużaw.
- Wara studju ta' fattibbiltà, tintroduċi sistema ta' inċentivi għat-teħid lura tal-kategoriji differenti ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

⁶¹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁶² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁶³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-investiment għandu l-għan li jżid il-kapaċitajiet għall-ġbir, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart fil-Portugall.

L-investiment għandu jappoġġa kumpaniji li jkollhom konċessjoni minn municiċipalit  waħda jew aktar għax-xiri ta' tagħmir u vetturi għall-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart kif ukoll għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda ta' ġbir u separazzjoni.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformit  mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-konformit  mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), it-tagħmir u l-vetturi li għandhom jinxtraw mill-kumpaniji tal-konċessjoni għandhom ikunu b'emissjonijiet żero. Fejn ma teżisti l-ebda alternattiva b'emissjonijiet żero, it-tagħmir u l-vetturi li għandhom jinxtraw għandhom jirrappreżentaw l-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur. Barra minn hekk, l-investiment għandu jeskludi i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁶⁵; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁶⁶; III) attivitajiet relatati ma' miżblit tal-iskart, inċineraturi⁶⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁶⁸; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, għall-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet għat-trattament tal-bijoskart miġbur separatament permezz ta' diġestjoni anaerobika jew kompostjar bil-produzzjoni u l-użu tal-bijometan li jirriżultaw, għandha tiġi żgurata l-konformit  mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli, b'mod partikolari li l-faċilitajiet jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbilt  u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29–31 u r-regoli dwar il-bijofjuwils ibbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26.

⁶⁵ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁶⁶ Meta l-attivit  appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwieg possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁶⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċit  tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċit  tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
12.1	TC-C12-i01	M	L-iffirmar tal-protokoll tal-2021 tal-programm "Resineiros Vigilantes"	Firma tal-protokoll tal-2021 tal-programm "Resineiros Vigilantes"				IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-3	2021	Konklużjoni tal-protokoll bejn l-Istitut tan-Natura u l-Konservazzjoni tal-Foresti, l.I.P. u l-assoċjazzjoni professjonali nazzjonali tal-produtturi tar-reżina (Resipinus) għas-sorveljanza u d-detezzjoni tan-nirien rurali.
12.2	TC-C12-i01	M	Approvazzjoni tal-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija fis-setturi tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina naturali	Approvazzjoni tal-proġetti għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija				IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Approvazzjoni mill-kumitat tal-għażla tal-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija fis-setturi tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina naturali. Il-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-appoġġ għandhom jaqgħu taħt wieħed mill-programmi li ġejjin: "Il-promozzjoni ta' Bijoeconomija Sostenibbli u Ċirkolari fit-Tessuti u l-ħwejjeġ", "Il-Promozzjoni ta' Bijoeconomija Sostenibbli u Ċirkolari fis-Settur tax-Xedd tas-Saqajn" u "Il-promozzjoni u l-valorizzazzjoni tar-Riż Naturali". Huma għandhom jiffukaw fuq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija nadifa, alternattivi b'impatt baxx u l-użu tal-Aqwa Tekniki Disponibbli. Il-kriterji tal-għażla għall-proġetti għandhom jirrikjedu li l-proġetti kollha appoġġati tar-R & I jkollhom tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti. Il-proġetti magħżula għandhom jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
12.3	TC-C12-i01	T	Prodotti, teknoloġiji u proċessi pilota ġodda li jintegraw riżorsi b'bażi bijoloġika		Għadd	0	15	IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-4	2025	Prodotti, teknoloġiji u proċessi pilota ġodda li jintegraw ir-riżorsi b'bażi bijoloġika. Dan jinkludi mill-inqas 10 prodotti jew teknoloġiji ġodda (Livell ta' Thejijja Teknoloġika 6–7) u mill-inqas 5 proċessi pilota industrijali ((Livell ta' Thejijja Teknoloġika 7–9) fis-setturi li ġejjin: tessuti, xedd tas-saqajn, produzzjoni tar-reżina.
12.4	TC-C12-i01	T	Żvilupp ta' foresti tal-arżnu marittimi b'potenzjal ta' produzzjoni tar-reżina		ettari	0	8 500	IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-2	2026	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Żona ta' foresti tal-arżnu marittimi żviluppata permezz tal-użu ta' tekniki ta' riġenerazzjoni naturali u żbir ta' friegħi tar-raża.
12.5	TC-C12-r25	M	Dħul fis-seħħ tar-Reġim Ġenerali Ġdid għall-Ġestjoni tal-Iskart	Dħul fis-seħħ tar-Reġim Ġenerali Ġdid għall-Ġestjoni tal-Iskart				IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-3	2021	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ tas-Sistema Ġenerali Ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart (RGGR) li tissimplifika l-proċess amministrattiv u tnaqqas l-ispejjeż assoċjati mal-użu ta' prodotti sekondarji.
12.6	TC-C12-r25	M	Dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku	Dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku				IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-3	2022	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Id-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku li tispeċifika l-kriterji ekoloġiċi relatati mal-akkwist ta' servizzi u prodotti li jintegraw materjali b'bażi bijoloġika sostenibbli, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' kriterji ekoloġiċi obbligatorji.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
12.7	TC-C12-r39	M	Dħul fis-seħħ tad-definizzjoni armonizzata tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tad-definizzjoni armonizzata tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni				IT-TIE NI TRI ME ST RU TAL -4	2023	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Dħul fis-seħħ ta' att legali li jstabbilixxi definizzjoni armonizzata u obligatorja tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni tal-benefiċċji finanzjarji f'sistemi integrati taħt ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur. Il-benefiċċji finanzjarji l-ġodda se japplikaw 01/01/2026 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni meħtieġ biex il-produtturi jadattaw il-mudelli tagħhom għall-kriterji l-ġodda tal-ekomodulazzjoni.
12.8	TC-C12-r39	M	Skema ta' inċentivi għall-irkupru (sistema ta' depożitu u rifużjoni) għal flieken tal-plastik, metalli tal-ħadid u aluminju li ma jistgħux jerġġu jintużaw	Bidu tat-tħaddim tas-sistema tad-depożitu u rifużjoni				IT-TIE NI TRI ME ST RU TAL -4	2023	Sistema ta' depożitu u rifużjoni għandha tibda topera u għandha tiġi applikata għal flieken tal-plastik, metalli tal-ħadid u aluminju li ma jistgħux jerġġu jintużaw.
12.9	TC-C12-r39	M	Skema ta' teħid lura għall-iskart elettriku u t-tagħmir elettroniku	Dispożizzjoni fil-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni				IT-TIE NI TRI ME ST RU TAL -4	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Wara studju indipendenti tal-fattibbiltà, u jekk l-istudju jkun pożittiv, għandha tidħol fis-seħħ leġislazzjoni li tistabbilixxi l-qafas legali għall-introduzzjoni ta' skema ta' teħid lura għall-iskart elettriku u elettroniku.
12.10	TC-C12-i02	T	Żieda fil-kapaċità għall-iskart, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru		Għadd	0	5	IT-TIE NI TRI ME ST RU	2025	L-għadd ta' kumpaniji ta' konċessjoni li għandhom konċessjoni minn municiplità waħda jew aktar b'kapaċità akbar għall-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-iskart, inklużi l-interventi li ġejjin f'mill-inqas kumpanija ta' konċessjoni waħda għal kull intervent: a) l-installazzjoni ta' linja ġdida ta' separazzjoni għall-imballaġġ tal-plastik u tal-metall, b) il-kostruzzjoni ta' impjant ġdid għas-separazzjoni tal-imballaġġ, c) vetturi għal kontenituri selettivi ta' kolezzjoni u ta' separazzjoni, d) installazzjoni għat-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall- miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TAL -4		trattament ta' wara l-ikkompostjar, u e) sistema għat- trattament tal-ilma mormi ġġenerat minn attivitajiet ta' pproċessar tal-iskart.

M. IL-KOMPONENT 13: Effiċjenza Enerġetika fil-Bini

Il-komponent jindirizza l-isfidi li ġejjin. Is-settur residenzjali jammonta għal 18 % tal-konsum tal-enerġija u s-settur tas-servizzi għal 14 % oħra. Għalhekk, il-bini għandu rwol importanti għall-Portugall biex jilħaq il-miri tiegħu tan-newtralità karbonika. Il-miżuri f'dan il-qasam, u b'mod partikolari fis-segment residenzjali, jistgħu jgħinu wkoll biex itaffu l-faqar enerġetiku, li jibqa' ta' tħassib importanti fil-Portugall bil-perċentwal ta' unitajiet domestiċi li ma jistgħux iżommu d-djar sħan b'mod adegwat għadu 19 % fl-2019. Il-Portugall impenja ruħu li jikseb in-newtralità karbonika sal-2050 u, għalhekk, jeħtieġ li jippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tiegħu, filwaqt li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni (il-kumdità u l-kwalità interna) u l-affordabbiltà. Dan għandu jinkiseb billi jiżdied ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, billi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli jiġu kkombinati mal-elettrifikazzjoni, u billi jiġu mmirati b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

Għadd ta' "fallimenti tas-suq" huma identifikati u jikkorrispondu għal għadd ta' problemi li għandhom it-tendenza li jdewmu t-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini u l-isfruttament tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, bħal:

- nuqqas ta' fehim tal-użu tal-enerġija u l-iffrankar potenzjali;
- rinnovazzjoni limitata u attività ta' kostruzzjoni f'kuntest ta' wara l-kriżi finanzjarja;
- nuqqas ta' prodotti ta' finanzjament attraenti;
- informazzjoni limitata dwar l-istokk tal-bini; u għal
- użu limitat ta' teknoloġiji effiċjenti u intelliġenti.

L-oġġettivi tal-komponent huma r-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u privat biex jittejbu r-rendiment u l-kumdità fl-użu tal-enerġija tiegħu, filwaqt li jitnaqqsu l-kont u d-dipendenza tal-enerġija tal-pajjiż, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u d-dipendenza enerġetika, biex jittaffa l-faqar enerġetiku u biex jiġu inkorporati sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-ambjent mibni. Dan għandu jipprovdi bosta benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi għan-nies u n-negozji, bħall-ħolqien ta' impjiegi lokali u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni klimatika, b'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Hija marbuta mal-inizjattiva ewlenija Rinnovazzjoni u hija wkoll parti mit-tranżizzjoni ekoloġika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment TC-C13-i01: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali

L-oġġettivi ta' dan l-investiment huma li tiġi promossa r-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini residenzjali li jkun proprjetà privata, li jiġu adottati soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li jiġi sostitwit

tagħmir ineffiċjenti u li tiżdied il-kapaċità installata biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, biex jissaħħa l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli u biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

L-investment għandu jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

- Jappoġġaw il-kost tal-proġetti li jippromwovu r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari fil-bini. Il-miżura tkopri t-titjib fl-effiċjenza enerġetika skont is-sejħa "Programa de Apoio a Edifícios mais Sustentáveis 2021 — PAE + S II".
- Għall-unitajiet domestiċi b'introġtu baxx fil-faqar enerġetiku, *Vales eficiência*, jew vawċers tal-effiċjenza enerġetika, b'valur medju ta' EUR 1 300 kull wieħed, għandhom jitwasslu lill-unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku (sa tliet vawċers għal kull unità domestika), li għandhom jintitolaw lir-riċevitur għal ċerti xogħlijiet, soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, tagħmir u elettrifikazzjoni tal-użi tal-enerġija.
 - o Il-materjal ta' appoġġ għandu jitqassam biex jgħin fid-deċiżjonijiet dwar l-aħjar miżuri tal-effiċjenza enerġetika li għandhom jittieħdu.
 - o Il-kanali ta' komunikazzjoni u l-punti uniċi ta' servizz għandhom ikunu disponibbli wkoll biex jgħinu jiċċaraw id-dubji dwar kif jinkiseb dan l-appoġġ, ikkoordinat ma' diversi entitajiet nazzjonali u lokali, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet ta' investment.
- Il-programm "Bairros Sustentáveis", immirat lejn ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jew l-elettrifikazzjonijiet fil-bini u fl-abitazzjonijiet tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.
 - o Ir-rinnovazzjonijiet jew l-elettrifikazzjonijiet se jkunu f'żoni ("Bairros") b'riskji ogħla ta' faqar enerġetiku, bħal viċinati tal-akkomodazzjoni soċjali u viċinati storiċi, fiż-żoni metropolitani ta' Lisboa u Porto.
 - o Il-muniċipalitajiet f'dawn iż-żewġ żoni metropolitani se jidentifikaw dawn iż-żoni. Huma eliġibbli biss iż-żoni approvati minn Fundo Ambiental. Is-sejħa ddedikata ("aviso convite") lill-muniċipalitajiet se tinkludi b'mod partikolari i) il-kriterji ta' eliġibbiltà biex jiġi żgurat li l- "Bairros" taħt C02-i01 u C02-i05 ma jkunux eliġibbli u ii) il-kriterji tal-faqar enerġetiku f'konformità mal-Istrateġija fit-Tul għall-Faqar Enerġetiku.
 - o Il-benefiċjarji tal-programm se jkunu kumpaniji tal-akkomodazzjoni muniċipali, istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għas-solidarjetà soċjali (IPSSs) u/jew assoċjazzjonijiet tar-residenti ta' dawn il-muniċipalitajiet.
 - o Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jinkludu miżuri ta' rinnovazzjoni tal-bini kollu jew tal-abitazzjonijiet individwali kkomplementati b'miżuri biex tiżdied l-elettrifikazzjoni tal-konsum. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija primarja.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew

fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C13-i02: L-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-gvern ċentrali

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jippromwovi r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-gvern ċentrali, li jippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u li jtejjeb l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli. Dan l-investment għandu jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

- Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari fil-bini. It-tipi differenti ta' interventi tal-bini huma identifikati fi pjanijiet ta' effiċjenza li għandhom jitfasslu, fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ekoinnovazzjoni ECO.AP 2030.
- Il-materjal ta' appoġġ għandu jitqassam lill-uffiċjali tal-amministrazzjoni pubblika biex jgħinhom jiddeċiedu l-aħjar miżuri ta' effiċjenza enerġetika li għandhom jittieħdu.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment TC-C13-i03: L-effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jippromwovi r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini użat mis-settur tas-servizzi, li jippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, li jtejjeb l-awtokonsum tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Dan l-investment għandu jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

- Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari fil-bini.
- Il-materjal ta' appoġġ għandu jitqassam biex jgħin fid-deċiżjonijiet dwar l-aħjar miżuri tal-effiċjenza enerġetika li għandhom jittieħdu.

Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew

fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
13.1	TC-C13-i01	T	Titjib fl-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali privat		Għadd	0	45 000	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2024	L-għadd ta' abitantijiet b'taġħmir tal-effiċjenza enerġetika mixtri li jiksibu, b'ħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. 35 MW ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (b'ħal pannelli fotovoltaiċi u batteriji) installata.
13.3	TC-C13-i01	T	"Vawċers tal-effiċjenza" distribwiti għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku biex jissostitwixxu taġħmir antik u jadottaw soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija		Għadd	0	40 000	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	40 000 "vawċer tal-effiċjenza" li jiswew, b'ħala medja, EUR 1 300/voucher, imqassma lill-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku (unitajiet domestiċi li jibbenefikaw mit-tariffa tal-enerġija soċjali), biex jinxtra taġħmir effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'ħall-pompi tas-sħana, kif ukoll biex jitwettqu xogħlijiet biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-unità domestika nnifisha. Dan jinkludi servizzi ta' installazzjoni u għir ta' taġħmir preċedenti
13.11	TC-C13-i01	T	Rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku		Għadd	0	3 500	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	Mill-inqas 3 500 abitantijiet rinnovati. Għall-fini ta' din il-mira, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet ta' bini sħiħ, ir-rinnovazzjonijiet ta' kull bini għandhom jitqiesu ekwivalenti għal 14 abitantijiet. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, b'ħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
13.5	TC-C13-i02	T	Rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika		m²	0	1 255 000	IT-TIE	2025	1 255 000 m² żona rinnovata fil-bini tal-gvern ċentrali. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			tal-bini tal-gvern ċentrali					NI TRI ME ST RU TAL -4		jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. 28 MW ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (bħal pannelli fotovoltajċi u batteriji) installata f'bini tal-gvern ċentrali.
13.8	TC-C13-i03	M	Rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini ta' servizzi privati		m²	0	360 000	IT-TIE NI TRI ME ST RU TAL -4	2025	360 000 m² ta' erja rinnovata f'bini ta' servizzi. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. 30 MW ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (bħal pannelli fotovoltajċi u batteriji) installata fis-settur tas-servizzi privati.

N. KOMPONENT 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli

Il-Portugall ħa impenn li jikseb in-newtralità karbonika sal-2050, filwaqt li jippożizzjona lill-pajjiż fost dawk li huma minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-pjan Direzzjonali għan-Newtralità tal-Karbonju 2050 (RNC 2050) jistabbilixxi bħala miri ta' dekarbonizzazzjoni li għandhom jintlaħqu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' aktar minn 85 % meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-2005 u kapaċità ta' sekwestru tal-karbonju ta' 13 000 000 tonnelli. Il-komponent jindirizza l-hekk imsejħa setturi diffiċli biex jitrażżnu billi jippromwovi l-użu tal-idroġenu rinnovabbli.

L-oġettivi tal-komponent huma li jippromwovi t-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tat-trasport b'enfasi qawwija fuq il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u ta' gassijiet rinnovabbli oħra. Fil-każ tar-Reġjuni Awtonomi, l-enfasi hija fuq l-użu tal-enerġija rinnovabbli (l-enerġija ġeotermali, mir-riħ, fotovoltajka u idroelettrika) u l-ħżin. Dan il-komponent huwa essenzjali biex titnaqqas id-dipendenza nazzjonali fuq l-enerġija permezz tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi lokali, biex jitlejeb il-bilanċ kummerċjali, u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija domestika.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni klimatika, b'enfasi fuq il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019 u 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

NRU 1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma TC-r29: Strateġija Nazzjonali għall-Idroġenu (EN-H2)

L-oġettiv tal-miżura huwa li tintroduċi element ta' inċentiv u stabbiltà għas-settur tal-enerġija, li jippromwovi l-introduzzjoni gradwali tal-idroġenu rinnovabbli bħala pilastru sostenibbli ta' strateġija aktar komprensiva għat-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata. Din l-istrateġija tiddefinixxi r-rwol attwali u futur tal-idroġenu fis-sistema tal-enerġija u tipproponi sett ta' miżuri u miri għall-inkorporazzjoni tal-idroġenu fid-diversi setturi tal-ekonomija. Dan għandu jinkludi wkoll il-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal din il-bidla, inklużi l-leġiżlazzjoni u r-regolamentazzjoni, is-sikurezza, l-istandards, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, u l-finanzjament, fost l-oħrajn. Il-miżura hija għar-Regolament emendat tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass, li għandhom jiġu approvati mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Ġeoloġija. Ir-Regolament emendat għandu jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-konnessjonijiet mal-infrastrutturi tat-trażmissjoni tal-gass, b'mod partikolari għall-injezzjoni ta' gassijiet ta' oriġini rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli u l-gassijiet b'kontenut baxx ta' karbonju, kif ukoll li jiġu ffissati l-perċentwali minimi u massimi tal-injezzjoni ta' dawn il-gassijiet fin-networks. Barra minn hekk, ir-regolament emendat għandu jinkludi r-reviżjonijiet meħtieġa għall-istandards tekniċi li jiżguraw il-kwalità tas-servizz u l-użu sikur ta' dawn l-infrastrutturi għall-utenti kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

Investiment TC-C14-i01: L-idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa proġetti privati għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u gassijiet oħra ta' orġini rinnovabbli għall-konsum proprju jew għall-injezzjoni fil-grilja.

L-investment għandu jikkonsisti f'azzjonijiet li jiffavorixxu l-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-gassijiet rinnovabbli. Diversi applikazzjonijiet huma appoġġati bħall-użu ta' gassijiet rinnovabbli għat-trasport u l-injezzjoni ta' gassijiet rinnovabbli fil-grilja tal-gass naturali.

Il-produzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli, bħall-idroġenu rinnovabbli jew il-bijometan, esklużivament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tista' tuża firxa ta' teknoloġiji bħal: Elettroliżi; Proċessi termokimiċi u idrotermali; Proċessi bijoloġiċi (bijofolizi u fermentazzjoni); Arrikkiment tal-bijogass mid-diġestjoni anaerobika ta' materjali tal-bijomassa (mhux inkluża l-produzzjoni tal-bijogass); u l-metanazzjoni (idroġenu rinnovabbli kkombinat mad-diossidu tal-karbonju riċiklat).

L-investimenti għandhom iżidu l-kapaċità installata għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u gassijiet rinnovabbli oħra, inkluża l-kapaċità installata fl-elettrolizzaturi għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. Il-proġett għandu jiġi implimentat permezz ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u mhux diskriminatorji bl-għan li jiġu appoġġati proġetti b'massimu ta' EUR 15 000 000 għal kull proġett.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment TC-C14-i02-RAM: Il-potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa l-ġenerazzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. L-investment għandu jikkonsisti fis-sottoinvestimenti li ġejjin:

- Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água u ż-żieda fil-kapaċità installata biż-żieda ta' 4 MW;
- Rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Calheta I;
- Sistemi ta' Ħżin tal-Batteriji: iżżid il-kapaċità installata fis-sistemi tal-ħżin tal-batteriji billi iżżid il-kapaċità tal-ħżin ta' mill-inqas 21 MW/33.8MWh; —
- Il-kostruzzjoni u l-integrazzjoni ta' kumpensatur asinkroniku b'potenza ta' mill-inqas 15 MVA;
- L-installazzjoni ta' 130 miter intelliġenti konnessi u s-sostituzzjoni ta' 000 punt tat-tidwil tat-toroq b'soluzzjonijiet b'konsum baxx tal-enerġija (inkluż it-titjib tal-ġestjoni tat-tidwil tat-toroq).
- Aġġornament tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika Reversibbli ta' Socorridos

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C14-i03-RAA: It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores

L-objettivi tal-miżura huma li tiġi żviluppata infrastruttura tal-elettriku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u li jiġu implimentati proġetti b'soluzzjonijiet tekniċi innovattivi biex tiżdied l-awtosuffiċjenza enerġetika. Fl-Azores, il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli bħalissa tammonta għal madwar 40 % tal-valur globali tar-reġjun, li minnhom madwar 24 % ġejjin mill-enerġija ġeotermali fl-akbar żewġ gżejjer tal-arċipelagu. L60 % li jifdal tal-elettriku jiġi prodott mill-fjuwils fossili, miż-żejt tal-fjuwil u mid-diżil, li jirrappreżentaw kont annwali għoli, mhux biss minħabba l-valur tax-xiri tal-fjuwils, iżda wkoll minħabba t-trasport tagħhom bil-baħar mill-kontinent lejn il-gżejjer u d-distribuzzjoni bejn il-gżejjer. Dan it-tip ta' produzzjoni, minbarra l-kost għoli assoċjat magħha, jirrappreżenta dipendenza esterna qawwija li, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi

nazzjonali jew internazzjonali, tista' tipperikola l-kapaċità li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-arċipelagu.

L-investiment għandu jikkonsisti fis-sottoinvestimenti li ġejjin:

- Żieda fil-kapaċità installata ta' ġenerazzjoni rinnovabbli, prinċipalment ġeotermali, b' 12 MW u r-rivitalizzazzjoni tal-impjant tal-enerġija ġeotermali diġà installat b' 5 MW;
- Żieda fil-kapaċità installata għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-gżira ta' Corvo permezz tal-installazzjoni ta' park tal-enerġija fotovoltajka u eoliku b' 850 kW;
- L-installazzjoni ta' unitajiet żgħar ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fotovoltajku għall-produzzjoni u l-konsum deċentralizzati għal total ekwivalenti ta' 38.2 MW.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

NRU 2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
14.1	TC-C14-r29	M	Dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Distribuzzjoni tal-Gass	Dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Distribuzzjoni tal-Gass				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2021	Dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat tan-Netwerk Nazzjonali għat-Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass. L-emendi għar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass, għandhom jiġu approvati mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Ġeoloġija. Ir-regolamenti għandhom jagħmluha possibbli li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-konnessjonijiet mal-infrastrutturi tat-trażmissjoni tal-gass, b'mod partikolari għall-injezzjoni ta' gassijiet ta' oriġini rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli, kif ukoll li jiġu ffixxati l-perċentwali minimi u massimi tal-injezzjoni ta' dawn il-gassijiet fin-networks. Barra minn hekk, dawn jinkludu r-reviżjonijiet meħtieġa għall-istandards tekniċi li jiżguraw il-kwalità tas-servizz u l-użu sikur ta' dawn l-infrastrutturi għall-utenti kollha.
14.2	TC-C14-i01	M	L-ewwel sejħa għall-offerti għal proġetti ta' produzzjoni tal-gass rinnovabbli	L-ewwel sejħa għall-offerti miftuħa				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2021	Il-ftuħ tal-ewwel sejħa għall-għażla ta' proġetti li għandhom jiġu appoġġati għal mill-inqas 88 MW ta' kapaċità installata ġdida tal-enerġija tal-idroġenu rinnovabbli u tal-gassijiet rinnovabbli.
14.3	TC-C14-i01	T	Kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tal-gass rinnovabbli		F'MW	0	200	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2026	Kapaċità addizzjonali installata tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tal-gassijiet rinnovabbli.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
14.4	TC-C14-i02-RAM	M	Kostruzzjoni u integrazzjoni ta' kumpensatur sinkroniku	Kostruzzjoni u integrazzjoni ta' kumpensatur sinkroniku				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2024	Il-kostruzzjoni u l-integrazzjoni ta' kumpensatur sinkroniku wieħed b'mill-inqas 15 MVA.
14.5	TC-C14-i02-RAM	T	Kapaċità addizzjonali installata tal-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika		F'MW	0	4	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2024	Żieda fil-kapaċità tal-enerġija installata fl-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água rinnovat.
14.6	TC-C14-i02-RAM	T	Kapaċità tal-produzzjoni installata tal-enerġija idroelettrika rinnovata		F'MW	0	6,2	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2024	Rinnovazzjoni tal-impjanti idroelettriċi li ġejjin: Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água: — 5.2 MW ta' kapaċità installata eżistenti. Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Calheta I: 1 MW tal-kapaċità installata eżistenti.
14.7	TC-C14-i02-RAM	T	Kapaċità installata addizzjonali fis-sistema tal-ħżin tal-batterija		F'MW	0	21	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2025	Żieda fil-ħżin tal-elettriku billi tiżdied il-kapaċità installata fis-sistemi tal-batteriji. Il-kapaċità miżjuda hija għal mill-inqas 21 MW/33.8 MWh
14.9	TC-C14-i02-RAM	T	Installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti		Għadd	0	130 000	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	Il-forniment u l-installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti ġodda (arloġġi tal-elettriku li jirreġistraw informazzjoni dwar il-konsum u li huma konnessi man-network ta' komunikazzjoni)
14.15	TC-C14-i02-RAM	T	Kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali		F'MW		15	IT-TIENI TRIM ESTR U	2026	Aġġornament tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Socorridos billi jiġu sostitwiti 4 pompi ta' 3 750 kW kull wieħed.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TAT-2		
14.10	TC-C14-i02-RAM	T	Sostituzzjoni tal-punti tat-tidwil tat-toroq		Għadd	0	8 750	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2025	Is-sostituzzjoni tan-network tat-tidwil pubbliku b'tidwil LED b'enerġija baxxa u s-sistema ta' ġestjoni tagħhom
14.11	TC-C14-i03-RAA	T	Kapaċità tal-produzzjoni ġeotermali installata addizzjonali u rinnovata		F'MW	0	17	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	Tiżdied il-kapaċità li jiġi prodott l-elettriku minn sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija ġeotermali. Il-kapaċità addizzjonali (12 MW) għandha tiġi installata fl-Impjant Ġeotermiku ta' Pico Alto u fl-Impjant Ġeotermiku ta' Pico Vermelho. Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant Ġeotermiku Ribeira Grande għandha timplimenta tliet bjar ġeotermali ġodda u unità ta' ġenerazzjoni aktar effiċjenti ta' 5 MW għandha tissostitwixxi l-unitajiet ta' ġenerazzjoni eżistenti ta' 2x2.5 MW.
14.12	TC-C14-i03-RAA	T	Produzzjoni addizzjonali tal-elettriku rinnovabbli f'Corvo		kW	0	850	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2024	It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Tiżdied il-kapaċità installata għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fuq il-gżira ta' Corvo permezz tal-installazzjoni ta' park fotovoltajku u eoliku.
14.14	TC-C14-i03-RAA	T	Installazzjoni ta' impjanti fotovoltajċi żgħar għall-ġenerazzjoni u l-konsum lokali tal-elettriku		F'MW	0	38,2	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	L-installazzjoni ta' kapaċità tal-enerġija elettrika installata ġdida billi jsir investiment f'installazzjonijiet fotovoltajċi ta' unità żgħira mxerrda prinċipalment għall-awtokonsum, jekk wieħed jassumi li ma jkun hemm l-ebda kofinanzjament mill-benefiċjarji.

O. KOMPONENT 1: Mobbiltà Sostenibbli

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi tas-settur tat-trasport: il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ta' sustanzi niġġiesa, il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq karozza privata, u l-ħtieġa li tiġi garantita koeżjoni soċjali aħjar fiż-żoni urbani.

L-oġettiv ta' dan il-komponent huwa li jnaqqas l-emissjonijiet u jtejjeb it-trasport pubbliku billi jespandi n-network, jagħmlu aktar aċċessibbli, u jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-ippjanar tat-trasport pubbliku. Dan huwa mistenni li jwassal għal aktar utenti tat-trasport pubbliku, biex titħeġġeġ il-bidla modali minn karozza privata għal trasport pubbliku u jiġu promossi kapaċitajiet aħjar ta' ġestjoni u ppjanar tat-trasport. Għal dan l-għan, dan il-komponent jikkonsisti f'riformi u investimenti li jippromwovu trasport pubbliku sostenibbli permezz tal-estensjoni tal-metro ta' Lisbona u Porto, il-konstruzzjoni ta' sistema ferrovjarja ħafifa f'Lisbona, sistema ta' tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja f'Porto, u x-xiri ta' xarabanks b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma TC-r30: Riforma tal-Ekosistema tat-Trasport

L-oġettiv tar-riforma huwa li jissaħħu l-awtoritajiet tat-trasport pubbliku, il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom u, b'hekk, tiżdied il-kapaċità tagħhom li jippjanaw aħjar is-sistemi tat-trasport li jimmaniġġjaw, u jtejbu l-użu tat-trasport pubbliku. Ir-riforma għandha tappoġġa lill-awtoritajiet tal-ġestjoni tat-trasport fiż-Żoni Metropolitan (AM) u l-Komunitajiet Intermuniċipali (CIM) kollha. Hija għandha ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' aċċess għat-trasport pubbliku permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi għal tariffi mnaqqsa (*Programa de Apoio à Redução do Tarifário dos Transportes Públicos*, PART) u servizzi tat-trasport aħjar u aktar favur il-klima (*Programa de Apoio à Densificação e Reforço da Oferta de Transporte Público*, PROTransP) billi tadotta leġislazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali li jkun ta' benefiċċju għall-utent tat-trasport pubbliku, bħattnaqqis fiskali tat-taxxa fuq il-valur miżjud assoċjata max-xiri ta' biljetti tat-trasport pubbliku ta' kull xahar.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment TC-C15-i01: L-espansjoni tan-Netwerk tal-Metro ta' Liżbona — il-Linja l-Ħamra għal Alcântara, fażi ta' kuntrattar

L-għan tal-miżura huwa li tiżdied l-attrazzjoni tat-trasport pubbliku f'Lisbona u li jiġu attirati aktar utenti permezz ta' espansjoni tan-network tal-metro.

L-investiment għandu jikkonsisti f'estensjoni tan-network tal-metro ta' Liżbona għal Alcântara, biż-żieda ta' 3.7 km u erba' stazzjonijiet man-network. Dan għandu jittrasforma lil Alcântara f'interfaċċja ewlenija ġdida tat-trasport li tipprovdi konnessjoni bejn in-network tal-metro u s-servizzi ferrovjarji suburbani.

Investiment TC-C15-i02: Espansjoni tan-Netwerk tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi kontraenti

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżdied l-attrazzjoni tat-trasport pubbliku f'Porto u li jiġu attirati aktar utenti. Għandha l-għan li tespandi l-kopertura territorjali tan-network tal-metro u tindirizza l-problemi ta' konġestjoni tal-assi Porto — Vila Nova de Gaia.

L-investiment għandu jikkonsisti f'estensjoni tan-network tal-metro f'Porto permezz tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida ta' binarju doppju ta' 6.74 km bi 8-il stazzjon ġdid bejn Boavista/Casa da Música f'Porto u stazzjon ġdid li għandu jinbena f'Santo Ovídio (interfaċċa mal-linja Amarela) f'Vila Nova de Gaia.

Investiment TC-C15-i04: Boavista ta' Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-linja — Império

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżdied l-attrazzjoni tat-trasport pubbliku f'Porto u li jiġu attirati aktar utenti. Għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa u thegġegħ il-bidla modali lil hinn mit-toroq.

Dan l-investiment għandu jikkonsisti fil-ħolqien ta' sistema ġdida ta' Tranżitu Rapidu tal-Bus (korsiji li huma primarjament iddedikati għall-karozzi tal-linja) ta' 3.8 km u 7 stazzjonijiet bejn Praça do Império u Praça Mouzinho de Albuquerque f'Porto, li tipprovi konnessjoni man-network tal-metro ta' Porto. Is-sistema ta' Tranżitu Rapidu bil-Bus għandha titħaddem b'xarabanks b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment TC-C15-i05: Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku

L-objettiv tal-miżura huwa li tiġġedded u tiġi dekarbonizzata l-flotta tat-trasport pubbliku fil-Portugall permezz tal-provvista ta' xarabanks b'emissjonijiet żero.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' 145 xarabank b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu) għat-trasport pubbliku u l-infrastruttura tal-iċċarġjar għat-tħaddim tagħhom. L-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' għotja mhux rimborsabbli tad-differenza bejn l-ispejjeż tax-xiri ta' xarabank b'emissjonijiet żero (tal-elettriku jew tal-idroġenu) u vettura ekwivalenti għad-diżil (EURO VI). Ix-xarabanks għandhom jintużaw għall-forniment ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri taħt kuntratti ta' servizz pubbliku fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment TC-C15-i06: Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jagħmel il-linja tat-Tramuntana tan-Netwerk Ferrovjarju Nazzjonali (RFN) kompatibbli mal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja (LAV) il-ġdida permezz tas-sostituzzjoni ta' sistemi ta' sinjalar elettroniku. Dan l-investiment għandu jikkonsisti fis-sostituzzjoni tas-sistemi elettroniċi ta' sinjalar fl-istazzjonijiet Campolide-Ċintura, Oriente, Alverca u Azambuja, li jkopru 20 km ta' linji ferrovjarji fiż-Żona Metropolitana ta' Lisbona.

Barra minn hekk, Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (STM) ser jiġi żviluppat u installat fuq ferroviji mġhammra bis-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ECTS) li tippermetti l-interoperabbiltà tal-ECTS u s-sistema nazzjonali ta' sinjalar, CONVEL.

L-investiment għandu jinkludi wkoll taħriġ għall-impjegati tal-Infraestruturas de Portugal relatat maċ-ċibersigurtà u x-xiri ta' tagħmir tas-sistemi telematiċi, tat-telekomunikazzjoni u tas-sinjalar.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
15.1	TC-C15-i01	M	L-iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk tal-Metro ta' Lisbona	L-iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk tal-Metro ta' Lisbona				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2023	L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kuntrattur magħżul fi proċess ta' sejħa għall-offerti. L-għan tal-kuntratt huwa l-espansjoni tan-netwerk tal-Metro ta' Lisbona (il-Linja l-Ħamra għal Alcântara).
15.4	TC-C15-i02	M	Iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk ta' Porto Metro	Iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk ta' Porto Metro	—			IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2023	L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kuntrattur magħżul fi proċess ta' sejħa għall-offerti. L-għan tal-kuntratt huwa l-espansjoni tan-netwerk Porto Metro (Casa da Música-Santo Ovídio).
15.10	TC-C15-i04	M	Iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' linja ta' Tranżitu Rapidu bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto	Iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' linja ta' tranżitu rapidu tal-karożżi tal-linja bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-1	2022	L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kuntrattur magħżul fi proċess ta' sejħa għall-offerti. L-għan tal-kuntratt huwa l-kostruzzjoni ta' linja Bus Rapid Transit li tgħaqqad Praça do Império ma' Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto.
15.11	TC-C15-i04	T	Il-kostruzzjoni ta' linja ta' Tranżitu Rapidu tal-Bus bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto tlestiet		Km	0	3,8	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2025	It-tul tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni mwettqa għal-linja ta' tranżitu rapidu tax-xarabank li tgħaqqad lil Praça do Império ma' Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto. Il-linja l-ġdida ta' tranżitu rapidu tal-karożżi tal-linja hija lesta għat-tħaddim immedjat tas-servizzi tat-trasport ipjanati.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
15.12	TC-C15-i05	M	Kuntratt iffirmit għax-xiri ta' xarabanks nodfa taħt il-Programm ta' Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku	Kuntratt iffirmit għax-xiri ta' 145 xarabank nadif taħt il-Programm ta' Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-3	2022	L-iffirmar ta' kuntratt bejn il-benefiċjarji u l-korp maniġerjali, abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' sejħa għall-offerti, li jagħti impenn li jinxtraw xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu).
15.13	TC-C15-i05	T	Xiri ta' xarabanks ġodda (elettriċi jew tal-idroġenu) b'emissjonijiet żero użati għat-trasport pubbliku		Għadd	0	145	IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2023	L-għadd ta' xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu) mixtrija u lesti biex joperaw għall-forniment ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto.
15.14	TC-C15-r30	M	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jittiejbju l-kundizzjonijiet ta' aċċess għat-trasport pubbliku	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				IT-TIENI TRIM ESTR U TAL-4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jittiejbju l-kundizzjonijiet tal-aċċess għat-trasport pubbliku permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi għal tariffi mnaqqsa (Programa de Apoio à Redução do Tarifário dos Transportes Públicos, PART) u servizzi tat-trasport aħjar u aktar favur il-klima (Programa de Apoio à Densificação e Reforço da Oferta de Transporte Público, PROTransP). Il-leġiżlazzjoni għandha tistabbilixxi appoġġ għaż-żewġ Żoni Metropolitan u 21 Komunitajiet Intermuniċipali.
15.15	TC-C15-i06	M	Firma ta' kuntratt għal sistemi ta' sinjalar elettroniku	Iffirmar tal-kuntratt u pubblikazzjoni fuq portal iddedikat				IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2024	L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett għas-sostituzzjoni tas-sistemi ta' sinjalar elettroniku bejn l-Infraestruturas de Portugal u l-kuntrattur.
15.16	TC-C15-i06	T	Linji ferrovjarji b'sistemi elettroniċi ta' sinjalar sostitwiti		km	0	20	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	It-tul tal-linji ferrovjarji b'sistemi elettroniċi ġodda ta' sinjalar installati fiż-Żona Metropolitana ta' Lisbona. L-iżvilupp ta' Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (STM) installat fuq ferroviji mġhamra bis-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ECTS) Taħriġ għall-impjegati ta' Infraestruturas de Portugal relatat maċ-ċibersigurtà.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Xiri ta' tagħmir ta' sistemi telematiċi, ta' telekomunikazzjonijiet u ta' sinjalazzjoni għal esstruzzjoni tal-baġit ta' mill-inqas EUR 21 000 000.

O.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment TC-C15-i07: Espansjoni tan-Netwerk tal-Metro ta' Liżbona — Linja l-Ħamra għal Alcântara, fażi ta' kostruzzjoni

L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' parti mill-estensjoni tan-network tal-metro ta' Liżbona għal Alcântara, inklużi 2 797 km ta' mini/sezzjonijiet u strutturi interni tal-istazzjonijiet Campolide/Amoreiras, Campo de Ourique, u Infante Santo.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TC-C15-i08: Kostruzzjoni tal-estensjoni tan-Netwerk tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi ta' kostruzzjoni

L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' parti mill-estensjoni tan-network tal-metro ta' Porto bejn Boavista/Casa da Música f'Porto u Santo Ovídio f'Vila Nova de Gaia, inkluż it-tlestija ta' xogħol ta' skavar għal tliet mini u l-kostruzzjoni ta' struttura tal-konkrit rinfurzata għal-livell tal-pjattaforma għal tmien stazzjonijiet.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

O.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
15.3	TC-C15-i07	T	Kostruzzjoni ta' parti mill-estensjoni tal-Linja l-Ħamra		Km	0	3 217	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	It-tul tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li tlestew għall-espansjoni tan-network Metro ta' Lisbona, inkluż a) it-tħaffir u l-kisi primarju li tlestew għal 2 797 km ta' mini/sezzjonijiet u b) l-istrutturi interni tal-istazzjonijiet Campolide/Amoreiras, Campo de Ourique, u Infante Santo (li jammontaw għal 420 metru ta' tul tal-istazzjon).
15.6	TC-C15-i08	T	Kostruzzjoni ta' parti mill-estensjoni tan-network tal-metro ta' Porto		Km	0	5.5	IT-TIENI TRIM ESTR U TAT-2	2026	It-tul tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li tlestew għall-espansjoni tan-network tal-Metro ta' Porto, inklużi: a) ix-xogħol ta' tħaffir tlesta għal tliet mini (Casa da Música/Campo Alegre, Devesas/Soares dos Reis, Soares dos Reis/Santo Ovídio) u b) ix-xogħol ta' skavar tlesta u saħħaħ l-istruttura tal-konkrit mibnija għal-livell tal-pjattaforma għal tmien stazzjonijiet.

IL-KOMPONENT 16: Intrapriżi 4.0

Il-komponent jindirizza l-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni baxxa tal-intrapriżi. Skont ir-risultati tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI 2020), il-Portugall jikklassifika^{fid-19} post fl-UE u taħt il-medja tal-UE. L-aktar dimensjonijiet fraġli fil-każ tal-Portugall huma dawk tal- "Kapital Uman" u l- "Użu tas-Servizzi tal-Internet" u xi dimensjoni tal- "Integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali", li kollha jirriflettu limitazzjonijiet fuq il-kapaċità diġitali u l-prestazzjoni tal-kumpaniji.

L-oġettivi tal-komponent huma li jimmira lejn is-settur tan-negozju, b'mod partikolari l-SMEs u l-impjegati tagħhom, b'investimenti biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali kkomplementati bit-tisħiħ tal-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol impjegata. L-investimenti jipprevedu l-azzjonijiet li ġejjin:

- It-tisħiħ tal-ħiliet diġitali tal-impjegati u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol;
- Il-modernizzazzjoni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji kif ukoll il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol bħall-ġestjoni tan-negozju, il-prodotti innovattivi u l-fatturazzjoni;
- Il-ħolqien ta' kanali ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni diġitali għall-prodotti u s-servizzi;
- L-innovazzjoni u l-inkorporazzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fil-mudell kummerċjali tad-ditti; u għal
- It-trawwim ta' intraprenditorija bbażata b'mod diġitali.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mal-appoġġ tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, biex tingħata spinta lill-kompetittività tad-ditti, u biex jiġu appoġġati l-impjiegi u jiġu pprioritizzati miżuri biex jiġu ppreservati l-impjiegi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020). Il-komponent jappoġġa wkoll l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex jittejjeb il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni, b'mod partikolari l-litteriżmu diġitali tagħhom, inkluż billi t-tagħlim għall-adulti jsir aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019) u biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma TD-r31: It-tranżizzjoni diġitali tal-ambjent tan-negozju

L-oġettivi tal-miżura huma li jissaħħaħ it-tkabbir tal-ambjent tan-negozju u b'hekk isir aktar kompetittiv u reżiljenti b'mod diġitali fil-kuntest ekonomiku u soċjali globali attwali. Din ir-riforma hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tranżizzjoni Diġitali (PATD) usa' li l-Portugall adotta f'April 2020.

Ir-riforma għandha tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- Rieżami tal-kontenut formattiv inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki, speċifikament relatat mal-ħiliet diġitali għall-użu f'kuntest professjonali. Dan it-tiġdid huwa allinjat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-kumpaniji f'diversi setturi ekonomiċi. Għal dan l-għan, mill-2021 jistgħu jsiru disponibbli mogħdijiet ġodda ta' taħriġ u kors ta' taħriġ għal żmien qasir.

- L-istabbiliment tal-qafas legali u regulatorju meħtieġ għall-ħolqien ta' siġilli diġitali fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, il-privatezza, is-sostenibbiltà u l-użu. Dan il-qafas u l-promozzjoni tal-fiduċja diġitali huma prekundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-investment għas-siġilli diġitali previsti f'dan il-komponent.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment TD-C16-i01: Awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

L-oġġettivi tal-miżura huma li jiżdiedu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, inklużi l-impjegati u l-maniġers.

L-investment għandu jikkonsisti f'żewġ programmi ta' taħriġ interkonnessi li għandhom jiġu stabbiliti biex jindirizzaw il-lakuni fil-ħiliet diġitali tal-ħaddiema (impjegati u maniġers) u tan-negozji. L-investment huwa mistenni li jinfluwenza politiki ġodda u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet vokazzjonali u Prattiki ta' taħriġ tul il-ħajja. Iż-żewġ azzjonijiet huma:

- L-Akkademja tal-Portugall Diġitali: disponibbli għall-popolazzjoni kollha fl-età tax-xogħol, bil-mira li jintlaħqu 500 000 dijanjostika tal-ħiliet diġitali u 50 parteċipant f'taħriġ online, imħallat u wiċċ imb wiċċ fil-ħiliet diġitali. Dan jinkludi wkoll il-ħolqien ta' MOOC ad hoc tat-30 li għandu jkun disponibbli fuq il-pjattaforma online.
- Impjiegi + Diġitali 2025: bil-mira li 225 parteċipant jiġu offruti taħriġ tal-ħiliet diġitali aktar profund online, wiċċ imb wiċċ, jew imħallat.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

L-oġġettivi tal-miżura huma li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-mudelli kummerċjali tal-SMEs Portugiżi u d-diġitalizzazzjoni tagħhom. L-għan tal-investment huwa li jittrasforma l-mudell tan-negozju tal-ekonomija Portugiża u li jikkontribwixxi għal kompetittività u reżiljenza akbar.

L-investment jikkonsisti f'erba' gruppi ta' azzjonijiet:

- "Network Nazzjonali tal-Beds tat-Testijiet": il-ħolqien ta' network nazzjonali ta' Beds tat-Testijiet kellu l-għan li joħloq il-kundizzjonijiet għan-negozji biex jiżviluppaw u jittestjaw prodotti u servizzi ġodda u jaċċelleraw il-proċess ta' trasformazzjoni diġitali, jew permezz ta' tagħmir fiżiku u tagħmir għall-ittestjar tal-infrastruttura jew simulaturi virtwali/diġitali. Il-mira hija li jiġu stabbiliti 30 infrastruttura tas-sodda tat-test. Il-RRF għandha tappoġġa parti mill-kostijiet ta' dan l-investment. Dan l-investment jista' jirċievi wkoll appoġġ minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni għall-kostijiet li mhumex appoġġati mill-RRF.
- Il-kummerċ Diġitali: programm għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, b'enfasi fuq il-mikrointrapriżi fis-settur kummerċjali, biex jiġu attivati l-kanali kummerċjali diġitali tagħhom, biex it-teknoloġija tiġi inkorporata fil-mudelli tan-negozju u biex jiġu dematerjalizzati l-proċessi mal-klijenti u l-fornituri permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Għandu jinkludi tliet proġetti: I) "Aċċelleraturi tal-Kummerċ Diġitali" bil-ħolqien ta' 25 aċċelleratur lokali, reġjonali jew settorjali (entitajiet li jipprovdu kkwċjar, mentoraġġ, appoġġ finanzjarju lin-negozji ġodda u lill-SMEs biex jgħinuhom jikbru) u sistema ta' inċentivi finanzjarji għad-diġitalizzazzjoni tal-mudelli tan-negozju tal-SMEs (b'mira ta' 20 SME); II) "Viċinati tal-Kummerċ Diġitali" li għandhom jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni (bil-pjattaformi lokali tal-kummerċ elettroniku u tal-konsenja) ta' 75 żona tax-xiri li jinsabu f'ċentri urbani, żoni suburbani jew rurali sabiex tingħata spinta lil dawn iż-żoni u jiġu promossi l-koeżjoni territorjali u l-ekonomija lokali; III)

"Internazzjonalizzazzjoni permezz tal-kummerċ elettroniku", biex tgħin lill-intrapriżi jiżviluppaw kanali ġodda ta' bejgħ barra mill-pajjiż permezz ta' bejgħ online.

- Appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali tal-mudelli tan-negozju: Coaching 4.0, programm li jappoġġa lin-negozji fl-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati.
- L-intraprenditorija: b'miżuri bħal i) "Vawċer għal Negozji Ġodda — Prodotti Diġitali Ġodda" programm ta' vawċers immirat biex jappoġġja negozji ġodda li jixtiequ jiżviluppaw mudelli ta' negozju diġitali, bi prijorità mogħtija lil daww b'karatteristiċi ekoloġiċi; II) "It-tisħiħ tal-Istruttura Nazzjonali tal-Intraprenditorija — Startup Portugal" b'investimenti fl-immappjar tal-ambjent tan-negozji ġodda sabiex jiġu identifikati l-isfidi u s-soluzzjonijiet marbuta mal-aġenda tal-intraprenditorija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi; III) "Inkubaturi/Vawċers tal-Aċċelleraturi tan-Negozji Ġodda" biex jappoġġaw l-inkubaturi u l-aċċelleraturi fl-iżvilupp tagħhom, inkluża l-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali ġdida, itejbu r-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom u jsaħħu l-għarfien u l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jappoġġaw lin-negozji ġodda b'mudelli ta' negozju bbażati b'mod diġitali.

Għall-istrumenti finanzjarji, taħt il-miżura "Aċċelleraturi tal-Kummerċ Diġitali" li tipprovdi appoġġ finanzjarju u inċentivi finanzjarji, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn l-awtoritajiet Portugiżi u l-entità fdata jew l-intermedjarju finanzjarju inkarigat mill-istrument finanzjarju u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu:

- jirrikjedu l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u għal
- teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁶⁹; II) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁷⁰; III) attivitajiet u assi relatati ma'

⁶⁹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁷⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieks sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

mizbljet tal-iskart, inċineraturi⁷¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁷²; u iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u għal

- jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-proġetti mill-entità f'data/l-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

Għall-offerti, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁷³; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁷⁴; III) attivitajiet relatati ma' mizbljet tal-iskart, inċineraturi⁷⁵ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁷⁶; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TD-C16-i03: katalizzatur għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

⁷¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁷² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁷³ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁷⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁷⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁷⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-objettivi tal-miżura huma li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u ambjentali tas-soċjetà u n-negozju.

L-investment għandu jikkonsisti mit-tliet azzjonijiet li ġejjin:

- "Dematerjalizzazzjoni tal-fatturazzjoni", bi proġett li għandu l-għan li jnaqqas l-użu tal-karti permezz ta' pjattaforma diġitali li tibgħat il-fattura;
- "Ċibersigurtà, Privatezza, Usabilità u Siġilli taċ-Ċertifikazzjoni tas-Sostenibbiltà" — investment fi: il-ħolqien ta' erba' siġilli ġodda ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, tal-privatezza, tal-użu u tas-sostenibbiltà; l-istabbiliment ta' pjattaformi li jappoġġaw il-komunikazzjoni bejn is-sħab u l-entitajiet kollha involuti fil-proċess (kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' data proċedurali rilevanti għall-monitoraġġ tal-programm); kampanja biex tinxtered l-inizjattiva u tingħata s-setgħa lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jew lill-entitajiet tekniċi ta' valutazzjoni li jappoġġaw is-siġilli ta' ċertifikazzjoni f'dawk l-oqsma; u għal
- "Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali (DIH)": servizz li jappoġġja lill-kumpaniji u lill-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika biex isiru aktar kompetittivi fl-isfera diġitali, sabiex itejbu l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, permezz tal-awtomatizzazzjoni jew l-inkorporazzjoni ta' teknoloġiji fiżkiela. Dan l-investment għandu jsaħħa u jikkomplementa n-network li diġà qed jiġi żviluppat fi ħdan il-Programm Ewropa Diġitali, biex jilħaq total ta' 16 DIHs stabbiliti fil-Portugall. Il-RRF għandha tappoġġa parti mill-kostijiet ta' dan l-investment. Dan l-investment jista' jirċievi wkoll appoġġ minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni għall-kostijiet li mhumex appoġġati mill-RRF.

Għal offerti relatati mal-istabbiliment ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali u għall-għażla ta' benefiċjarji appoġġati mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁷⁷; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁷⁸; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁷⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁸⁰; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul

⁷⁷ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁷⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁷⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TD-C16-i04: Industrija 4.0

L-oġettiv tal-miżura huwa li jappoġġaw ir-riċerka industrijali, l-iżvilupp sperimentali, il-proġetti ta' innovazzjoni organizzazzjonali u tal-proċessi u li jrawmu t-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji.

Din il-miżura għandha tappoġġa 300 proġett ta' investment li jaqgħu f'mill-inqas wieħed mill-oqsma ta' azzjoni li ġejjin:

1. It-tranżizzjoni diġitali tal-proċessi operazzjonali inkluż il-ġestjoni u l-ippjanar tal-produzzjoni u loġistiċi.
2. Soluzzjonijiet għall-ħżin, il-ġestjoni u l-ipproċessar avanzati tad-data.
3. Soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali applikati għall-proċess tal-produzzjoni.
4. Rappreżentazzjonijiet diġitali u mmudellar virtwali (Twins Diġitali), simulazzjoni, u mmudellar industrijali.
5. Il-manifattura tal-iskeċċ u tal-addittiv.
6. Proġetti ta' realtà awmentata, realtà virtwali u viżjoni artifiċjali applikati għall-proċessi.
7. Ir-robotika kollaborattiva u konjittiva, l-interfaċċa bniedem-magna, is-sistemi tal-fiżika ċibernetika.
8. Is-sensuri u l-elettronika avanzata, l-Internet tal-Oġġetti, is-soluzzjonijiet tal-cloud u tal-edge.
9. Infrastrutturi tan-netwerks, tal-komunikazzjoni u tal-informatika avanzata assoċjati mal-proċessi.
10. Software innovattiv, interoperabbiltà tas-sistemi.

Għall-offerti, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁸¹; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁸²; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁸³ u impjanti tat-

⁸¹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁸² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁸³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-

trattament mekkaniku u bijologiku⁸⁴. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjeddu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TD-C16-i05-RAA: Il-kapaċità Diġitali u t-Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores

L-oġġettivi tal-miżura huma li tiffinanzja l-ħolqien ta' Sistema ta' Inċentiv tat-Tranżizzjoni Diġitali għall-kumpaniji fl-Azores, kif ukoll it-tagħmir tal-computing u tan-network u l-estensjoni tal-Parks tax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-Azores.

Is-sistema ta' inċentivi għat-tranżizzjoni diġitali tal-intrapriżi għandha l-għan li tappoġġa lin-negozji reġjonali fl-adattament u l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali.

L-investiment fil-Parks tax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-Azores (Nonagon u Terinov) għandu l-għan li jappoġġa l-kundizzjonijiet loġistiċi u teknoloġiċi tal-ekosistema intraprenditorjali tar-reġjun. Dan l-investiment għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija bbażata fuq it-teknoloġija f'setturi strateġiċi.

Is-sistema ta' Inċentiv tat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi hija strutturata madwar 3 linja ta' azzjoni, il-proġetti eliġibbli għandhom jikkontribwixxu għal mill-inqas wieħed minnhom:

- Linja ta' azzjoni 1 — biex jiġu appoġġati n-negozji reġjonali fl-adattament u l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali.
- Linja ta' azzjoni 2 — biex tiġi pprovduta l-possibbiltà għall-kumpaniji Azoreani li jużaw servizzi ta' konsulenza speċjalizzati għall-implimentazzjoni tal-aċċellerazzjoni tal-proċess tan-negozju u l-metodoloġiji taċ-ċibersigurtà.
- Linja ta' azzjoni 3 — biex tiġi appoġġata l-organizzazzjoni minn entitajiet pubbliċi jew privati ta' avvenimenti tematiċi biex jitrawmu sinerġiji tal-kumpaniji Azoreani permezz tal-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, għodod, metodoloġiji u l-aħjar prattiki.

L-investiment fil-Parks tax-Xjenza u t-Teknoloġija għandu jipprovdi assi ġodda tal-infrastruttura tan-network u tal-informatika (hardware) fil-Park tax-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Nonagon u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-Park tax-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Terinov. Għall-offerti, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁸⁵; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumex inqas mill-parametri

kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸⁵ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

referenzjarji rilevanti⁸⁶; III) attivitajiet relatati ma' mizblat tal-iskart, inċineraturi⁸⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁸⁸. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksibu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. Għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li huma meħtieġa biex tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-ADENE (l-Aġenzija Portugiża tal-Enerġija) jekk a) iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma jkunux jistgħu jinħarġu peress li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni ma jistax jiġi definit f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Digriet Liġi 101-D/2020, jew b) il-kost totali jkun inqas minn EUR 5 000 jew c) is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fl-2020 jew fl-2021. It-tnaqqis medju tad-domanda għall-enerġija primarja għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-domanda mnaqqsa għall-enerġija għal kull unità ta' kejl.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TD-C16-i06-RAM: L-intrapriża 4.0

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-mudelli kummerċjali tal-SMEs tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

Il-miżura għandha tappoġġa l-investiment fiż-żewġ oqsma li ġejjin:

- Assi tanġibbli, inkluż l-akkwist ta' makkinarju u tagħmir direttament relatati mal-investiment fit-tranżizzjoni diġitali, kif ukoll l-akkwist ta' tagħmir tal-IT, inkluż is-software meħtieġ għat-tħaddim tiegħu, direttament relatat mal-iżvilupp tal-proġett.
- Assi intanġibbli, inkluż it-trasferiment tat-teknoloġija permezz tal-akkwist ta' drittijiet ta' privattivi u software standardizzati jew żviluppat speċifikament.

Għall-offerti, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal

⁸⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieks sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiewx possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁸⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁸⁹; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁹⁰; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁹¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁹². It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

⁸⁹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁹⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁹¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁹² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
16.1	TD-C16-r31	M	Dħul fis-seħħ tar-rieżami tal-kontenut ta' taħriġ inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki rigward moduli fil-qasam tal-Ħiliet Diġitali u l-leġiżlazzjoni jew ir-regolament għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali	Dħul fis-seħħ tar-rieżami tal-kontenut ta' taħriġ inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki rigward moduli fil-qasam tal-Ħiliet Diġitali u l-leġiżlazzjoni jew ir-regolament għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali				IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-1	2022	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni jew regolamenti li ġejjin: (1) rieżami tal-kontenut tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki fil-qasam tal-ħiliet diġitali, jiġifieri moduli ta' taħriġ relatati ma' teknoloġiji u għodod, sabiex jiġu żviluppati l-ħiliet l-aktar meħtieġa fil-kuntest professjonali abbażi tad-dijanjożi tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet. (2) il-leġiżlazzjoni jew ir-regolamentazzjoni meħtieġa għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali fl-oqsma ta' ċibersigurtà, il-privatezza, is-sostenibbiltà u l-użu. Il-ħolqien ta' dan il-qafas legali u l-promozzjoni tal-fiduċja diġitali huma kundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-investment għas-siġilli diġitali previsti f'dan il-komponent.
16.2	TD-C16-i01	M	Bidu tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall u l-programmi tal-Impjiegi + Diġitali	Bidu tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall u l-programmi tal-Impjiegi + Diġitali				IT-TIE NI TRIMESTRU TAL-1	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-1 L-akkademja Diġitali tal-Portugall — (1) Il-pjattaforma online hija operazzjonali u aċċessibbli mill-utenti tagħha, (2) il-proċeduri dijanjożi huma definiti biex jivvalutaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ħiliet diġitali għat-trainees u biex jiddefinixxu l-korsijiet ta' taħriġ personalizzati li jeħtieġu, u l-ewwel sett ta' taħriġ online jitnieda u jkun aċċessibbli għat-trainees. L-impjiegi + Diġitali — (1) jiġu identifikati s-setturi ekonomiċi li għandhom jiġu mmirati u jiġu definiti l-isfidi diġitali ewlenin tagħhom li għandhom jiġu indirizzati mill-korsijiet; (2) jiġu identifikati s-sħab u l-partijiet ikkonċernati għall-implimentazzjoni tal-programm; (3) jitnieda l-programm ta' taħriġ u jinbeda t-taħriġ online, wiċċ imb wiċċ jew imħallat.
16.3	TD-C16-i01	T	Impjiegi + parteċipanti fit-taħriġ diġitali		Għadd	0	225 000	IT-TIE NI	2025	It-tieni TRIMESTRU TAT-3 L-għadd ta' parteċipanti fit-taħriġ li lestew modulu ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet online, wiċċ imb wiċċ jew imħallat, li jiffoka fuq il-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								TRI ME ST RU TA L-4		hillet diġitali li jindirizzaw l-isfidi tas-setturi ekonomiċi identifikati fil-programm Impjegi + Diġitali. Is-setturi ekonomiċi magħżula huma dawk identifikati fl-istadju importanti tal-ewwel trimestru tal-1 2022.
16.4	TD-C16-i01	T	Dijanjestika tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall		Għadd	0	500 000	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA L-4	2025	L-għadd ta' dijanjestika tal-hillet diġitali. 50 000 parteċipant għandhom ilestu modulu online mħallat jew wiċċ imb wiċċ fil-programm tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall. Barra minn hekk, 30 MOOC żviluppat għid għandu jkun disponibbli.
16.6	TD-C16-i02	T	Appoġġ għan-Network Nazzjonali tat-Testijiet		L-euro	0	30 000 000	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2024	Mill-inqas EUR 30 000 000 għandhom jiġihallu lill-bankijiet tat-test fin-network nazzjonali tas-sodod tat-test. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
16.7	TD-C16-i02	T	Bażijiet tat-Test magħżula għan-Network Nazzjonali tal-Beds tat-Testijiet		Għadd	0	30	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA T-3	2022	L-għadd ta' Beds tat-Testijiet magħżula biex jiġu installati aktar bit-tagħmir meħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti pilota fin-Network Nazzjonali tal-Bordijiet tat-Testijiet. Il-kopertura tas-setturi tal-industrija, kif ukoll is-subsetturi tagħhom għandha tikkorrispondi għal dawk proġettati għan-network tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali (DIH) sabiex jiġu ġġenerati sinerġiji u komplementarjetajiet man-network tad-DIH. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
16.8	TD-C16-i02	T	Appoġġ għan- Netwerk Nazzjonali tat-Testijiet		L-euro	30 000 000	131 000 000	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	Mill-inqas EUR 101 000 000 għandhom jitħallsu lill-bankijiet tat-test fin-network nazzjonali tas-sodod tat-test. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
16.9	TD-C16-i02	T	Il-viċinati tal- Kummerċ Diġitali		Għadd	0	75	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA T-3	2025	L-għadd ta' viċinati kummerċjali diġitali f'ċentri urbani, żoni suburbani jew rurali. Dawn l-investimenti għandhom ikopru l-konnettività u l-infrastruttura diġitali lokali, b'mod partikolari l-installazzjoni (jew it-titjib) ta' tagħmir u installazzjonijiet eżistenti tal-aċċess għall-internet tal-Wi-fi għall-klijenti f'żoni tax-xiri. Għandu jkopri wkoll l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-ġestjoni tal-konsenja tal-pakketti u l-adozzjoni ta' mezzi elettroniċi ta' pagament sabiex tiġi diġitalizzata l-esperjenza tal-konsumatur kif ukoll il-mudell kummerċjali tal-ħwienet. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
16.10	TD-C16-i02	T	SMEs appoġġati minn aċċelleraturi tal- kummerċ diġitali		Għadd	0	20 000	IT- TIE NI TRI ME ST RU TA T-3	2025	L-għadd ta' SMEs appoġġati permezz tal-ħolqien ta' 25 aċċelleratur tal-kummerċ diġitali lokali, reġjonali jew settorjali, kif ukoll sistema ta' inċentivi finanzjarji għad-diġitalizzazzjoni tal-mudelli kummerċjali tal-SMEs. L-appoġġ għandu jikkonsisti fil-valutazzjoni u d-dijanjożi tal-livell ta' diġitalizzazzjoni tal-SMEs benefiċjarji, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi u inċentivi mmirati biex tiżdied l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-mudell kummerċjali tal-benefiċjarji. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, l-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
16.11	TD-C16-i02	T	SMEs u inkubaturi u aċċeleraturi ta' negozji ġodda appoġġati direttament minn programmi ta' diġitalizzazzjoni		Għadd	0	5 600	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	SMEs appoġġati minn wieħed mill-programmi li ġejjin: (1) 1 500 — l-internazzjonalizzazzjoni permezz tal-kummerċ elettroniku; (2) 2 000 — ikkworjar 4.0; (3) 2 000 — vawċers għal Start-ups għall-iżvilupp ta' prodotti diġitali ġodda; 100 inkubatur u aċċeleraturi tal-istartjar appoġġati minn vawċers. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
16.12	TD-C16-i02	T	Negozji ġodda mmappjati fuq il-pjattaforma ta' Startup Portugal		Għadd	0	5 000	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-3	2025	L-għadd ta' negozji ġodda mmappjati billi jiġu identifikati l-karatteristiċi ewlenin tan-negozju tagħhom fuq il-pjattaforma Start-up Portugal. Il-pjattaforma l-ġdida għandha timmonitorja l-ekosistema ta' negozji ġodda, b'mod partikolari, iżda mhux limitat għal, negozji b'bażi diġitali. Il-pjattaforma għandha tkun disponibbli għall-ekosistema kollha (negozji ġodda, investituri, aċċeleraturi/Inkubaturi, entitajiet pubbliċi).
16.13	TD-C16-i03	T	Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali (DIHs)		Għadd	0	16	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA L-4	2021	L-għadd ta' konsorzji DIH magħżula bl-approvazzjoni tal-offerti. Il-ħolqien ta' kull DIH għandu jimplika sussegwentement il-pedament ta' inkubatur/aċċeleratur biex titrawwem l-ekosistema tal-intraprenditorija assoċjata mas-setturi koperti miċ-ċentru. Dan l-investment għandu jsaħħaħ u jikkomplementa n-network li diġà qed jiġi żviluppat fi ħdan il-Programm Ewropa Diġitali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
16.14	TD-C16-i03	M	L-istabbiliment ta' servizzi biex jintbagħtu fatturi diġitali u ċertifikazzjonijiet ta-ċibersigurtà, tal-privatezza, tal-użu u tas-sostenibbiltà	L-istabbiliment ta' servizzi biex jintbagħtu fatturi diġitali u ċertifikazzjonijiet ta-ċibersigurtà, tal-privatezza, tal-użu u tas-sostenibbiltà				IT-TIE NI TRI ME ST RU TA L-4	2023	Għandhom jiġu stabbiliti ħames servizzi ġodda għal: 1) it-trażmissjoni ta' fatturi diġitali; u 2) iċ-ċertifikazzjoni ta-ċibersigurtà, 3) iċ-ċertifikazzjoni tal-privatezza, 4) iċ-ċertifikazzjoni tal-użu u 5) iċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà; inklużi l-kampanji ta' disseminazzjoni relatati dwar is-servizzi kollha. Is-servizzi ta-ċertifikazzjoni għandhom jappoġġaw l-applikazzjonijiet u s-sottomissjoni tat-talbiet għaċ-ċertifikazzjoni, il-ġestjoni tal-proċessi, il-ħruġ u r-repożitorju ċentralizzat ta-ċertifikati u tas-siġilli maħruġa. Is-servizzi ta' ċertifikazzjoni għandhom jappoġġaw ukoll il-komunikazzjoni bejn is-sħab u l-entitajiet kollha involuti fil-proċessi, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' data proċedurali rilevanti għall-monitoraġġ tal-programm. Is-servizzi għandhom ikunu operattivi u aċċessibbli għall-utenti maħsuba.
16.15	TD-C16-i03	T	Appoġġ għall-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali		L-euro	0	43 000 000	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	Mill-inqas EUR 43 000 000 għandhom jitħallsu lill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
16.16	TD-C16-i04	T	Għażla tal-proġetti tal-Industrija 4.0		Għadd	0	200	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA L-4	2023	Għandhom jintgħażlu 200 proġetti tal-industrija 4.0. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mat-tipoloġija tal-azzjonijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-miżura. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
16.17	TD-C16-i04	T	Tlestija tal-proġetti tal-Industrija 4.0		Għadd	0	300	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	Għandhom jitlestew 300 proġetti tal-industrija 4.0. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mat-tipoloġija tal-azzjonijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-miżura.
16.18	TD-C16-i05-RAA	T	L-għadd ta' proġetti kkompletati fil-qafas tas-Sistema ta' Inċentiv tat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi		Għadd	0	350	IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	350 proġett għandhom jitlestew taħt il-qafas tas-Sistema ta' Inċentiv tat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mat-tipoloġija tal-azzjonijiet deskritti taħt il-linja tal-Azzjoni 1, il-Linja ta' Azzjoni 2 jew il-Linja ta' Azzjoni 3 fid-deskrizzjoni tal-miżura.
16.19	TD-C16-i05-RAA	M	Il-parks tax-Xjenza u t-Teknoloġija estiżi jew mġhammra	Infrastruttura tan-network u tal-computing installata u mibnija				IT-TIE NI TRI ME ST RU TA T-2	2026	Għandhom jiġu installati assi ġodda tal-infrastruttura tan-network u tal-informatika (hardware) fil-Park tax-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Nonangon u għandu jinbena bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' madwar 878 metru kwadru fil-Park tax-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Terinov. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.
16.20	TD-C16-i06-RAM	T	L-intrapriża 4.0		Għadd	0	300	IT-TIE NI TRI ME ST	2025	Għandhom jitlestew 300 proġett ta' diġitalizzazzjoni għall-SMEs. Il-proġetti għandhom jikkonsistu fl-iżvilupp jew fix-xiri ta' assi tanġibbli jew intanġibbli direttament relatati mal-investment fit-tranżizzjoni diġitali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti"

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
								RU TA L-4		(2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni kif speċifikat fid-deskrizzjoni tal-miżura u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Q. KOMPONENT 1: Il-kwalità u s-Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi

Il-komponent jindirizza l-isfidi relatati mal-proporzjon għoli tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Portugall, li ġie aggravat aktar minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Id-daqs tal-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Portugall jillimita l-ispazju fiskali disponibbli u, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, jitlob il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. F'dak il-kuntest, kundizzjonijiet qafas aktar b'saħħithom għall-politika fiskali huma mistennija li jikkontribwixxu għal perkors li jiffavorixxi aktar it-tkabbir għal sostenibbiltà fiskali aktar b'saħħitha. L-oġettiv tal-komponent huwa li jtejjeb il-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-Portugall u li jnaqqas il-lakuni eżistenti fir-riformi fiskali-strutturali. Fost l-oħrajn, dawn l-għanijiet jinkludu:

- it-tweġiq tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015 u l-bidliet strutturali assoċjati f'termini ta' sistemi tal-ibbaġitar, tal-kontabbiltà u tal-informazzjoni;
- iż-żieda fl-iffrankar fl-effiċjenza permezz ta' adozzjoni akbar ta' rieżamijiet ċentralizzati tal-akkwist u l-infiq, li huma ppjanati li jiġu integrati fil-proċess baġitarju regolari u soġġetti għal evalwazzjonijiet *ex post* sistematiki;
- it-titjib tal-prestazzjoni finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat permezz ta' trasparenza akbar, monitoraġġ imsaħħa u governanza aktar b'saħħitha, bil-maniġment isir aktar responsabbli u orjentat lejn il-prestazzjoni; u,
- it-tisħiħ tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tad-dħul — inklużi kemm l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana kif ukoll is-servizzi tas-Sigurtà Soċjali — permezz tal-isfruttament tal-ambitu disponibbli għal diġitalizzazzjoni akbar u aktar favorevoli għan-negozju.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex tittejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi, filwaqt li jsaħħaħ il-kontroll ġenerali tan-nefqa, il-kosteffiċjenza u l-ibbaġitar adegwat (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), ir-rakkomandazzjoni biex tittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat, filwaqt li jiġi żgurat monitoraġġ aktar f'waqtu, trasparenti u komprensiv (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), ir-rakkomandazzjoni biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, jiġu segwiti politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020) u r-rakkomandazzjoni biex tittejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi tingħata prijorità lis-simplifikazzjoni tal-qafas tagħha (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2022 u 2023). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma TD-r32: Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika

L-għan ġenerali tar-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u, b'mod partikolari, li jsaħħaħ il-kontroll tan-nefqa u l-ibbaġitar xieraq. Ir-riforma għandha wkoll l-għan li

żżid it-trasparenza u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi pubbliċi, permezz ta' ġestjoni aktar integrata tal-proċessi amministrattivi u finanzjarji fl-entitajiet kollha fi ħdan il-gvern ġenerali.

Ir-riforma hija riforma fiskali-strutturali komprensiva, li għandha tikkonsisti finizjattivi li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

- L-ewwel nett, il-passi gradwali għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015. Dawn għandhom jinkludu l-iżvilupp tal-ibbaġitar tal-programm u l-kontribut tiegħu għall-ippjanar u l-monitoraġġ baġitarju, kif ukoll id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tinfed l-Entità Kontabilistika tal-Istat. L-aġġornament sinifikanti ppjanat tas-sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni finanzjarja pubblika huwa mistenni wkoll li jiffaċilita l-aderenza mas-sistema kontabilistika bbażata fuq id-dovuti.
- It-tieni, ir-rieżamijiet tal-infiq huma integrati fiċ-ċiklu baġitarju annwali u soġġetti għall-evalwazzjoni ex post ta' kisbiet possibbli fl-effiċjenza.
- It-tielet, it-titjib fil-mandat tal-akkwist ċentralizzat għandu jiġi implimentat biex tissaħħaħ l-effiċjenza.
- Ir-raba', huwa ppjanat approċċ fuq żewġ binarji għall-intrapriżi tal-istat, fejn il-miżuri biex tiżdied it-trasparenza fid-divulgazzjoni tad-data finanzjarja għandhom jiġu kkomplementati b'passi biex tissaħħaħ il-governanza, inkluż permezz ta' kuntratti ta' ġestjoni msaħħa biex jixprunaw prattiki maniġerjali bbażati fuq l-inċentivi, u l-iffirmar ta' pjanijiet baġitarji u ta' attività.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment TD-C17-i01: Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika

L-oġġettiv tal-investment huwa li joperazzjonalizza r-riforma relatata tal-ġestjoni finanzjarja pubblika, bil-ħsieb li jtejjbu l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-investment huwa partikolarment kruċjali għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015.

L-investment għandu jikkonsisti f'subinvestimenti komplementari li, flimkien, għandhom jikkontribwixxu għall-ġestjoni integrata tad-dħul u l-infiq pubbliku. L-ewwel nett, is-sottoinvestimenti għandhom ikunu mmirati lejn soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jippermettu l-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet tal-gvern, filwaqt li jibnu fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi, l-awtomatizzazzjoni tal-kontabbiltà u l-integrazzjoni fis-sistemi ċentrali fil-Ministeru tal-Finanzi, li għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-ippjanar baġitarju, il-monitoraġġ u r-responsabbiltà. Dawn għandhom jinkludu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni li għandhom jippermettu l-ġestjoni tat-teżor tal-Istat b'mod integrat permezz tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat, u għall-aderenza ma' sistema ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti. Is-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-Entità Baġitarja għandha tiġi aġġornata bl-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda biex jappoġġaw it-tnejn tal-Baġit tal-Istat u funzjonalità ġdida għall-ibbaġitar tal-programmi. It-tieni, huma previsti wkoll żviluppi fis-sistemi ta' informazzjoni għall-akkwist ċentralizzat, kif ukoll fil-ġestjoni ta' vetturi pubbliċi u proprjetà immobbli.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment TD-C17-i02: Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana għat-tassazzjoni tal-proprjetà rurali

L-oġġettiv tal-investment huwa li javvanza bid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi kollha relatati mat-tassazzjoni tal-proprjetà rurali, b'mod partikolari tal-informazzjoni relatata — l-immappjar u l-

karatteristiċi assoċjati (bħall-għelejjel u l-potenzjal ekonomiku) — u l-użu tal-mili minn qabel għal obbligi dikjarattivi speċifiċi.

L-investment għandu jikkonsisti f'diversi sottoinvestimenti li jinkludu: I) id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni ta' appoġġ għall-matriċi tal-proprjetà; II) it-tisħiħ tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-preservazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proprjetà diġitalizzata; III) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u viżwalizzazzjoni għall-matriċi tal-proprjetà; IV) l-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni biex tappoġġa l-valutazzjoni katastali simplifikata tal-proprjetajiet rurali; V) l-iżvilupp ta' soluzzjoni ta' ġestjoni tal-informazzjoni ġeoreferenzjata; u vi) l-iżvilupp ta' servizzi dikjarattivi ta' mili minn qabel (b'mod partikolari għat-tassazzjoni tal-proprjetà immobbli u tranżazzjonijiet speċifiċi soġġetti għat-taxxa tal-boll).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment TD-C17-i03: Tranżizzjoni diġitali tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali

L-oġġettiv tal-investment huwa li jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali bl-għan li dawn isiru aktar faċli għall-utent, filwaqt li titrawwem l-effiċjenza u jitrażżnu l-frodi u l-evazzjoni.

L-investment għandu jikkonsisti f'passi biex: I) ittejjeb it-tfassil u l-organizzazzjoni tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali, abbażi tal-aġġornament tas-sistemi ta' informazzjoni sottostanti, fl-oqsma tal-benefiċċji soċjali, il-kontribuzzjonijiet soċjali, il-prevenzjoni tal-frodi, il-ġestjoni tal-informazzjoni, u l-mezzi ta' pagament; II) tiżviluppa u timplimenta mudell ġdid ta' relazzjonijiet, li huwa mistenni li jintegra d-diversi kanali ta' interazzjoni bejn iċ-ċittadini, id-ditti u s-servizzi tas-Sigurtà Soċjali permezz ta' approċċ omni-channel; III) jadattaw il-postijiet tax-xogħol tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali biex jippermettu arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli, bħat-telexogħol; IV) jimplimentaw infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni bbażata fuq soluzzjonijiet Cloud li għandhom il-potenzjal li jappoġġaw il-prestazzjoni u l-interoperabbiltà; u v) tirrevedi l-proċessi interni u tħarreġ lill-ħaddiema tas-Sigurtà Soċjali biex tappoġġa l-implimentazzjoni bla xkiel tal-investimenti u l-bidliet strutturali msemmija hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-riforma TD-C17-r40: Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa tal-Portugall. Ir-riforma għandha tintroduċi sistema permanenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni konsistenti tal-benefiċċji tat-taxxa ġodda u eżistenti ("*benefícios fiscais*")⁹³. Dan għandu jirriżulta f'simplifikazzjoni tal-qafas eżistenti, billi jitnaqqas l-għadd ta' benefiċċji tat-taxxa, jitnaqqas l-infiq tat-taxxa assoċjat tagħhom ("*despesas fiscais*"), u tissaħħaħ il-kosteffiċjenza ta' dawk il-benefiċċji tat-taxxa li jibqgħu.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'att legali li joħloq unità permanenti tal-politika tat-taxxa teknika (*Unidade Técnica de Avaliação Tributária e Aduaneira*, magħrufa wkoll bħala U-TAX) bil-mandat li timmonitorja u tevalwa b'mod sistematiku benefiċċji tat-taxxa ġodda u eżistenti u li tikkontribwixxi għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politiki tat-taxxa. L-unità tal-politika tat-taxxa għandha tikkontribwixxi wkoll għat-tnejjja ta' atti legali fil-qasam tat-tassazzjoni, f'kollaborazzjoni ma' entitajiet rilevanti oħra bħas-Centro de Estudos Fiscais e Aduaneiros (CEF). L-

⁹³ Il-kunċett ta' benefiċċju fiskali huwa ddefinit fl-Artikolu 2 tal-*Estatuto dos Benefícios Fiscais* (Anness għad-Digriet-Liġi Nru 215/1989 tal-1 ta' Lulju). L-infiq tat-taxxa huwa definit bħala l-impatt baġitarju li jirriżulta mill-benefiċċji tat-taxxa.

att legali għandu jispeċifika l-istruttura formali tal-U-TAX, inkluż l-organigramma tiegħu, il-funzjonament u l-kompiti tiegħu. L-U-TAX għandha tkun teknikament indipendenti mill-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana u twieġeb direttament lill-Ministru tal-Finanzi. L-U-TAX għandu jkun magħmul minn persunal tekniku permanenti b'għarfien espert fil-politiki tat-taxxa. L-att legali għandu jiddefinixxi wkoll l-interazzjonijiet formali bejn l-U-TAX u entitajiet pubbliċi u privati rilevanti oħra, bħala istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi, u jipprevedi d-definizzjoni ta' ftehimiet ta' kondiviżjoni tad-data bejn l-U-TAX u l-entitajiet pubbliċi rilevanti, bħala l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana u l-Istitut tal-Istatistika Portugiż (INE). L-att legali għandu jiżgura wkoll l-impenn tal-U-TAX dwar il-kwalità u t-trasparenza tar-rapporti analitiċi tiegħu u dwar il-preservazzjoni tal-istandards tal-kwalità tad-data. Din l-unità tal-politika tat-taxxa għandha tippubblika rapport ta' valutazzjoni b'analiżi kost-benefiċċji dwar il-benefiċċji tat-taxxa eżistenti, bi kriterji ta' effiċjenza u effettività, u kunsiderazzjonijiet ambjentali. Wara din il-valutazzjoni għandha ssir reviżjoni tal-qafas legali ta' sett sostanzjali ta' benefiċċji tat-taxxa.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Q.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
17.1	TD-C17-r32	T	Tlesti t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda tal-akkwist għas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku kif previst fil-pjan strateġiku 2020–2023 tal-entità tas-servizzi kondiviżi tal-amministrazzjoni pubblika		Għadd	0	10	IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2022	L-għadd ta' ftehimiet qafas u mudelli ta' kuntrattar riveduti, sabiex: I) il-promozzjoni tas-simplifikazzjoni amministrattiva; it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll; irawmu kunsiderazzjonijiet dwar il-kosteffiċjenza u r-razzjonalizzazzjoni; IV) twessa' l-lista ta' oġġetti u servizzi soġġetti għal akkwist ċentralizzat; u, v) tippromwovi l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati interni u esterni.
17.2	TD-C17-r32	M	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tinfexx l-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tinfexx l-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni sekondarja (u/jew linji gwida amministrattivi) biex jiġi rregolat liema entrati speċifiċi ta' dħul u nefqa għandhom jiġu inklużi fil-baġit tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat, f'konformità sħiħa mal-Artikoli 49 u 55 tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015.
17.3	TD-C17-r32	M	Tlestija u approvazzjoni tal-mudell għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali	Tlestija u approvazzjoni tal-mudell għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2022	It-tlestija u l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi tal-mudell għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015 u l-prinċipji bbażati fuq id-dovuti tal-istandard tal-kontabbiltà għall-amministrazzjoni pubblika.
17.4	TD-C17-r32	M	Adozzjoni tal-mudell tal-ikkostjar għall-ibbaġittjar tal-programmi	Adozzjoni ta' leġiżlazzjoni għall-mudell tal-ikkostjar għall-				IT-TIEN I TRI	2025	L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja (u/jew linji gwida amministrattivi) biex jiġu stabbiliti l-prinċipji għall-ispiża u l-monitoraġġ tal-konformità mal-indikaturi bbażati fuq il-prestazzjoni definiti għal kull programm baġitarju u politika pubblika, bil-ħsieb li jidhru fis-seħħ sa Q1–2027.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				ibbaġitjar tal-programmi				MES TRU TAL-4		
17.5	TD-C17-r32	M	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jiġu integrati r-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju regolari, inkluża l-evalwazzjoni ex post tal-iffrankar fl-effiċjenza	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rieżamijiet tal-infiq sabiex jiġu integrati bis-sħiħ fil-proċess baġitarju annwali u fil-qafas baġitarju ta' terminu medju tal-Portugall. Il-proċess jinkludi d-dijanjożi, it-tfassil ta' soluzzjonijiet u d-definizzjoni ta' mudell li jippermetti l-ġenerazzjoni ta' kisbiet fl-effiċjenza fil-forniment ta' servizzi pubbliċi u jwessa' r-rieżamijiet tal-infiq għal setturi addizzjonali fi ħdan il-gvern ġenerali. Minbarra l-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju annwali, dawn għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet ex post annwali biex jiġu aċċertati l-kisbiet fl-effiċjenza miksuba.
17.6	TD-C17-r32	M	Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni skont is-sistema l-ġdida ta' inċentivi/penali għall-ġestjoni ta' intrapriżi tal-Istat	Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2021	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Id-dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni li għandu jiġi ffirmat mal-manigġers pubbliċi maħtura fil-Bordijiet tad-Diretturi tal-intrapriżi tal-istat, sabiex tiżdied ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont fil-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi permezz ta' sistema ġdida ta' inċentivi/penali orjentati lejn il-prestazzjoni.
17.7	TD-C17-r32	M	Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid għall-analiżi u l-iżvelar tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat	Dħul fis-seħħ tar-rapport il-ġdid li jagħti dettalji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2022	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Id-dħul fis-seħħ tar-rapport il-ġdid li jagħti dettalji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat fuq bażi regolari u f'waqtha, li jinkorpora d-data finanzjarja miġbura permezz tas-sistema l-ġdida ta' informazzjoni tas-settur tal-intrapriżi tal-istat.
17.8	TD-C17-r32	T	L-għadd ta' pjanijiet tal-baġit u tal-attivitajiet tal-intrapriżi tal-istat approvati b'mod konsistenti mill-Ministru tal-Finanzi u/jew mill-Ministru		Għadd	0	136	IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2025	L-għadd ta' pjanijiet tal-baġit u tal-attivitajiet tal-intrapriżi tal-istat għall-2025 ivvalutati sa Q2-2025. Il-pjanijiet tal-baġit u tal-attivitajiet jiġu ppreżentati kull sena minn intrapriżi statali li jkopru perjodu ta' tliet snin. Dawn il-pjanijiet tal-baġit u tal-attività jinkludu l-informazzjoni li ġejja dwar l-intrapriżi tal-istat: (i) linji ta' azzjoni ewlenin, (ii) portafoll tas-servizzi, (iii) riżorsi umani, (iv) pjan ta' investment, (v) livelli ta' attività ta' assistenza u (vi) dikjarazzjoni ekonomika-finanzjarja. Dawn il-pjanijiet tal-baġit u tal-attività jispjegaw ukoll iż-żidiet fl-effiċjenza u fil-produttività li għandhom jiżguraw is-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat fuq terminu medju u twil.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			(i) tal-linja rispettiv (i)							
17.9	TD-C17-i01	M	Tlestija tal-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat	Tlestija tal-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat				IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2024	Tlesti l-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat, f'konformità sħiħa mal-Artikoli 49 u 55 tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015.
17.10	TD-C17-i01	M	Funzjonalitajiet ġodda tas-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tappoġġa t-tnejn tal-Baġit tal-Istat	Funzjonalitajiet ġodda tas-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni, inkluż l-ibbaġitjar tal-programmi				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2024	Baġit Entity information technology solution (SIGO <i>jew Sistema de Informação de Gestão Orçamental</i>) aġġornat bl-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda biex jappoġġaw it-tnejn tal-Baġit tal-Istat, u għal programmi baġitarji bbażati fuq il-prestazzjoni.
17.11	TD-C17-i01	M	Bidu tat-tħaddim ta' sistema ta' informazzjoni ta' appoġġ għall-mudell il-ġdid ta' kontroll baġitarju u finanzjarju	Sistema ta' informazzjoni li qed titħaddem				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' sistema ta' informazzjoni ta' appoġġ biex jiġu żgurati l-kontroll u l-monitoraġġ ta' informazzjoni baġitarja/kontabilistika skont il-formati l-ġodda stabbiliti fil-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015 mill-entitajiet kollha tal-amministrazzjoni pubblika.
17.12	TD-C17-i01	T	Sistemi ta' informazzjoni tas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku		Għadd	0	11	IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2024	Sistemi ta' informazzjoni tas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku li qed tintuża biex: I) il-promozzjoni tas-simplifikazzjoni amministrattiva; it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll; irawmu kunsiderazzjonijiet dwar il-kosteffiċjenza u r-razzjonalizzazzjoni; IV) twessa' l-lista ta' oġġetti u servizzi soġġetti għal akkwist ċentralizzat; u, v) tippromwovi l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati interni u esterni.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
17.13	TD-C17-i01	M	Tlestija tal-implimentazzjoni tas-Sistema de Gestão de Património Imobiliário Público (SIGPIP) u tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni għal vetturi tal-istat	L-implimentazzjoni kompluta tas-SIGPIP u l-bidu tal-operat tas-sistemi ta' informazzjoni għall-vetturi tal-istat				IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2026	It-tlestija tal-implimentazzjoni tas- "Sistema de Gestão de Património Imobiliário Público" (SIGPIP) li għandha tiġġestixxi l-informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli pubblika. Żewġ sistemi ta' informazzjoni ġodda li qed jitħaddmu għall-inventarju u l-monitoraġġ ta' vetturi tal-istat.
17.14	TD-C17-i01	M	It-tlestija tal-implimentazzjoni taċ-ċentru ta' operazzjoni ta' sigurtà	Tlestija tal-implimentazzjoni taċ-ċentru ta' operazzjoni ta' sigurtà				IT-TIEN I TRI MES TRU TAL-4	2025	It-tieni TRIMESTRU TAL-4 It-tlestija tal-implimentazzjoni taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tas-sigurtà biex ikun hemm aktar sigurtà tal-informazzjoni u aċċess għad-data, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà.
17.15	TD-C17-i02	M	Tlesti l-implimentazzjoni tal-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli (IMI), abbażi tad-data disponibbli għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana	Tlesti l-implimentazzjoni tal-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli (IMI)				IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2022	Il-kondiviżjoni tad-data bejn l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana u l-muniċipalitajiet għall-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli ("Imposto Municipal sobre Imóveis", IMI), filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-informazzjoni eżistenti dwar il-proprjetajiet fis-sistemi ta' informazzjoni rispettivi.
